IL-KRIŻI DINJIJA

U T-TRIQ

GĦALL-PAĊI

MIRŻA MASROOR AĦMAD

Il-KRIŻI DINJIJA
U
T-TRIQ GĦALL-PAĊI

IL-KRIŻI DINJIJA U T-TRIQ GĦALL-PAĊI

Ġabra ta' Diskorsi u Ittri

ta'

Mirża Masroor Aħmad

Imam u Mexxej tal-Komunità Dinjija Aħmadija Musulmana, il-Ħames Suċċessur tal-Messija Mwiegħed[as], jalla Alla s-Setgħani jkun ta' għajnuna għalih.

AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA

World Crisis and the Pathway to Peace in Maltese Language

IL-KRIŻI DINJIJA U T-TRIQ GĦALL-PAĊI

Ġabra ta' Diskorsi u Ittri
ta'
Ħażrat Mirża Masroor Aħmad[aba]
Imam u Mexxej tal-Komunità Aħmadija Musulmana

Pubblikat għall-ewwel darba fir-Renju Unit 2012
© Islam International Publications Ltd.
Tradott għall-Malti u ppubblikat f'Malta (2013)

Traduzzjoni u Editjar Minn
Karl Coleiro, Godfrey Magri,
Laiq Ahmed Atif

Pubblikazzjoni ta'

AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA

Mob: +356-79320139 • **Tel:** +356-27342401
Tel: +356-21322105 • **Fax:** +356-27322105
E: amjmalta@gmail.com
www.ahmadija.org.mt
www.ahmadiyyamalta.org

Dan il-ktieb qiegħed jinbiegħ bil-kundizzjoni li ma jistax jerġa' jinbiegħ jew jiġi stampat b'xi mod mekkaniku jew elettroniku, inkluż fotokopjar jew rikording, jew b'xi sistema oħra ta' ġbir ta' informazzjoni, mingħajr il-permess bil-miktub tal-pubblikatur.

ISBN 978-1-84480-671-3

WERREJ

Dwar l-Awtur 7
Introduzzjoni 11

Diskorsi

Il-Perspettiva Iżlamika dwar il-Kriżi Globali 19

It-Tagħlim Iżlamiku dwar il-Lealtà u l-Imħabba lejn in-Nazzjon 39

Il-Konsegwenzi Qerrieda ta' Gwerra Nukleari u l-Ħtieġa Immedjata għal Ġustizzja Sħiha 55

It-Triq għall-Paċi – Relazzjonijiet Ġusti Bejn in-Nazzjonijiet 81

Iċ-Ċavetta għall-Paċi – l-Għaqda Globali 111

Il-Musulmani Jistgħu Jintegraw fis-Soċjetajiet tal-Punent? 133

Ittri Lill-Mexxejja Tad-Dinja

Ittra lill-Qdusija Tiegħu l-Papa Benedittu XVI 153

Ittra lill-Prim Ministru ta' Iżrael 159
Ittra lill-President tar-Repubblika Iżlamika tal-Iran 165

Ittra lill-President tal-Istati Uniti tal-Amerka 171

Ittra lill-Prim Ministru tal-Kanada 177

Ittra lill-Gwardjan taż-Żewġ Imkejjen Qaddisa r-Re tas-Saltna tal-Arabja Sawdita 183

Ittra lill-Mexxej tal-Kunsill tal-Istat tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina 189

Ittra lill-Prim Ministru tar-Renju Unit 195

Ittra lill-Kanċillier tal-Ġermanja 201

Ittra lill-President tar-Repubblika Franċiża 207

Ittra lill-Maestà Tagħha r-Reġina tar-Renju Unit u l-Artijiet tal-Commonwealth 213

Ittra lill-Mexxej Suprem tar-Repubblika Iżlamika tal-Iran 219

Nota tal-Pubblikatur 225
Glossarju 227

DWAR L-AWTUR

Il-Qdusija Tiegħu, Mirża Masroor Aħmad, Kalifatul Masiħ V[aba], huwa l-Mexxej Suprem tal-Komunità Dinjija Aħmadija Musulmana [Ahmadiyya Muslim Jamaat]. Huwa l-Ħames suċċessur u l-proneputi tal-Messija Mwiegħed u Riformatur, Ħażrat Mirża Gulam Aħmad[as] ta' Kadjan.

Il-Qdusija Tiegħu twieled fil-15 ta' Settembru, 1950, f'Rabwah, il-Pakistan, lil Mirża Mansoor Aħmad u Nasirah Begum Aħmad, it-tnejn illum neqsin. Wara li temm il-Masters Degree fl-Ekonomija Agrikola fl-1977 mill-Università Agrikola ta' Faisalabad, il-Pakistan, huwa ddedika formalment il-ħajja tiegħu għas-servizz tal-Iżlam. Ix-xogħol altruwistiku tiegħu ħadu l-Gana fl-1977 fejn, għal diversi snin, huwa serva bħala l-prinċipal ta' għadd ta' skejjel Musulmani Aħmadin. Huwa għen biex tiġi inawgurata l-Iskola Sekondarja Aħmadija Salaga, fejn mexxa bħala prinċipal fl-ewwel sentejn tal-iskola.

Wara li ġie elett għal ħajtu kollha fil-pożizzjoni ta' Kalif tal-Komunità Aħmadija Musulmana fit-22 ta' April 2003, huwa jservi bħala l-kap dinji spiritwali u amministrattiv ta' organizzazzjoni internazzjonali reliġjuża li tħaddan fiha għexieren ta' miljuni ta' membri mxerrda f'200 pajjiż.

Minn mindu ġie elett Kalif, il-Qdusija Tiegħu mexxa kampanja fid-dinja kollha biex iwassal il-messaġġ ta' paċi tal-Iżlam, anki bis-saħħa tal-midja stampata u diġitali. Taħt it-tmexxija tiegħu, il-friegħi nazzjonali tal-Komunità Aħmadija Musulmana nedew kampanji li jirriflettu t-tagħlim ġenwin mimli messaġġi ta' sliem tal-Iżlam. Il-Musulmani Aħmadin fid-dinja kollha huma impenjati bis-sħiħ biex iqassmu miljuni ta' fuljetti dwar il-Paċi kemm lill-Musulmani kif ukoll lil dawk li mhumiex, jorganizzaw fora għal reliġjonijiet differenti u konferenzi dwar il-paċi, u jtellgħu wirjiet dwar il-Koran Imqaddes biex iwasslu l-messaġġ sinċier u nobbli tiegħu. Dawn il-kampanji, li ngħataw ħafna spazju fil-mezzi tax-xandir, juru kemm l-Iżlam jemmen fil-paċi, fil-lealtà lejn il-pajjiż ta' residenza, u s-servizz lejn l-umanità kollha.

Fl-2004, il-Qdusija Tiegħu organizza għall-ewwel darba s-Simpożju Nazzjonali tal-Paċi fejn għadd ta' mistednin minn kull qasam tal-ħajja ltaqgħu flimkien biex jaqsmu l-ideat dwar il-promozzjoni tal-paċi u l-armonija. Ta' kull sena, dan is-simpożju jattira ħafna ministri tal-gvern, membri parlamentari, politikanti, mexxejja reliġjużi, u dinjitarji oħra. Il-Qdusija Tiegħu vvjaġġa immensament biex jippromwovi u jiffaċilita s-servizz lill-umanità. Taħt it-tmexxija tal-Qdusija Tiegħu, il-Komunità Aħmadija Musulmana bniet għadd ta' skejjel u sptarijiet li jipprovdu faċilitajiet tal-aqwa kwalità f'żoni remoti tad-dinja.

Il-Qdusija Tiegħu, Mirża Masroor Aħmad, bħalissa jinsab residenti f'Londra, l-Ingilterra. Bħala mexxej spiritwali tal-Musulmani Aħmadin imxerrda mad-dinja kollha, huwa jissapportja bil-qawwa kollha l-kawża tal-Iżlam u jwassal messaġġ dejjem iġded ta' paċi u kompassjoni.

Ħażrat Mirża Masroor Aħmad
Kalifatul Masiħ V[aba]

INTRODUZZJONI

Id-dinja bħalissa għaddejja minn żminijiet imwiegħra ħafna. Il-kriżi ekonomika globali qed tkompli tikxef perikli ġodda u aktar serji kważi kull ġimgħa. It-tixbihat mal-perjodu ta' ftit qabel it-Tieni Gwerra Dinjija jibqgħu jissemmew u huwa evidenti li l-ġrajjiet qed iqarrbu lid-dinja b'pass dejjem aktar mgħaġġel lejn it-Tielet Gwerra Dinjija li tkun definittivament devastanti. Ħafna nies qed iħossu li l-affarijiet qed jitilfu l-perspettiva tagħhom b'ritmu mgħaġġel u għaldaqstant huma qed ifittxu lil xi ħadd li jista' jieħu r-riedni f'idejh u joffrilhom direzzjoni soda u b'saħħitha li biha jistgħu jerġgħu jkattru l-kunfidenza u li tista' taffettwa kemm lil moħħhom kif ukoll lil qalbhom bl-istess mod u li tagħtihom it-tama li hemm triq li tista' twassal għall-paċi. Il-konsegwenzi ta' gwerra nukleari huma tant katastrofiċi li ħadd ma jazzarda joqgħod jhewden fuqhom.

Ħawnhekk, f'dan il-ktieb, ġbarna l-linji gwida mfassla minn Ħażrat Mirża Masroor Aħmad, il-Mexxej tal-Komunità Aħmadija Musulmana mxerrda mad-dinja kollha. Tul dawn l-aħħar snin, hekk kif żvolġew iċ-ċirkustanzi, huwa ma beżax juri lid-dinja 'l fejn sejrin l-affarijiet – mhux biex iqajjem

paniku iżda biex jgħin lin-nies jaħsbu dwar kif id-dinja sabet ruħha f'dan l-istat u kif din tista' tevita diżastru u kif tista' tfassal triq għall-paċi u s-sigurtà għall-popli kollha li jgħixu f'dan il-villaġġ globali. Huwa ddikjara ġenwinament li l-uniku mod kif tiġi assigurata l-paċi fid-dinja huwa li jiġu adottati l-virtujiet tal-umiltà u tal-ġustizzja, u li umilment, b'sens ta' ubbidjenza, nerġgħu nersqu lejn Alla; li l-bniedem jerġa' jsir karitatevoli; li min hu b'saħħtu jittratta lil min hu dgħajjef b'dinjità, b'rispett, u b'ġustizzja; li d-dgħajfin u l-foqra juru wkoll gratitudni u jadottaw il-mogħdijiet tal-verità u tal-ħaqq; u li kulħadd jerġa' jdur lejn il-Ħallieq Tiegħu b'umiltà totali u sinċerità sħiħa.

Ripetutament huwa fakkar lil kulħadd li l-uniku mod kif in-nazzjonijiet jitbiegħdu mit-tarf ta' diżastru huwa li jagħmlu l-ġustizzja l-kundizzjoni assoluta fin-negozjati tagħhom ma' xulxin. Anki jekk ikun hemm il-mibegħda bejniethom xorta waħda għandhom jittrattaw lil xulxin b'mod ġust għaliex l-istorja għallmitna li dan huwa l-uniku mod ta' kif nistgħu neliminaw kull traċċa ta' mibegħda fil-futur, u b'hekk titwaqqaf il-paċi għal tul ta' żmien.

Dan huwa t-tagħlim tal-Koran Imqaddes li huwa għamel aċċenn għalih fl-ittri li bagħat lill-mexxejja tad-dinja:

U tħallux il-mibegħda ta' poplu, li fixkilkom milli tersqu lejn il-Moskea Sagra, tħeġġiġkom biex tiksru l-liġi. Għinu lil xulxin b'onestà u rispett; iżda tgħinux lil xulxin fid-dnub u fil-vjolazzjoni tal-moralità. U ibżgħu minn Alla; tabilħaqq, Alla huwa sever fil-kastigi tiegħu. (Il-Koran Imqaddes - 5:3)

Fl-ittra tiegħu lill-Prim Ministru ta' Iżrael, huwa kiteb:

> Għalhekk, hija t-talba tiegħi li minflok ma twasslu lid-dinja f'xifer ta' Gwerra Dinjija, intom tagħmlu l-isforzi kollha tagħkom biex issalvaw lid-dinja minn katastrofi globali. Minflok ma tirrisolvu l-argumenti bil-forza, għandkom issibu kompromess bis-saħħa tad-djalogu, ħalli nkunu nistgħu nirregalaw lill-ġenerazzjonijiet li ġejjin b'futur sabiħ minflok ma nirregalawlhom diżabilitajiet u difetti.

Huwa widdeb lill-President tar-Repubblika Iżlamika tal-Iran:

> Bħalissa d-dinja għaddejja minn żminijiet diffiċli ħafna. F'ċerti żoni faqqgħu gwerer fuq skala żgħira, filwaqt li f'postijiet oħra s-superpotenzi jaġixxu bl-iskuża li qed jaħdmu biex jistabbilixxu l-paċi. Kull pajjiż huwa involut f'attivitajiet li jew qed jgħinu jew inkella qed ifixklu lil pajjiżi oħra, iżda l-implimentazzjoni tal-ġustizzja mhix qiegħda ssir. B'dispjaċir kbir ngħid li jekk nosservaw iċ-ċirkostanzi attwali tad-dinja, insibu li diġà tqiegħed il-pedament għal gwerra oħra dinjija.

Lill-President Obama kitiblu:

> Bħalma lkoll nafu, il-kawżi ewlenin li wasslu għat-tfaqqigħ tat-Tieni Gwerra Dinjija kienu l-falliment tal-Lega tan-Nazzjonijiet u l-kriżi ekonomika, li bdiet fl-1932. Illum l-aqwa ekonomisti jsostnu li hemm ħafna tixbih bejn il-kriżi ekonomika attwali u dik tal-1932. Aħna qed nosservaw li l-problemi politiċi u ekonomiċi għal darba oħra qed iwasslu biex nazzjonijiet żgħar jispiċċaw fi gwerra bejniethom, u li l-iskuntentizza u l-ġlied intern qed jiżdiedu b'rata mgħaġġla f'dawn

> il-pajjiżi. Dan fl-aħħar mill-aħħar iwassal biex ċerti organizzazzjonijiet jiksbu t-tmun tat-tmexxija, u mbagħad dawn iressquna lejn gwerra dinjija. Jekk, fil-pajjiżi ż-żgħar, il-konflitti mhumiex se jiġu riżolti bis-saħħa tal-politika jew id-diplomazija, allura dan se jwassal biex jiġu ffurmati blokok u għaqdiet ġodda fid-dinja. Dan ikun is-sinjal għall-bidu tat-tfaqqigħ tat-Tielet Gwerra Dinjija. Għaldaqstant, jiena nemmen li issa, aktar milli niffukaw fuq il-progress fid-dinja, huwa aktar importanti, anzi essenzjali, li nkattru malajr kemm jista' jkun l-isforzi tagħna biex insalvaw id-dinja minn din il-qirda. Tinħass il-ħtieġa urġenti għall-umanità li tagħraf lil Alla l-Waħdieni, li Huwa l-Ħallieq tagħna, għax din hija l-unika garanzija għas-sopravivenza tal-umanità; inkella, id-dinja tkompli tersaq aktar viċin lejn id-distruzzjoni tagħha nnifisha.

Lill-Prim Ministru Wen Jaibao tal-Istat tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, huwa kiteb:

> Hija t-talba tiegħi li l-mexxejja tad-dinja jaġixxu b'għaqal u ma jippermettux li r-rivalitajiet reċiproċi bejn in-nazzjonijiet u n-nies li jeżistu fuq skala żgħira jfaqqgħu f'kunflitt globali.

Huwa kiteb hekk lill-Prim Ministru tar-Renju Unit:

> Hija x-xewqa tiegħi li f'kull livell u f'kull direzzjoni għandna nagħmlu ħilitna biex neqirdu l-fjammi tal-mibegħda. Huwa biss jekk ikollna suċċess f'din il-ħaġa li nkunu nistgħu niggarantixxu futuri isbaħ għall-ġenerazzjonijiet li ġejjin. Madanakollu, jekk infallu f'dan it-tentattiv, ma jkun hemm l-ebda dubju f'moħħna li bħala riżultat tal-ġlied nukleari, il-ġenerazzjonijiet

futuri kullimkien ikollhom iġorru l-konsegwenzi terribbli tal-azzjonijiet tagħna u qatt ma jaħfru lil missirijiethom talli wasslu lid-dinja għal katastrofi globali. Nerġa' nfakkrek mill-ġdid li l-Gran Brittanja hija wkoll wieħed minn dawk il-pajjiżi li tista', u fil-fatt hekk tagħmel, tinfluwenza d-dinja żviluppata kif ukoll lil dawk il-pajjiżi li qed jiżviluppaw. Inti tista' sservi ta' gwida f'din id-dinja, jekk dejjem tixtieq, billi twettaq il-kondizzjonijiet tal-ekwità u l-ġustizzja. B'hekk, il-Gran Brittanja u potenzi kbar oħra għandhom iwettqu dmirhom biex jistabbilixxu l-paċi fid-dinja. Jalla Alla s-Setgħani jgħin lilek u mexxejja oħra tad-dinja biex jifhmu dan il-messaġġ.

Hija t-talba sinċiera tagħna li l-għerf miġbur hawnhekk iservi bħala sors ta' gwida lill-umanità f'dawn iż-żminijiet ta' periklu kbir ħalli jekk jaġixxi fuq il-prinċipji tal-ġustizzja u l-umiltà u jekk jersaq lejn Alla, il-bniedem jitbierek b'paċi li ttul għal dejjem! (Ammen).

Il-Pubblikaturi

DISKORSI

IL-PERSPETTIVA IŻLAMIKA FUQ IL-KRIŻI GLOBALI

IL-PARLAMENT BRITANNIKU,
HOUSE OF COMMONS, LONDRA, UK, 2008

Ħażrat Mirża Masroor Aħmad, Kalifatul Masiħ V[aba] jagħmel id-diskors prinċipali tiegħu fil-'House of Commons', l-Ingilterra



Żjara uffiċjali ġewwa l-House of Commons, korteżija ta' Justine Greening MP

Fl-ordni li qegħdin jidhru:
Taħt: Lord Avebury (Kelliem Uffiċjali Liberali Demokratiku għall-Affarijiet Barranin); Onor. Hazel Blears MP (Segretarju tal-Istat għall-Komunitajiet u Gvern Lokali); Ħażrat Mirża Masroor Aħmad, Kalifatul Masiħ V[aba]; Justine Greening MP (Shadow Treasury Minister); Gillian Merron MP (Ministru għall-Affarijiet Barranin); Kunsilliera Louise Hyams (Sindku ta' Westminster). Fuq: Jeremy Hunt MP (Shadow Culture Minister); Rafiq Hayat (President tal-Komunità Aħmadija fl-Ingilterra); Virendra Sharma MP, Onor. Malcolm Wicks MP (Ex-Ministru tad-Dipartiment għan-Negozju, Intrapriża u Riformi Regolatorji); Rob Marris MP, Simon Hughes MP (President tal-Partit Demokratiku Liberali); Martin Linton MP; Alan Keen MP.

Daħla

Indirizz storiku minn Ħażrat Mirża Masroor Aħmad, Kalifatul Masiħ V[aba], Kap tal-Komunità Musulmana Aħmadija Dinjija fil-*House of Commons* (il-Parlament Britanniku) nhar it-22 ta' Ottubru 2008.

Ir-riċeviment kien organizzat minn Justine Greening, MP għal Putney, fejn tinsab il-Moskea Fazl, il-Kwartieri Ġenerali tal-Komunità Musulmana Aħmadija, ad unur it-tkomplija tal-100 sena ta' Khilafat-e-Ahmadiyya [Kalifat l-Aħmadija].

Mistiedna għal dan ir-riċeviment kien hemm Gillian Merron MP, l-Onorevoli Hazel Blears MP, Alan Keen MP, Dominic Grieve MP, Simon Hughes MP, Lord Eric Avebury u wkoll membri distinti tal-istampa, politikanti u professjonisti.

Il-Perspettiva Iżlamika fuq il-Kriżi Globali

"*Bismillahir-Rahmanir-Raheem* – F'isem Alla, mimli bil-Grazzja u l-Ħniena.

L-ewwel nett nixtieq nirringrazzja lill-venerabbli u lill-onorevoli Membri tal-Parlament, mistednin li ppermettew lil kap ta' organizzazzjoni reliġjuża biex jgħidilkom kelmtejn. Jien grat ħafna lejn il-Membru Parlamentari, Justine Greening, persuna rispettata ħafna mir-reġjun tagħna, li tant ħadmet biex torganizza dan l-avveniment f'ġieħ il-komunità żgħira tal-kostitwenza tagħha fl-okkażjoni taċ-Ċentinarju tal-Kalifat. Dak juri l-kobor tagħha, il-qalb miftuħa tagħha u t-tħassib tagħha għas-sentimenti ta' kull poplu u kull komunità fil-kostitwenza tagħha.

Għalkemm il-Komunità Aħmadija Musulmana [Ahmadiyya Muslim Jamaat] hi komunità żgħira, hi l-komunità li tiġġieled għal kawżi ġusti u hi r-rappreżentanta ġenwina tat-tagħlim veru tal-Iżlam. Madankollu, ikolli ngħid li kull Aħmadi li jgħix fil-Gran Britannja hu estremament ċittadin leali tal-pajjiż u jħobbu; u dan hu minħabba t-tagħlim tal-Profeta[sa] tagħna li għallimna li l-imħabba lejn pajjiżu hi

parti integrali tal-fidi tiegħu.* It-tagħlim tal-Iżlam ġie aktar elaborat u enfasizzat mill-fundatur tal-Komunità Aħmadija li aħna nemmnu li hu l-Messija Mwiegħed[as] u r-Riformatur ta' dan iż-Żmien.

Hu beda billi ħabbar l-affermazzjoni tiegħu li Alla li Jista' Kollox poġġa żewġ piżijiet fuqi. Wieħed hu d-dritt ta' Alla u l-ieħor il-piż tal-ħolqien ta' Alla. Kompla jgħid li taqdi d-dmir u tagħti d-drittijiet tagħhom lill-ħolqien ta' Alla kienet l-iktar sfida diffiċli u delikata.*

B'riferenza għall-Kalifat, intom tistgħu tibżgħu li jista' jiġi żmien meta l-istorja tirrepeti ruħha u li jistgħu jinqalgħu gwerer b'riżultat ta' din il-forma ta' tmexxija. Ħalluni, madankollu, nassigurakom li għalkemm din l-akkuża titpoġġa kontra l-Iżlam, Jekk Alla Jrid, l-Kalifat tal-Aħmadija dejjem tkun magħrufa bħala dik li tkun fuq quddiem nett biex tmexxi l-kawża għall-paċi u għall-armonija fid-dinja, kif ukoll li tkun leali lejn il-pajjiż fejn il-membri tagħha jkunu joqogħdu.

Il-Kalifat tal-Aħmadija qiegħed ukoll hawn biex jipperpetwa u jkompli l-missjoni tal-Messija u l-Maħdi, għalhekk assolutament m'hemm l-ebda raġuni ta' biża' mill-Kalifat. Dan il-Kalifat jiġbed l-attenzjoni tal-membri tal-komunità lejn it-twettiq ta' dawn iż-żewġ obbligazzjonijiet li għalihom il-Messija Mwiegħed[as] ġie u bħala riżultat jipprova joħloq paċi u armonija fid-dinja.

---

* *Tafsir-e-Haqqi, Surah al-Qasas*, no. 86, u *Fatħul-Bari fi Sharh Saħiħ al-Bukħari*, Babo Qaulillahi Ta'ala Wa'tul-boyuta… u *Toħfatul-Aħwadhi Sharħo Ġami 'it-Tirmażi*, Babo Ma Yaqul

* *Malfużat*, vol.1, p.326

Issa, minħabba li l-ħin hu limitat, niġi għas-suġġett. Jekk inħarsu lejn l-aħħar ftit sekli imparzjalment, ninnotaw li l-gwerer tul dak il-perjodu ma kinux verament gwerer reliġjużi. Kienu aktar ġeopolitiċi fin-natura tagħhom. Anke dawn il-kunflitti u ostilitajiet tal-lum bejn in-nazzjonijiet, aħna ninnotaw li jinqalgħu minn interessi politiċi, territorjali u ekonomiċi.

Hu l-biża' tiegħi li meta nħarsu lejn id-direzzjoni li fiha mexjin l-affarijiet illum, id-dinamika politika u ekonomika tal-pajjiżi tad-dinja tista' tressaqna lejn gwerra dinjija. Mhux biss il-pajjiżi foqra tad-dinja, iżda wkoll il-pajjiżi sinjuri li qed jiġu affettwati. Għalhekk, hu d-dmir tas-superpotenzi li joqogħdu bilqiegħda u jsibu soluzzjoni biex isalvaw l-umanità mix-xifer tad-diżastru.

Il-Gran Britannja hi waħda minn dawk il-pajjiżi li jistgħu u fil-fatt iħallu impatt fid-dinja żviluppata kif ukoll fil-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw. Tistgħu tiggwidaw din id-dinja, jekk intom hekk tixtiequ, billi twettqu l-ħtiġijiet ta' ekwità u ġustizzja.

Jekk inħarsu lejn il-passat riċenti, il-Gran Britannja kienet tiggverna fuq ħafna pajjiżi u ħalliet warajha livell għoli ta' ġustizzja u ħelsien reliġjuż, l-iktar fis-Subkontinent tal-Indja u l-Pakistan. Il-Komunità Aħmadija Musulmana kienet xhieda ta' dan u l-Fundatur tal-Komunità Aħmadija faħħar bil-kbir il-Gvern Britanniku tal-politika ta' ġustizzja u li kkonċeda ħelsien reliġjuż. Meta l-Fundatur tal-Komunità Aħmadija feraħ lill-Maestà Tagħha, ir-Reġina Vittorja fil-Ġublew tad-Djamanti u wasslilha l-messaġġ tal-Islam, hu talab speċifikament li bil-mod kif il-Gvern Britanniku jaqdi d-dmir tal-ħtiġijiet ta' ġustizzja b'ekwità, jalla Alla s-Setgħan jippremjah b'ġenerożità. Għalhekk, l-istorja tagħna turi

li aħna dejjem aċċettajna din il-ġustizzja kull meta kienet murija mill-Gran Brittanja u aħna nittamaw li, fil-futur ukoll, il-ġustizzja tibqa' karatteristika definita tal-Gvern Britanniku mhux biss fejn għandha x'taqsam ir-reliġjon iżda f'kull aspett ieħor u li intom qatt ma tinsew il-kwalitajiet tajba tagħkom tal-passat.

Illum, hawn taqlib kbir u nuqqas ta' paċi fid-dinja. Qegħdin naraw gwerer fuq skala żgħira jinbtu kullimkien, waqt li f'xi postijiet is-superpotenzi qed jgħidu li qed jippruvaw iġibu l-paċi. Jekk dak kollu li hu meħtieġ mill-ġustizzja ma jintlaħaqx, in-nirien u l-fjammi ta' dawn il-gwerer lokali jistgħu jiskalaw u jinvolvu d-dinja kollha. Għalhekk, hi t-talba umli tiegħi lilkom biex issalvaw id-dinja mill-qerda!

Issa, jien fil-qosor sejjer insemmi dak it-tagħlim tal-Iżlam biex ikun hawn il-paċi fid-dinja, jew kif il-paċi tista' tiġi stabbilita fid-dinja fid-dawl ta' dan it-tagħlim. Hija t-talba tiegħi li biex noħolqu l-paċi fid-dinja dawk li qed jiġu indirizzati l-ewwel, jiġifieri l-Musulmani, ikunu jistgħu jattwawhom, iżda hu d-dmir tal-pajjiżi kollha tad-dinja – superpotenzi jew gvernijiet li jattwawhom.

F'dan iż-żmien meta d-dinja litteralment ċkienet biex saret raħal globali b'mod li qatt ħadd ma kien jimmaġina qabel, għandna nirrealizzaw ir-responsabiltajiet tagħna bħala bnedmin u għandna nippruvaw nitfgħu l-attenzjoni tagħna biex insolvu dawk l-argumenti importanti għad-diskussjoni dwar id-Drittijiet Umani li jistgħu jgħinu biex jistabbilixxu l-paċi fid-dinja. B'mod ċar, dan it-tentattiv għandu jkun ibbażat fuq trattament ugwali għal kulħadd bla diskriminazzjoni u li jiġu attwati l-ħtiġijiet kollha tal-ġustizzja.

Fost il-problemi tal-lum, tispikka problema waħda, jekk mhux direttament indirettament, minħabba r-reliġjon. Xi gruppi ta' Musulmani qed iwettqu attakki illegali u jużaw nies li jikkommettu attakki suwiċida f'isem ir-reliġjon biex jisplodu ħa joqtlu u jweġġgħu lil dawk li mhumiex Musulmani, inklużi suldati u nies ċivili innoċenti u fl-istess ħin qed joqtlu brutalment Musulmani innoċenti u tfal. Dawn l-atti krudili huma totalment inaċċettabbli għall-Iżlam.

Minħabba din l-imġiba tal-waħx minn xi Musulmani, żviluppat impressjoni totalment ħażina f'pajjiżi mhux Musulmani u bħala riżultat ċerti membri tas-soċjetà jitkellmu bil-miftuħ kontra l-Iżlam, waqt li oħrajn, għalkemm mhux bil-miftuħ, m'għandhomx opinjoni tajba tal-Iżlam ġewwa qalbhom. Dan il-fatt ħoloq nuqqas ta' fiduċja fil-qlub ta' dawk in-nies tal-pajjiżi tal-Punent u ta' dawk il-pajjiżi mhux Musulmani u, minħabba din l-attitudni ta' ftit Musulmani, minflok ma s-sitwazzjoni titjieb, ir-reazzjoni ta' dawk li mhumiex Musulmani kuljum sejra għall-agħar.

Eżempju tal-aqwa importanza ta' din ir-reazzjoni żbaljata hu l-attakk fuq il-karattru tal-Qaddis Profeta[sa] tal-Iżlam [Muħammad[sa]] u fuq il-Koran Imqaddes, il-Ktieb Sagru tal-Musulmani. F'dan ir-rigward, l-attitudni tal-politikanti Britanniċi, hu liema hu l-partit tagħhom, u tal-intellettwali fil-Gran Britannja, mhijiex l-istess bħal dik murija minn politikanti ta' xi pajjiżi oħra u jien nirringrazzjakom ta' dan. X'inhu l-beneficċju li tweġġa' s-sensittività tal-Musulmani minbarra li żżid il-mibegħda u l-antipatija? Din il-mibegħda tixpruna ċerti Musulmani estremisti biex jikkommettu għemejjel mhux Iżlamiċi u, mill-banda l-oħra, tipprovdi aktar opportunità lil numru ta' dawk li mhumiex Musulmani biex juru l-oppożizzjoni tagħhom.

Madankollu, dawk li mhumiex estremisti u li jħobbu minn qalbhom il-Qaddis Profeta[sa] tal-Iżlam huma mweġġgħin ħafna b'dawn l-attakki u hawn, il-Komunità Aħmadija qiegħda fuq quddiem. L-iktar biċċa xogħol importanti tagħna hi li nuru lid-dinja l-karattru perfett tal-Qaddis Profeta[sa] u t-tagħlim sabiħ tal-Iżlam. Aħna, li nirrispettaw lill-Profeti kollha (il-paċi ta' Alla tkun magħhom) u nemmnu li kollha huma l-messaġġiera mibgħuta minn Alla, ma nistgħu ngħidu xejn b'disprezz kontrihom; iżda nsewdu qalbna ħafna meta nisimgħu allegazzjonijiet bla bażi u mhux veri kontra l-Profeta[sa] tagħna.

Illum, meta d-dinja qed tinqasam fi blokki, l-estremiżmu qed jiżdied, u s-sitwazzjoni finanzjarja u ekonomika qed teħżien, hemm ħtieġa urġenti biex inwaqqfu kull xorta ta' mibegħda u nqiegħdu l-pedamenti tal-paċi. Dan jista' jsir biss billi nirrispettaw kull xorta ta' sentimenti ta' xulxin. Jekk dan mhux se jsir sewwa, bl-onestà u bi tjieba, se jinħolqu ċirkustanzi li ma nkunux nistgħu nikkontrollawhom. Napprezza meta pajjiżi tal-Punent, li huma ekonomikament sodi, jippermettu ġenerożament lin-nies ta' pajjiżi foqra u sottożviluppati biex jissetiljaw fil-pajjiżi rispettivi tagħhom u fost dawn hemm Musulmani wkoll.

Ġustizzja vera teħtieġ li s-sentimenti u l-prattiċi reliġjużi ta' dawn in-nies għandhom jiġu onorati wkoll. Dan hu l-mod li bih is-serħan tal-moħħ tan-nies ikun jista' jiġi garantit. Għandna niftakru li meta s-serħan tal-moħħ tal-bniedem ikun iddisturbat, imbagħad anki s-serħan tal-moħħ tas-soċjetà tkun affettwata wkoll.

Kif għedt qabel, jien grat lejn il-leġiżlaturi u l-politikanti Britanniċi li jissodisfaw il-ħtiġijiet tal-ġustizzja u li ma jindaħlux f'din il-ħaġa [ir-reliġjon]. Dan, fil-fatt, hu t-tagħlim

tal-Iżlam li hu mogħti lilna mill-Koran Imqaddes. Il-Koran Imqaddes jiddikjara li:

> **"M'għandux ikun hemm sfurzar fir-reliġjon."**
> (Il-Koran Imqaddes - 2:257)

Dan il-kmandament, mhux biss jikkumbatti l-akkuża li l-Iżlam infirex bix-xabla, iżda wkoll jgħid lill-Musulmani li l-aċċettazzjoni tal-fidi hi ħaġa ta' bejn il-bniedem u Alla tiegħu u m'għandek tindaħallu bl-ebda mod. Kulħadd għandu d-dritt li jgħix skont il-fidi tiegħu u li jesegwixxi r-ritwali reliġjużi tiegħu. Madankollu, jekk hemm xi prattiċi magħmula f'isem ir-reliġjon li jweġġgħu lill-oħrajn u jmorru kontra l-liġi tal-pajjiż, allura dawk li jinfurzaw il-liġi tal-Istat jistgħu jieħdu azzjoni għaliex jekk hemm xi ritwal krudili li qiegħed jiġi pprattikat f'xi reliġjon, ma jistax ikun it-tagħlim ta' xi Profeta ta' Alla.

Dan hu prinċipju fundamentali biex nistabbilixxu l-paċi fuq livell lokali kif ukoll fuq livell internazzjonali.

Barra minn dan, l-Iżlam jgħallimna li jekk bħala riżultat ta' bdil ta' twemmin, kull soċjetà jew grupp jew gvern jipprova jindaħal fl-osservanza tal-prattika tar-reliġjon, u minn hemm 'il quddiem iċ-ċirkustanzi jinbidlu favur tiegħek, imbagħad ftakar dejjem li int m'għandek iġġorr l-ebda mibegħda u lanqas xewqat ta' deni lejn ħadd. M'għandekx toqgħod taħseb kif se tivvendika ruħek iżda kif se tistabbilixxi ġustizzja u ekwità.

Il-Koran Imqaddes jgħid:

> **"O intom kollha li temmnu! Kunu sodi fil-kawża ta' Alla, kunu xhieda tal-ekwità (prinċipji ta' ġustizzja);**

> **u tħallux il-mibegħda ta' poplu xxewwixkom biex taġixxu b'mod ieħor ħlief b'ġustizzja. Kunu dejjem ġusti, hekk tkunu aktar qrib l-onestà. U ibżgħu minn Alla. Alla hu konxju ta' kulma tagħmlu."** (Il-Koran Imqaddes - 5:9)

Dan hu t-tagħlim għall-paċi f'soċjetà. Qatt titilqu mill-ġustizzja, lanqas għall-għadu tiegħek.

L-istorja bikrija tal-Iżlam turina li dan it-tagħlim kienu jimxu fuqu u kull talba għall-ġustizzja kienet tiġi milqugħa. Ma nistax nagħti ħafna eżempji ta' dan, iżda l-istorja hi xhud tal-fatt li wara r-Rebħa ta' Makkah, il-Qaddis Profeta[sa] ma vvendikax ruħu minn dawk li kienu tturmentawh iżda ħafrilhom u ħalliehom jipprattikaw it-twemminiet rispettivi tagħhom. Illum, il-paċi tista' tiġi stabbilita biss jekk titwettaq sewwa l-ġustizzja mal-għedewwa kollha, mhux biss fil-gwerer kontra estremisti reliġjużi iżda wkoll fil-gwerer l-oħra kollha. U paċi bħal din biss tista' tibqa' għat-tul.

Matul is-seklu l-ieħor, kien hemm żewġ gwerer dinjija. Kienu x'kienu l-kawżi, jekk inħarsu fil-fond, kawża waħda biss tispikka; u din hi li l-ġustizzja ma ġietx amministrata sew fil-bidu. Bħala reazzjoni, dak li kien jidher nar li ntefa kien biss ġamar li baqa' jaqbad bil-mod, biex eventwalment tħeġġeġ fi fjammi u ċċirkonda d-dinja kollha għat-tieni darba.

Illum, in-nuqqas ta' kwiet qed jiżdied, u gwerer u azzjonijiet biex iżommu l-paċi qed juru sinjali li resqin lejn gwerra dinjija oħra. Barra minn hekk, il-problemi ekonomiċi u soċjali tal-preżent se jkunu sors li aktar se jiggravaw is-sitwazzjoni.

Il-Koran Imqaddes tana ftit prinċipji prezzjużi biex nistabbilixxu l-paċi fid-dinja. Hu fatt stabbilit li r-regħba

ġġiegħel lill-mibegħda tikber. Kultant timmanifesta ruħha f'espansjoni territorjali jew fil-ħtif ta' riżorsi naturali jew ċertament fl-impożizzjoni tas-superjorità ta' xi wħud fuq oħrajn. Din twassal għall-krudeltà, kemm jekk tkun f'idejn tiranni bla ħniena li jisirqu d-drittijiet tan-nies u jagħtu prova tas-supremazija tagħhom fit-tfittxija tal-interessi personali tagħhom jew f'idejn forzi invażivi. Kultant, l-ilfiq u d-dwejjaq kbar tal-bnedmin ittrattati bi krudeltà jsejħu għall-għajnuna lid-dinja ta' barra.

Iżda, hu x'inhu, aħna tgħallimna dan il-prinċipju prezzjuż mingħand il-Qaddis Profeta[sa] tal-Iżlam, li hu: għin kemm lil dawk li qed ibatu kif ukoll lil dawk li qed joħolqu t-tbatija.

L-Imsieħba tal-Profeta[sa] staqsew li waqt li jifhmu li tista' tingħata għajnuna lil dawk li huma mweġġgħin, kif jistgħu jgħinu bniedem li jkun kattiv? Il-Profeta[sa] wieġeb billi qal, 'Billi żżommulu idu milli jikkommetti aktar krudeltà għaliex bil-kontinwazzjoni tiegħu fit-twettiq tal-krudeltà jkun qed jistħoqqlu aktar il-kastig ta' Alla.* Għalhekk, f'ġieħ il-ħniena, ippruvaw salvawh.' Dan il-prinċipju jgħodd għall-iżgħar ħjut tas-soċjetà sal-livell internazzjonali.

Dwar dan il-kunċett, il-Koran Imqaddes jgħid:

> **"U jekk żewġ gruppi ta' fidili jiġġieldu kontra xulxin, ippruvaw ġibu l-paċi bejniethom; imbagħad, jekk wara dan kollu wieħed minnhom ikun ħati ta' trasgressjoni kontra l-ieħor, iġġieldu kontra dak li hu trasgressur sakemm jerġa' jkun taħt il-kmand ta' Alla. Imbagħad, jekk dan isir, agħmlu l-paċi bejniethom bl-ekwità u aġixxu b'ġustizzja. Tassew, Alla jħobb lill-ġust."** (Il-Koran Imqaddes - 49:10)

---

* *Saħiħ al-Bukħari, Kitabul-Ikrah,* Babo Yaminir-Rajule Le Sahibihi…… *Ħadith* Nu. 6952…

Għalkemm dan it-tagħlim jirrigwarda l-Musulmani, jekk imbagħad inżommu ma' dan il-prinċipju, il-pedament tal-paċi fuq bażi dinjija jkun jista' jitqiegħed.

Sabiex inżommu l-paċi, kien spjegat fil-bidu li l-aktar ħaġa importanti hi l-ġustizzja. U minkejja li nimxu mal-prinċipji tal-ġustizzja, jekk l-isforzi tagħna biex inġibu l-paċi ma jirnexxux, allura ningħaqdu u nikkumbattu flimkien kontra dak il-partit li jkun kiser il-liġi u nibqgħu nikkumbattu sa dak il-mument li fih il-partit li jkun kiser il-liġi jkun lest li jagħmel paċi. Malli l-partit li jkun kiser il-liġi jkun lest li jagħmel paċi, il-ħtieġa tal-ġustizzja hi: Tfittxux il-vendikazzjoni, u timponux restrizzjonijiet jew embargows. Bi dritt kollu, żommu għajnejkom miftuħa fuq it-trasgressur iżda fl-istess ħin ippruvaw li ttejbu s-sitwazzjoni tiegħu.

Sabiex intemmu l-inkwiet li hu prevalenti f'ċerti pajjiżi tad-dinja llum – u sfortunatament xi pajjiżi Iżlamiċi huma prominenti fosthom – jeħtieġ partikolarment li dawk il-pajjiżi li għandhom il-qawwa tal-Veto janalizzaw u jiddeterminaw jekk il-ġustizzja kinitx ingħatat sew. Kull meta tkun meħtieġa l-għajnuna, l-idejn dejjem jiġġebbdu lejn in-nazzjonijiet b'saħħithom.

Kif diġà għedt qabel, aħna għandna x-xhieda li l-istorja tal-Gvern Britanniku turi li dan dejjem żamm mal-ġustizzja u dan inkoraġġieni biex niġbed l-attenzjoni tagħkom dwar xi wħud minn dawn is-sitwazzjonijiet.

Prinċipju ieħor li dwaru aħna tgħallimna biex nerġgħu nġibu lura l-paċi fid-dinja u biex ma nixxennqux għall-ġid tal-oħrajn. Il-Koran Imqaddes jgħid:

> **"U tisfurzawx għajnejkom wara dak li Aħna nkunu kkonċedejna lil xi klassijiet minnhom biex igawdu għal ftit ħin – is-sbuħija ta' din id-dinja ta' issa – biex inġarrbuhom bih."** (Il-Koran Imqaddes - 20:132)

Ir-regħba u l-għira għall-ġid tal-oħrajn huma l-kawża ta' aktar inkwiet fid-dinja. Fuq bażi personali, il-fatt li kulħadd jipprova jagħmel bħal ħaddiehor, kif jgħidu, irriżulta f'regħba ma taqta' xejn u fit-tkissir tal-paċi soċjali. Il-kompetizzjoni ta' regħba fuq bażi nazzjonali bdiet u ħaditna lejn il-qerda tal-paċi fid-dinja. Dan hu ppruvat bl-istorja u kull bniedem sensibbli jista' jifhem li x-xenqa għall-ġid tal-oħrajn tkattar l-għira u r-regħba u hija s-sors ta' telfien.

Hu għalhekk li Alla Omnipotenti jgħid li wieħed għandu jżomm għajnejh fuq ir-riżorsi tiegħu u jieħu benefiċċju minnhom. L-isforz biex ikollok akkwist territorjali hu għat-tfittix ta' benefiċċji tar-riżorsi naturali ta' dak it-territorju. L-għaqda ta' grupp ta' nazzjonijiet li għandhom xi ħaġa komuni bejniethom u l-formazzjoni ta' blokki ta' setgħa qegħdin jieħdu r-riżorsi naturali ta' xi pajjiżi. F'dan ir-rigward, numru ta' kittieba li qabel kienu jaħdmu bħala konsulenti ma' xi gvernijiet kitbu kotba fejn taw dettalji kif xi pajjiżi ppruvaw jieħdu kontroll tar-riżorsi ta' nazzjonijiet oħra. Kemm dawn il-kittieba ta' min jemminhom huma biss jafu, u Alla żgur li jaf l-iktar, iżda x-xenarju li joħroġ mill-qari ta' dawn id-dikjarazzjonijiet jikkawża diqa ta' qalb f'dawk li huma leali lejn il-pajjiżi foqra tagħhom u huwa l-kawża l-iktar valida għaż-żieda fit-terroriżmu u t-tellieqa għall-armi tal-qerda tal-massa.

Illum, id-dinja tqis lilha nnifisha bħala iktar sana, konxja u edukata milli kienet fil-passat. Anke fil-pajjiżi foqra hemm nies intelliġenti li eċċellaw fl-edukazzjoni fil-kamp rispettiv

tagħhom. Imħuħ intellettwali ta' livell għoli jaħdmu flimkien f'ċentri kbar ta' riċerka fid-dinja. F'dawn iċ-ċirkustanzi wieħed kellu jimmaġina li n-nies kellhom jingħaqdu flimkien u jippruvaw itemmu l-modi ħżiena tal-ħsieb u l-bluhat tal-passat li rriżultaw f'animożitajiet u li wasslu għal gwerer terribbli. L-intellett mogħti minn Alla u l-progress xjentifiku messhom intużaw biex itejbu l-umanità u biex joħolqu metodi permissibbli biex wieħed jakkwista benefiċċji mir-riżorsi ta' ħaddieħor.

Alla ta lil kull pajjiż riżorsi naturali li messhom ġew utilizzati kompletament biex ibiddlu d-dinja f'post ta' paċi. Alla rregala klima u ambjent eċċellenti lil ħafna pajjiżi biex ikabbru diversi wċuħ tar-raba'. Kieku kien hemm ippjanar sew biex jużaw it-teknoloġija moderna għall-agrikoltura, kieku l-ekonomija kienet tissaħħaħ u l-ġuħ kien jinqered mid-dinja.

Dawk il-pajjiżi li huma mogħnija b'riżorsi minerali għandhom jitħallew jiżviluppaw u jinnegozjaw prezzijiet ġusti fil-miftuħ, u pajjiż għandu jibbenefika mir-riżorsi ta' pajjiż ieħor. Għalhekk, dan għandu jkun il-mod ġust, il-mod li hu ppreferut minn Alla li jista' kollox.

Alla li jista' kollox jibgħat il-messaġġiera Tiegħu lin-nies biex huma jkunu jistgħu juruhom il-mod kif iressqu lin-nies aktar qrib lejn Alla. Fl-istess ħin Alla jgħid li hemm ħelsien totali f'dak li jirrigwarda l-fidi. Skont it-twemmin tagħna, il-premju u l-kastig jeżistu wkoll wara l-mewt. Iżda, taħt is-sistema mwaqqfa minn Alla, meta xi ħadd jikkommetti krudeltà kontra l-ħolqien Tiegħu u l-ġustizzja u l-ugwaljanza jiġu injorati, imbagħad bil-liġijiet tan-natura, l-effetti li jiġu wara jkunu jidhru f'din id-dinja wkoll. Reazzjonijiet ħorox kontra inġustizzja bħal din ikunu jidhru u ma jkunx hemm

garanzija dwar jekk ir-reazzjoni tkunx tajba jew ħażina.

Il-mod xieraq kif tirbaħ id-dinja hu li kull sforz għandu jsir biex nagħtu 'l-pajjiżi l-foqra l-istatus li jixirqilhom.

Argument ta' importanza kbira llum hu l-kriżi ekonomika ta' dak li qed insejħulu l-credit crunch. Minkejja li r-raġuni tidher stramba kollox jipponta lejn fatt wieħed. Il-Koran Imqaddes iggwidana billi jgħid:

"Aħarbu l-interessi għaliex l-interessi huma saħta tant li huma periklu għall-paċi domestika, nazzjonali u internazzjonali". Ġejna mwissija li dak li jaċċetta l-interessi jum wieħed ikun dak li Satana jkun ikkastigah bil-ġenn. Għalhekk aħna l-Musulmani ġejna mwissija biex naħarbu sitwazzjoni bħal din, nieqfu ninnegozjaw fl-interessi għaliex il-flus li jiġu mill-interessi ma jkabbrux il-ġid tiegħek, għalkemm fid-dieher jidhru li qed jiżdiedu. Hu inevitabbli li jiġi żmien meta l-effetti veri joħorġu. Barra minn hekk, aħna ġejna mwissija li ma nistgħux nidħlu f'negozju ta' interessi, bi twissija li jekk aħna nagħmlu hekk, inkunu qed immorru kontra r-rieda ta' Alla.

Dan il-fattur hu ovvju mill-credit crunch tal-lum. Fil-bidu kien hemm individwi li ssellfu l-flus biex jixtru l-propjetà; iżda qabel waslu biex jaraw lilhom infushom sidien tal-propjetà mietu mgħobbija bid-dejn. Iżda issa hawn gvernijiet mgħobbija bid-dejn u milqutin ħażin daqslikieku bil-ġenn. Kumpaniji kbar fallew. Xi banek u istituzzjonijiet finanzjarji għalqu jew ħarġu bi pleġġ u din is-sitwazzjoni qed tinfirex f'kull pajjiż, kemm jekk inhu sinjur sew jekk fqir. Intom tafu aktar minni dwar din il-kriżi. Il-flus tad-depożitanti sparixxew. Issa jiddependi mill-gvernijiet fuq kif u sa fejn jipproteġuhom. Iżda, sadanittant, is-serħan tal-moħħ tal-

familji, in-negozjanti u l-mexxejja tal-gvernijiet f'ħafna pajjiżi tad-dinja kważi spiċċa għalkollox.

Din is-sitwazzjoni ma ġġagħalniex naħsbu li d-dinja riesqa lejn il-konklużjoni loġika li t-twissija tagħha kienet ingħatat żmien twil qabel? Alla jaf aktar il-konsegwenzi futuri ta' din is-sitwazzjoni x'se jkunu.

Alla Omnipotenti jgħid: Ersqu lejn il-paċi li tista' tkun biss garantita meta jkun hemm kummerċ ġenwin u ta' ġid u meta r-riżorsi jitqiegħdu għall-użu b'mod propju u ġust.

Issa nispiċċa dawn il-punti qosra tat-tagħlim tagħna billi nfakkar li l-paċi vera tad-dinja tinstab biss billi nduru lejn Alla. Jalla Alla jagħmel possibbli li d-dinja tifhem dan il-punt u mbagħad il-bnedmin ikunu jistgħu jaqdu d-dmir lejn id-drittijiet tal-oħrajn.

Fl-aħħar nett, jiena grat lejkom kollha li ġejtu hawn u smajtuni.

Grazzi ħafna.

IT-TAGĦLIM IŻLAMIKU DWAR IL-LEALTÀ U L-IMĦABBA LEJN IN-NAZZJON

FIL-KWARTIERI ĠENERALI MILITARI
F'KOBLENZ, IL-ĠERMANJA
FIT-30 TA' MEJJU 2012

Brigadier Ġenerali Alois Bach tal-Armata Federali Ġermaniża ma' Ħażrat Mirża Masroor Aħmad, Kalifatul Masiħ V[aba]



Ħażrat Mirża Masroor Aħmad, Kalifatul Masiħ V[aba] jindirizza lill-Armata Federali Ġermaniża

1. Kurunell Ulrich, 2. Brigadier Ġenerali Bach, 3. Kurunell Trautvetter u 4. Kurunell I.G. Janke, f'laqgħa ma' Ħażrat Mirża Masroor Aħmad, Kalifatul Masiħ V[aba]

It-Tagħlim Iżlamiku dwar il-Lealtà u l-Imħabba lejn in-Nazzjon

Indirizz minn Ħażrat Mirża Masroor Aħmad, Kalifatul Masiħ V[aba], Kap tal-Komunità Dinjija Aħmadija Musulmana, fil-Kwartieri Ġenerali Militari f'Koblenz, il-Ġermanja fit-30 ta' Mejju 2012

Bismillahir-Rahmanir-Raheem – F'isem Alla, mimli bil-Grazzja u l-Ħniena.

Assalamo Alaikum Wa Rahmatullahe Wa Barakatohu – il-paċi u l-barkiet ta' Alla jkunu fuqkom ilkoll.

L-ewwel nett nixtieq nieħu l-opportunità biex nirringrazzjakom ilkoll talli stidintuni fil-kwartieri ġenerali tagħkom u talli tajtuni l-opportunità biex ngħid kelmtejn. Bħala l-Kap tal-Komunità Musulmana Aħmadija, nixtieq inkellimkom dwar it-tagħlim tal-Iżlam. Madankollu, dan huwa suġġett tant vast, li biex tkoprih f'funzjoni waħda jew f'ħin daqshekk qasir huwa impossibbli. Għalhekk, huwa neċessarju għalija li nillimita ruħi għal aspett wieħed tal-Iżlam.

Waqt li kont qed nikkunsidra liema aspett tal-Iżlam kelli nittratta, irċevejt talba mill-President Nazzjonali tal-Komunità tagħna fil-Ġermanja, Abdullah Wagishauser Sahib, fejn talabni biex nitkellem dwar it-tagħlim Iżlamiku fir-rigward tal-imħabba u l-lealtà lejn in-nazzjon. Dan għenni biex niddeċiedi. Għalhekk, issa se nkellimkom dwar ċerti aspetti tat-tagħlim Iżlamiku f'dan ir-rigward.

Huwa verament faċli biex wieħed jitkellem sempliċement dwar, jew jisma' l-kliem, 'lealtà u mħabba lejn in-nazzjon'. Madankollu, fir-realtà dan il-ftit kliem jiġbor fih tifsiriet b'firxa wiesgħa, sbuħija u profondità liema bħalhom. Tabilħaqq, biex tagħraf u tifhem xi jfisser sewwasew dan il-kliem u x'jirrikjedi, huwa verament diffiċli ferm. Xorta waħda, fil-ftit ħin li għandi, se nipprova nispjega l-kunċett Iżlamiku tal-lealtà u l-imħabba lejn nazzjon.

L-ewwel u qabel kollox, prinċipju fundamentali tal-Iżlam hu dak li l-kliem u l-għemil ta' persuna m'għandhom qatt juru xi forma ta' ipokrisija jew ivarjaw minn persuna għal oħra. Il-lealtà vera titlob relazzjoni msejsa fuq is-sinċerità u l-integrità. Titlob li dak li persuna turi fuq barra jkun bħal ġewwa. F'termini ta' nazzjonalità, dawn il-prinċipji huma ta' importanza assoluta. Għalhekk, huwa fundamentali għall-persuna ta' kull nazzjonalità li tistabbilixxi relazzjoni ta' lealtà ġenwina lejn in-nazzjon tagħha. Ma tagħmilx differenza tkunx ċittadin imwieled fil-pajjiż jew tiksibx iċ-ċittadinanza, permezz tal-immigrazzjoni jew b'xi mezz ieħor, iktar 'il quddiem matul ħajjitha.

Il-lealtà hi kwalità eċċezzjonali, u l-Profeti ta' Alla huma l-persuni li wrew dan l-attribut sal-ogħla u l-aqwa livelli. L-imħabba u l-għaqda tagħhom ma' Alla kienet tant qawwija li f'kull ċirkostanza huma żammew quddiem għajnejhom il-

kmandamenti Tiegħu u ħadmu qatigħ biex jimplimentawhom bis-sħiħ, f'kull ċirkostanza. Dan juri l-impenn tagħhom Lejh u l-livell perfett tagħhom ta' lealtà. Għalhekk huma l-istandards perfetti tagħhom li għandna nużaw bħala eżempju u mudell. Madankollu, qabel inkomplu, huwa neċessarju nifhmu x'qed infissru b'lealtà.

Skont it-tagħlim tal-Iżlam, id-definizzjoni u t-tifsira vera ta' lealtà hi t-twettiq bla kundizzjoni tal-wegħdiet u l-konvenzjonijiet f'kull livell u ċirkostanza, irrispettivament mid-diffikultà. Dan hu l-istandard vera ta' lealtà mitlub mill-Iżlam. F'diversi partijiet fil-Koran Imqaddes, Alla ta struzzjonijiet ċari lill-Musulmani biex dawn iħarsu l-wegħdiet u l-pattijiet tagħhom, għax għad jintalbu jagħtu rendikont Lilu ta' kull attività mwettqa minnhom. Il-Musulmani ntalbu jwettqu l-pattijiet kollha, inkluż dawk bejnhom u bejn Alla s-Setgħani, kif ukoll il-pattijiet kollha li għamlu, skont il-grad ta' importanza.

F'dan il-kuntest, mistoqsija li tista' tixref f'moħħ in-nies hi dik illi billi għall-Musulmani Alla u r-reliġjon Tiegħu huma ta' importanza assoluta, huwa naturali li l-ewwel lealtà tagħhom hi lejn Alla, u l-ogħla valur se jkun lejn il-ħarsien tal-patt tagħhom ma' Alla. Għalhekk jista' jinbet il-ħsieb li l-lealtà tal-Musulmani lejn pajjiżhom u lejn il-ħarsien tal-liġijiet tal-pajjiż huma ta' importanza sekondarja għalihom. B'hekk f'ċerti ċirkostanzi huma jistgħu jkunu lesti biex jissagrifikaw l-obbligi tagħhom lejn pajjiżhom.

Biex inwieġeb din il-mistoqsija, nixtieq nibda billi ngħidilkom li l-Qaddis Profeta Muħammad[sa] innifsu għallem li 'l-imħabba lejn in-nazzjon tiegħek hi parti mill-fidi'. Għalhekk, fl-Iżlam il-patrijottiżmu sinċier hu meqjus bħala xi ħaġa neċessarja. Biex verament iħobb lil Alla u lill-Iżlam

l-individwu jrid iħobb ukoll lin-nazzjon tiegħu. Għalhekk, huwa ċar biżżejjed, li ma jistax ikun hemm kunflitt ta' interess bejn l-imħabba li persuna jkollha lejn Alla, u l-imħabba tagħha lejn il-pajjiż. Billi l-imħabba lejn il-pajjiż hi parti mill-Iżlam, huwa ċar biżżejjed li l-Musulman irid jistinka biex jilħaq l-ogħla standards ta' lealtà lejn pajjiżu, għaliex dan huwa mezz ta' kif jista' jilħaq lil Alla u jkun qribu. Għaldaqstant, huwa impossibbli li l-imħabba vera li l-Musulman iħaddan lejn Alla tista' qatt isservi bħala impediment għalih biex juri mħabba u lealtà vera lejn pajjiżu.

Sfortunatament naraw li f'ċerti pajjiżi d-drittijiet reliġjużi huma mxekkla jew miċħuda saħansitra kompletament. Għalhekk, mistoqsija oħra li tista' tqum hi dwar jekk dawn in-nies li huma ppersegwitati mill-istat jistgħux xorta waħda jżommu relazzjoni ta' mħabba u lealtà lejn in-nazzjon tagħhom u lejn pajjiżhom. B'dispjaċir kbir ikolli ninfurmakom li dawn iċ-ċirkostanzi jeżistu fil-Pakistan fejn il-Gvern wasal saħansitra biex jilleġiżla kontra l-Komunità tagħna. Dawn il-liġijiet kontra l-Aħmadin jinsabu fis-seħħ. Għalhekk fil-Pakistan, il-Musulmani Aħmadin kollha huma uffiċjalment iddikjarati bħala 'mhux Musulmani'. Huma għalhekk ipprojbiti milli jsejħu lilhom infushom 'Musulmani'. L-Aħmadin fil-Pakistan huma pprojbiti wkoll milli jitolbu bħal Musulmani oħra jew jagħixxu skont xi tradizzjoni jew drawwa Iżlamika li tista' tidentifikahom bħala Musulmani. B'dan il-mod, l-istat innifsu fil-Pakistan qed iċaħħad membri tal-Komunità tagħna mid-dritt bażiku u uman tagħhom li jitolbu.

Jekk inżommu dan f'moħħna, huwa normali li niskantaw kif, f'ċirkostanzi bħal dawn, il-Musulmani Aħmadin jirnexxilhom isegwu l-liġijiet tal-pajjiż. Kif jistgħu jibqgħu leali lejn in-nazzjon tagħhom? Hawn irrid nikkjarifika kif

fejn jeżistu ċirkostanzi estremi bħal dawn, il-liġi u l-lealtà lejn in-nazzjon isiru żewġ kwistjonijiet separati. Aħna l-Musulmani Aħmadin nemmnu li r-reliġjon hi xi ħaġa individwali għal kull persuna biex tiddeċiedi għaliha nfisha u m'għandhiex tkun imġiegħla fuq l-individwu. Għalhekk fejn il-liġi tinterferixxi ma' dan id-dritt, dan ikun att ta' kefrija kbira u persekuzzjoni. Tabilħaqq, persekuzzjoni ssanzjonata mill-istat bħal din, li ġiet ipperpetwata matul iż-żmien, ġiet ikkunndanata mill-maġġoranza tan-nies.

Jekk nagħtu ħarsa lejn l-istorja tal-Ewropa, naraw li n-nies f'dan il-Kontinent kienu wkoll vittmi tal-persekuzzjoni reliġjuża, u bħala riżultat, ħafna eluf kellhom jemigraw minn pajjiż għall-ieħor. L-istoriċi sensibbli kollha, il-gvernijiet u n-nies qiesu dan bħala persekuzzjoni. F'dawn iċ-ċirkostanzi, l-Iżlam jgħallem li fejn il-persekuzzjoni taqbeż kull limitu u ssir insapportabbli, il-persuna għandha tħalli l-belt jew pajjiż u temigra f'post fejn tkun tista' tipprattika r-reliġjon fil-libertà. Madankollu, flimkien ma' din il-gwida, l-Iżlam jgħallem ukoll li l-individwu fl-ebda ċirkostanza m'għandu jieħu l-liġi b'idejh jew jipparteċipa fi skemi jew konspirazzjonijiet kontra pajjiżu. Dan huwa kmand ċar u bla kundizzjoni tal-Iżlam.

Minkejja l-persekuzzjoni serja li jħabbtu wiċċhom magħha, miljuni ta' Aħmadin għadhom jgħixu fil-Pakistan. Minkejja li huma suġġetti għal diskriminazzjoni persistenti bħal din kif ukoll għall-kefrija fl-aspetti kollha ta' ħajjithom, huma jkomplu jżommu relazzjoni ta' lealtà totali u alleanza sħiħa lejn pajjiżhom. Jaħdmu fejn jaħdmu huma jippruvaw kontinwament jgħinu lin-nazzjon biex jimxi 'l quddiem u jirnexxi. Għal għexieren ta' snin, dawk li jopponu l-Aħmadija ppruvaw jinsinwaw li l-Aħmadin mhumiex leali lejn il-Pakistan. Fil-verità qatt ma rnexxielhom jippruvaw

dan jew jagħtu xi evidenza biex jissostanzjaw dawn l-akkużi; il-verità hi li kull meta kien hemm bżonn li jsir sagrifiċċju għall-Pakistan, għal pajjiżhom, il-Musulmani Aħmadin kienu minn dejjem ta' quddiem biex jagħmlu kull sagrifiċċju.

Minkejja li huma stess huma vittmi u fil-mira tal-liġi, huma l-Musulmani Aħmadin li jsegwu u jżommu mal-liġijiet tal-pajjiż iktar minn ħaddieħor. Dan il-għaliex huma Musulmani sinċieri li jsegwu l-Iżlam kif xieraq. Tagħlim ieħor mogħti mill-Koran Imqaddes dwar il-lealtà hu li n-nies għandhom joqogħdu lura minn kull ħaġa li mhix modesta, li hi indesiderabbli jew tifforma xi tip ta' ribelljoni. Aspett sabiħ u li jagħmel l-Iżlam uniku hu dak li ma jiġbdilniex l-attenzjoni biss lejn il-punt finali tal-kulminazzjoni, fejn il-konsegwenzi huma verament perikoluż; minflok, iwissina dwar il-kwistjonijiet iż-żgħar ukoll li jservu bħala l-ewwel passi f'mixja twila lejn id-distruzzjoni. B'hekk, jekk wieħed josserva sew il-gwida tal-Iżlam, il-kwistjoni tista' tiġi riżolta kmieni kemm jista' jkun, qabel ikun tard wisq.

Ngħidu aħna, kwistjoni li tista' taffettwa gravement pajjiż hi dik tar-regħba finanzjarja tal-individwi. Ta' spiss in-nies jinħakmu minn xewqat materjali li jispiċċaw jieħdu s-sopravvent u dawn ix-xewqat iwassluhom biex jaġixxu b'mod qarrieq. Għalhekk, dawn l-affarijiet jistgħu jkunu l-kawża ta' qerq kontra l-pajjiż. Ippermettuli nispjega ftit. Fl-Għarbi l-kelma 'baghiya' tintuża biex tiddeskrivi dawk in-nies jew atti li jagħmlu ħsara lill-pajjiż. Tirreferi għal dawk li jieħdu sehem fi prattiċi żbaljati jew jikkawżaw ħsara fuq ħaddieħor. Tinkludi wkoll dawk in-nies li jikkommettu atti ta' frodi u b'hekk jippruvaw jiksbu ħwejjeġ b'mod inġust jew illegali. Tirreferi għal dawk in-nies li jaqbżu kull limitu u jikkawżaw id-deni u l-ħsara. L-Iżlam jgħallem li n-nies li jġibu ruħhom b'dan il-mod ma nistgħux nistennew minnhom

il-lealtà. Dan il-għaliex il-lealtà hi marbuta ma' valuri morali għolja. Il-lealtà ma teżistix mingħajr valuri morali għolja u l-valuri morali għolja ma jistgħux jeżistu mingħajr il-lealtà. Filwaqt li huwa veru li nies differenti jista' jkollhom ideat differenti tal-istandards morali għolja, madankollu r-reliġjon Iżlamika tistrieħ biss fuq it-tfittxija ta' dak li jagħti pjaċir lil Alla. Għalhekk, il-Musulmani huma infurmati biex ifittxu dejjem li jaġixxu b'mod li jogħġob Lilu. Fil-qosor, skont it-tagħlim Iżlamiku, Alla s-Setgħani pprojbixxa kull forma ta' qerq jew ribelljoni, kemm jekk kontra l-pajjiż kif ukoll jekk kontra l-gvern. Dan għaliex ir-ribelljoni jew l-aggressjoni fil-konfront tal-pajjiż hi ta' theddida għall-paċi u s-sigurtà tal-istess pajjiż. Tabilħaqq, fejn ikun hemm ribelljoni jew oppożizzjoni interna, dan jagħti lok għall-barranin biex jieħdu vantaġġ mit-taħwid intern. B'hekk il-konsegwenzi ta' nuqqas ta' lealtà lejn il-pajjiż tiegħek jistgħu jkunu gravi u fit-tul taż-żmien. Għalhekk, kulma jista' jikkaġuna ħsara lin-nazzjon hu inkluż fil-kelma 'baghiya'. Jekk inżommu dan kollu f'moħħna, il-lealtà lejn nazzjon titlob li l-persuna turi l-paċenzja, il-moralità, u ssegwi l-liġijiet tal-pajjiż.

Ġeneralment, fl-era moderna, il-maġġoranza tal-gvernijiet jitmexxew b'mod demokratiku. Għalhekk jekk xi persuni jew grupp jixtiequ jbiddlu l-gvern, dawn għandhom jagħmlu dan billi jsegwu l-proċess demokratiku. Huma għandhom isemmgħu leħinhom permezz tal-vot. Il-voti m'għandhomx jintefgħu skont il-preferenzi jew l-interessi personali, imma kif jgħallem l-Iżlam b'sens ta' lealtà u mħabba lejn il-pajjiż. Il-vot tal-persuna jrid jintefa' bil-ħsieb li l-pajjiż jimxi 'l quddiem. Għalhekk, persuna m'għandhiex tara x'inhuma l-prijoritajiet tagħha u minn liema kandidat jew partit tista' tibbenefika personalment; minflok għandha tiddeċiedi b'mod ibbilanċjat billi tevalwa liema kandidat jew partit jista' jgħin lin-nazzjon kollu jimxi 'l quddiem. Il-qofol tal-

gvern jinsab fil-fiduċja u din għandha tingħata biss lill-partit li l-votant onestament jemmen li hu l-iktar addattat u l-iktar li jistħoqqlu. Dan hu l-Iżlam veru, u din hi l-lealtà vera.

Tabilħaqq, f'Kapitlu 4, Vers 59 tal-Koran Imqaddes, Alla ordna li persuna għandha tgħaddi l-fiduċja biss lil dawk li huma intitolati għaliha, u meta tiġġudika għandha tagħmel dan b'ġustizzja u onestà. Għalhekk, il-lealtà lejn il-pajjiż tiegħek titlob li l-poter tal-gvern għandu jingħata lil dawk li huma intitolati għalih. B'dan il-mod il-pajjiż ikun jista' jimxi 'l quddiem u jkun minn ta' quddiem fost il-pajjiżi tad-dinja.

F'ħafna partijiet tad-dinja qed naraw kif il-membri tal-pubbliku qed jieħdu sehem fi protesti u strajkijiet b'reazzjoni għall-politika tal-gvern. Barra dan, f'ċerti pajjiżi tat-Tielet Dinja, il-protestanti jivvandalizzaw jew iwettqu ħsara fuq ħwejjeġ u propjetajiet li jappartjenu għall-istat jew għal ċittadini privati. Għalkemm jistgħu jgħidu li qed jaġixxu bi mħabba, fil-verità atti bħal dawn m'għandhom xejn x'jaqsmu mal-lealtà jew l-imħabba lejn il-pajjiż. Wieħed irid jiftakar illi anke fejn il-protesti jew l-istrajkijiet isiru fil-paċi, mingħajr ħsara kriminali jew vjolenza, dan xorta jista' jkollu effetti negattivi. Dan għaliex, anke l-protesti paċifiċi ta' spiss jirriżultaw f'telf ta' miljuni fl-ekonomija tal-pajjiż. Taħt l-ebda ċirkostanza mġiba bħal din ma tista' titqies bħala eżempju ta' lealtà lejn in-nazzjon. Prinċipju tad-deheb mgħallem mill-Fundatur tal-Komunità Aħmadija Musulmana hu li rridu nibqgħu obbidjenti lejn Alla, il-Profeti u l-mexxejja tan-nazzjon tagħna. Dan hu l-istess tagħlim mogħti fil-Koran Imqaddes. Għalhekk, anke fejn pajjiż jippermetti l-istrajkijiet u l-protesti, dawn għandhom isiru biss kemm-il darba ma jikkawżawx ħsara lin-nazzjon jew l-ekonomija.

Mistoqsija oħra li tqum ta' spiss hija dwar jekk il-Musulmani jistgħux jissieħbu mal-forzi armati ta' pajjiżi tal-Punent, u f'każ li jagħmlu dan, jistgħu jieħdu sehem f'attakki kontra pajjiżi Musulmani. Prinċipju saljenti tal-Iżlam jgħid li l-ebda persuna ma tista' tassisti f'atti ta' krudeltà. Dan l-amar ewlieni għandu jibqa' dejjem fuq quddiem nett ta' moħħ il-Musulman. Meta pajjiż Musulman jisfa attakkat għax min-naħa tiegħu jkun aġixxa b'mod krudili jew inġust u jkun hu li wettaq l-ewwel pass ta' aggressjoni, il-Koran jordna lill-gvernijiet Musulmani biex iwaqqfu id l-oppressur. Dan ifisser li għandhom iwaqqfu l-krudeltà u jħabirku biex jistabbilixxu l-paċi. Dan hu permess f'ċirkostanzi fejn wieħed jaġixxi biex iwaqqaf il-krudeltà. Iżda, meta l-pajjiż li jittrasgredixxi jirriforma ruħu u jadotta l-paċi, il-pajjiż u n-nies tiegħu m'għandhomx jiġu sfruttati jew sottomessi abbażi ta' pretenzjonijiet jew skużi foloz. Minflok għandhom jingħataw il-libertà normali tal-istat u l-indipendenza mill-ġdid. L-ambizzjoni militari għandha għalhekk tfittex li tistabbilixxi l-paċi, iktar milli tissodisfa xi interessi personali.

Bl-istess mod, l-Iżlam jippermetti lill-pajjiżi kollha, kemm jekk Musulmani kif ukoll jekk mhumiex, id-dritt li jwaqqfu l-krudeltà u l-oppressjoni. B'hekk, f'każ ta' neċessità, pajjiżi mhux Musulmani jistgħu jattakkaw pajjiżi Musulmani biex jilħqu dawn l-għanijiet ġenwini. Il-Musulmani f'pajjiżi mhux Musulmani jistgħu jissieħbu fl-armati ta' dawn il-pajjiżi mhux Musulmani biex iwaqqfu din il-krudeltà. Fejn jeżistu ċirkostanzi bħal dawn suldati Musulmani minn xi armata tal-Punent għandhom isegwu l-ordnijiet u jekk mitluba jiġġieldu biex jistabbilixxu l-paċi. Iżda jekk il-militar jiddeċiedi li jattakka pajjiż ieħor inġustament, u b'hekk isir l-aggressur, f'dak il-każ il-Musulman ikollu l-għażla li jħalli l-militar biex ma jassistix għall-krudeltà. B'din l-għażla ma jfissirx li hu jkun qed jonqos mil-lealtà lejn pajjiżu. Fil-fatt, f'ċirkostanzi

bħal dawn, il-lealtà lejn pajjiżu titlob li hu jieħu dan il-pass kif ukoll jagħti parir lill-gvern tiegħu biex ma jaqax fl-istess livelli tal-gvernijiet u l-pajjiżi inġusti li jaġixxu b'mod krudili. Jekk madankollu wieħed irid jissieħeb fl-armata bilfors u m'hemmx mod kif jista' joħroġ, u l-kuxjenza tiegħu mhix ċara, f'dak il-każ il-Musulman għandu jħalli l-pajjiż u m'għandux jgħolli leħnu kontra l-liġijiet tal-pajjiż. Huwa għandu jitlaq għax il-Musulman ma jistax jgħix f'pajjiż bħala ċittadin filwaqt li fl-istess ħin jaġixxi kontra l-pajjiż jew jaqbel mal-oppożizzjoni.

B'hekk dawn huma biss ftit aspetti mit-tagħlim tal-Iżlam, li jiggwidaw lill-Musulmani veri kollha lejn il-ħtiġijiet reali tal-lealtà u mħabba lejn il-pajjiż tiegħek. Fil-ftit ħin li kelli rnexxieli biss immiss dan is-suġġett.

Għalhekk, bħala konklużjoni, nixtieq ngħid li llum nosservaw li d-dinja saret villaġġ globali. Il-bnedmin resqu ferm qrib xulxin. In-nies ta' kull pajjiż, reliġjon u kultura jinsabu kullimkien. Dan jirrikjedi li l-mexxejja ta' kull pajjiż jikkunsidraw u jirrispettaw is-sentimenti tan-nies kollha. Il-mexxejja u l-gvernijiet tagħhom għandhom iħabirku biex joħolqu liġijiet li jinkoraġġixxu ambjent u spirtu ta' verità u ġustizzja, minflok jagħmlu liġijiet li joħolqu d-dwejjaq u l-frustrazzjoni lin-nies. L-inġustizzji u l-krudeltajiet għandhom jiġu eliminati u minflok għandna naħdmu biss-sħiħ għall-ġustizzja vera. L-aħjar mod kif nistgħu nagħmlu dan huwa billi d-dinja tagħraf lill-Ħallieq tagħha. Kull forma ta' lealtà trid tintrabat mal-lealtà lejn Alla. Jekk jiġri dan naraw b'għajnejna stess l-ogħla livell ta' lealtà stabbilita fost il-bnedmin tal-pajjiżi kollha u toroq ġodda li jwasslu għall-paċi u s-sigurtà jinfetħu madwar id-dinja kollha.

Qabel nagħlaq, nixtieq mill-ġdid nieħu din l-opportunità biex nirringrazzjakom talli għoġobkom tistednuni u smajtu dak li kelli xi ngħid. Jalla Alla jbierek lilkom kollha; u jalla Alla jbierek 'il-Ġermanja.

Grazzi ħafna.

IL-KONSEGWENZI QERRIEDA TA' GWERRA NUKLEARI U L-ĦTIEĠA IMMEDJATA GĦAL ĠUSTIZZJA SĦIĦA

ID-9 KONFERENZA ANNWALI
GĦALL-PAĊI, LONDRA, IR-RENJU UNIT 2012

Ħażrat Mirża Masroor Aħmad, Kalifatul Masiħ V[aba] jindirizza lid-9 Simpożju Annwali tal-Paċi ġewwa l-Ingilterra

Is-Sindku ta' Londra, Boris Johnson jippreżenta lill-Qdusija Tiegħu '*London Bus Souvenir*'

Id-Dama Mary Richardson DBE, *UK* President tal-SOS *Children's Villages, tilqa' l-'Ahmadiyya Muslim Peace Prize for the Advancement of Peace*' mill-Qdusija Tiegħu

Ħażrat Mirża Masroor Aħmad, Kalifatul Masiħ V[aba] f'laqgħa mal-press internazzjonali Pakistana fuq affarijiet dinjija

Daħla

Fl-24 ta' Marzu, 2012, ġiet organizzata d-9 Konferenza Annwali għall-Paċi fil-Moskea Baitul Futuh ġewwa Morden – l-akbar Moskea fl-Ewropa tal-Punent – mill-Komunità Aħmadija Musulmana [Ahmadiyya Muslim Jamaat] ġewwa r-Renju Unit. L-avveniment attira udjenza ta' aktar minn 1000 ruħ, fosthom ministri tal-gvern, ambaxxaturi, membri kemm tal-House of Commons kif ukoll tal-House of Lords, is-Sindku ta' Londra, għadd ta' dinjitarji oħra, professjonisti, ħbieb, u mistednin oħra minn kull qasam tal-ħajja.

It-tema tal-Konferenza ta' din is-sena kienet 'Il-Paċi Internazzjonali'.

It-3 Premju Annwali tal-Musulmani Aħmadin għat-Tkattir tal-Paċi [Ahmadiyya Muslim Peace Prize for the Advancement of Peace] ngħata minn Ħażrat Mirża Masroor Aħmad[aba] lill-għaqda tal-karità SOS Children's Villages UK, bħala għarfien tal-isforzi kontinwi tagħha biex tgħin lil tfal iltiema u abbandunati madwar id-dinja kollha u talli taħdem biex tilħaq il-viżjoni tagħha 'dar mimlija mħabba għal kull tifel u tifla'.

Mistiedna preżenti kienu jinkludu:

- Rt Hon Justine Greening – MP, Is-Segretarju tal-Istat għat-Trasport
- Jane Ellison – MP (Battersea)
- Seema Malhotra – MP (Feltham and Heston)
- Tom Brake – MP (Carlshalton and Wallington)
- Virendra Sharma – MP (Ealing and Southall)
- Lord Tariq Ahmad – of Wimbledon
- HE Wesley Momo Johnson – L-Ambaxxatur tal-Liberja
- HE Abdullah Al-Radhi – L-Ambaxxatur tal-Jemen
- HE Miguel Solano-Lopez – L-Ambaxxatur tal-Paragwaj
- Il-Komodor Martin Atherton – Kmandant Navali Reġjonali
- Il-Kunsillier Jane Cooper – is-Sindku ta' Wandsworth
- Il- Kunsillier Milton McKenzie MBE – is-Sindku ta' Barking and Dagenham
- Il-Kunsillier Amrit Mann – is-Sindku ta' Hounslow
- Siobhan Benita – kandidat indipendenti għas-sindakat ta' Londra
- Diplomatiċi minn għadd ta' pajjiżi oħra bħall-Indja, il-Kanada, l-Indonesja u l-Guinea

Il-Konsegwenzi Qerrieda ta' Gwerra Nukleari u l-Ħtieġa Immedjata għal Ġustizzja Sħiħa

Bismillahir-Rahmanir-Raheem – F'isem Alla, mimli bil-Grazzja u l-Ħniena.

Mistednin kollha tagħna – *Assalamo 'Alaikum Wa Rahmatullahe Wa Barakatohu* – jalla l-Paċi u l-Barkiet ta' Alla jkunu kollha fuqkom.

Illum, wara li għaddiet sena oħra, reġa' għandi l-opportunità biex nagħti merħba lill-mistednin distinti kollha tagħna f'din l-okkażjoni partikolari. Inħossni grat immens li intom kollha sibtu l-ħin biex tiġu u tkunu preżenti għal din il-konferenza. Tassew, ħafna minnkom huma familjari sew ma' dan l-avveniment li issa sar magħruf bħala 'Il-Konferenza għall-Paċi'. Dan l-avveniment huwa organizzat kull sena mill-Komunità Aħmadija Musulmana u huwa sforz wieħed biss

mill-għadd li nagħmlu biex nippruvaw inwettqu x-xewqa tagħna li naraw li l-paċi tkun stabbilita sew fid-dinja kollha.

Illum fl-udjenza għandna xi ħbieb ġodda, li qed jattendu din il-funzjoni għall-ewwel darba, u għandna wkoll oħrajn li huma ħbieb antiki li ilhom jissapportjaw il-kawża tagħna għal ħafna snin. Dan ma jagħmlilniex differenza, għax kollha kemm intom tifhmu u tħossu x-xewqa tagħna li naraw il-paċi mxerrda mad-dinja kollha, u fil-fatt hija din ix-xewqa li ġiegħlet lil kulħadd jattendi llum għal din il-konferenza.

Kollha kemm intom qegħdin hawn illum għaliex tixtiequ bis-sinċerità kollha li d-dinja timtela bl-imħabba, bl-għożża, u bil-ħbiberija. Hija din l-attitudni u dawn il-valuri li l-maġġoranza l-kbira tad-dinja tixtieq u li għandha bżonn. Fl-ambitu ta' dan kollu, dawn huma r-raġunijiet għala intom kollha li ġejjin minn ambjenti, pajjiżi, u reliġjonijiet differenti, tinsabu bilqiegħda quddiemi llum.

Bħalma għedt diġà, aħna norganizzaw din il-konferenza kull sena, u f'kull okkażjoni l-istess ħsieb u tama huma mfissra minna lkoll, li l-paċi fid-dinja tiġi stabbilita quddiem għajnejna stess; u għalhekk kull sena jiena nitlob ukoll mingħandkom li tippruvaw tippromwovu l-paċi kull fejn tiġikom l-okkażjoni u ma' kull min tiltaqgħu. Barra minn hekk, jiena nitlob ukoll lil dawk li għandhom konnessjoni mal-partiti politiċi jew mal-gvernijiet li huma għandhom iwasslu wkoll dan il-messaġġ tal-paċi fl-isferi tal-influwenza tagħhom. Huwa essenzjali li kulħadd għandu jkun konxju li biex tiġi stabbilita l-paċi fid-dinja, hemm bżonn dejjem akbar, ħafna aktar minn qabel, ta' valuri morali għoljin ibbażati fuq prinċipji sodi.

Kull fejn u kull meta nqalgħet l-okkażjoni, il-Komunità Aħmadija dejjem esprimiet u ddikjarat il-fehma tagħha li hemm mod wieħed biss li jista' jsalva lid-dinja mill-qerda u l-ħerba li riesqa lejhom, u dan huwa li lkoll kemm aħna rridu nistinkaw biex inxerrdu l-imħabba, l-affezzjoni, u s-sens ta' komunità. Aktar importanti minn hekk, id-dinja għandha bżonn tagħraf il-Ħallieq tagħha, li huwa Alla l-Waħdieni. Huwa dan l-għarfien tal-Ħallieq li jwassalna għall-imħabba u l-mogħdrija lejn il-Ħolqien Tiegħu, u meta dan isir parti mill-karattru tagħna, inkunu wasalna fi stat fejn inkunu nistgħu nirċievu l-Imħabba Tiegħu.

Kif diġà għedt, kollha kemm intom tħaddnu wkoll dawn ix-xewqat nobbli. Aktar minn hekk, jiena kemm-il darba ħeġġiġt lill-politikanti u lill-mexxejja reliġjużi biex jaħdmu għall-paċi. Madanakollu, minkejja dawn l-isforzi kollha, insibu li l-ansjetà u l-inkwiet xorta jibqgħu jixterdu u jiżdiedu madwar id-dinja kollha. Fil-fatt id-dinja tal-lum hija miżgħuda konflitti, nuqqas ta' armonija, u diżordni. F'xi pajjiżi ċ-ċittadini stess qed jiġġieldu u joħolqu l-gwerer bejniethom. F'pajjiżi oħra l-poplu qed jissielet kontra l-gvern, jew għall-kuntrarju, il-mexxejja qed jeħduha kontra n-nies tagħhom stess. Gruppi terroristiċi qed joħolqu l-anarkija u d-diżordni biex jissodisfaw l-interessi egoistiċi tagħhom, u għal dan il-għan waslu biex joqtlu bl-addoċċ nisa, tfal u xjuħ innoċenti. F'pajjiżi oħra, bħala mezz biex jissodisfaw l-interessi tagħhom, il-partiti politiċi qed jiġġieldu bejniethom minflok ma jingħaqdu flimkien għall-ġid tan-nazzjon tagħhom stess. Qed naraw ukoll li ċerti gvernijiet u pajjiżi qed jitfgħu ħarsithom b'mod egoistiku fuq ir-riżorsi ta' nazzjonijiet oħra. Il-qawwiet il-kbar tad-dinja, min-naħa l-oħra, qed jaħlu l-enerġiji tagħhom fl-isforzi biex iżommu din is-supremazija, u ma joqogħdu jqisu xejn biex jibqgħu

jilħqu dan il-għan.

Filwaqt li nżommu dan kollu f'moħħna, insibu li la l-Komunità Aħmadija u lanqas il-maġġoranza fostkom, li intom membri tal-pubbliku, m'għandna l-poter jew l-awtorità li nfasslu strateġiji li bis-saħħa tagħhom noħolqu bidla pożittiva.

Dan għaliex aħna ma nokkupaw l-ebda kariga jew uffiċċju governattiv. Fil-fatt, nista' nkompli nżid li saħansitra l-politikanti, li magħhom irnexxielna nibnu relazzjonijiet tajbin, u li dejjem jaqblu magħna għall-inqas meta jkunu fil-kumpanija tagħna, ma jistgħu jsemmgħu leħinhom. Dan għaliex leħinhom qed ikun dejjem iżjed fgat u mhumiex qed jitħallew jesprimu l-opinjonijiet tagħhom. Dan qed iseħħ jew għaliex iridu bilfors isegwu l-ideoloġiji tal-partit jew inkella minħabba pressjonijiet esterni minn qawwiet dinjin oħra jew alleati politiċi li qed jgħakksuhom aktar 'l isfel.

Madanakollu, aħna, li nieħdu sehem f'din il-Konferenza għall-Paċi kull sena, bla dubju ta' xejn għandna x-xewqa li l-paċi tkun stabbilita kullimkien u għalhekk nesprimu l-opinjonijiet u s-sentimenti tagħna speċjalment li l-imħabba, il-mogħdrija, u l-fraternità għandhom jiġu stabbiliti fost ir-reliġjonijiet kollha, in-nazzjonalitajiet kollha, ir-razez kollha, u ċertament, qalb il-popli kollha. Sfortunatament m'għandniex il-poter biex nattwalizzaw din il-viżjoni. M'għandniex l-awtorità u lanqas il-mezzi biex niksbu r-riżultati li tant nixtiequ.

Niftakar li ftit tas-snin ilu, f'din l-istess sala waqt il-Konferenza għall-Paċi, jien ippreżentajt l-indirizz tiegħi fejn fissirt il-mogħdijiet kollha ta' kif għandha tiġi stabbilita l-paċi

fid-dinja kollha, u tkellimt ukoll dwar kif għandha tiffunzjona l-Ġnus Magħquda. Wara, il-ħabib għażiż tagħna, Lord Eric Avebury, kien stqarr li d-diskors kellu jiġi ppreżentat fil-Ġnus Magħquda stess. Bla dubju ta' xejn il-fatt li kien tant ġeneruż u sinċier fi kliemu jixhed il-karattru nobbli tiegħu. Madanakollu, li nixtieq ngħid huwa li mhuwiex biżżejjed li tippreżenta jew tisma' diskors jew lekċer għax b'hekk biss il-paċi mhijiex se tixtered. Fil-fatt il-kondizzjoni meħtieġa biex jintlaħaq dan l-għan fundamentali hija l-ġustizzja sħiħa u l-ħaqq fiċ-ċirkostanzi kollha. Il-Koran Imqaddes, f'Kapitlu 4, Vers 136, jagħtina prinċipju li jiswa mitqlu deheb u lezzjoni li tiggwidana f'dan. Din tgħid li biex nilħqu livell għoli ta' ġustizzja, jekk jinqala' l-każ li jkollna nixhdu kontra tagħna nfusna, kontra l-ġenituri, kontra l-egħżież qraba u ħbieb, mela dan irridu nwettquh. Din hi l-vera ġustizzja fejn l-interessi personali jiġu mwarrba fil-ġenb għall-ġid komuni.

Jekk naħsbu dwar dan il-prinċipju fuq livell kollettiv, għandna nintebħu li manuvri inġusti msejsa fuq il-flus u l-poter għandhom jiġu skartati. Minflok, ir-rappreżentanti u l-ambaxxaturi ta' kull nazzjon għandhom jaġixxu b'sinċerità u b'determinazzjoni li jissapportjaw il-prinċipji tal-ġustizzja u tal-ugwaljanza. Irridu neqirdu kull xorta ta' preġudizzju u diskriminazzjoni għaliex dan huwa l-uniku mezz biex nistabbilixxu l-paċi. Jekk nagħtu ħarsa lejn l-Assemblea Ġenerali jew il-Kunsill tas-Sigurtà tal-Ġnus Magħquda, insibu li ħafna drabi d-dikjarazzjonijiet jew id-diskorsi li jsiru hemmhekk ikunu apprezzati u rikonoxxuti ferm, iżda dawn il-kontributi ma jkunu jiswew xejn għaliex id-deċiżjonijiet importanti jkunu diġà ttieħdu.

Għaldaqstant, meta jittieħdu deċiżjonijiet li jkollhom il-pressjoni jew il-manuvri minn taħt tal-qawwiet il-kbar, għall-

kuntrarju li jittieħdu b'mezzi ġusti u verament demokratiċi, mela dawn id-diskorsi jsiru fiergħa u bla sens, u jservu biss bħala pretensjoni biex inqarrqu bid-dinja ta' hemm barra. Madanakollu, dan ma jfissirx li għandna sempliċement niffrustraw lilna nfusna, naqtgħu qalbna, u nabbandunaw l-isforzi kollha tagħna. Minflok, għandu jkun l-objettiv tagħna li, waqt li nibqgħu leali lejn il-liġijiet tal-pajjiż, nibqgħu nfakkru lill-gvernijiet dwar il-ħtiġijiet tal-ġurnata. Għandna wkoll nibqgħu nagħtu pariri siewja lil dawk il-gruppi li għandhom interessi partikolari ħalli, fuq livell globali, il-ġustizzja tibqa' tixtered. Hekk biss ikollna ċ-ċans naraw id-dinja ssir ġenna ta' paċi u armonija kif kollha kemm aħna rriduha u nixtiquha.

Għalhekk, aħna ma nistgħux u ma rridux inwaqqfu t-tentattivi tagħna. Jekk nieqfu nsemmgħu leħinna kontra l-krudeltà u l-inġustizzja, mela nsiru ħaġa waħda ma' dawk kollha li m'għandhom l-ebda valuri jew prinċipji morali. Jekk leħinna ma jibqax jinstema' jew ikollu xi influwenza ma jkollux relevanza. Aħna rridu nibqgħu nħeġġu lil kulħadd biex jaħdem favur il-paċi. Jien dejjem inkun sodisfatt ħafna meta nara li, minkejja d-differenzi fit-twemmin u fin-nazzjonalità, għall-bżonn li nibqgħu nivvalutaw il-valuri umani, tant nies jattendu għal dan l-avveniment biex jisimgħu, jitgħallmu u jitkellmu dwar metodi differenti ta' kif se jiġu mxerrda l-paċi u l-mogħdrija fid-dinja. Għalhekk jiena nitlobkom biex taħdmu għall-paċi bl-abbiltajiet kollha tagħkom ħalli nżommu l-fjamma żgħira tat-tama mixgħula, sakemm jasal iż-żmien meta l-paċi vera u l-ġustizzja jkunu stabbiliti fiż-żoni kollha tad-dinja.

Irridu niftakru li meta t-tentattivi umani jfallu, Alla l-Omnipotenti joħroġ l-Ordni Tiegħu biex jiddetermina

d-destin tal-bniedem. Qabel is-Sentenza ta' Alla ma tibda titħaddem u tipprova tressaq lin-nies Lejh u tipprova twettaq id-drittijiet tal-bniedem, ikun ħafna aħjar li kieku n-nies tad-dinja jagħtu kas dawn il-ħwejjeġ kruċjali, għaliex meta Alla l-Omnipotenti jkollu jieħu l-affarijiet taħt Idejh, imbagħad ir-Rabja Tiegħu taħkem lill-umanità b'mod aħrax u tal-biża'.

Fid-dinja tal-lum, sura tal-biża' li tista' tieħu din id-Deċiżjoni ta' Alla hija gwerra dinjija oħra. M'hemm l-ebda dubju li l-effetti ta' gwerra bħal din, bid-distruzzjoni kollha li ġġib magħha, ma jkunux limitati għall-gwerra nnifisha jew għal din il-ġenerazzjoni biss. Fil-fatt huwa fiż-żgur li l-konsegwenzi koroh tagħha jibqgħu jimmanifestaw ruħhom f'bosta ġenerazzjonijiet futuri. Konsegwenza traġika ewlenija ta' gwerra bħal din tkun l-effett li din tħalli fuq it-trabi tat-twelid, kemm ta' issa kif ukoll tal-ġejjieni. L-armamenti li hawn illum tant huma qerrieda li jistgħu jwasslu għal ġenerazzjoni wara oħra ta' tfal li jitwieldu b'difetti serji kemm ġenetiċi kif ukoll fiżiċi.

Il-Ġappun huwa l-uniku pajjiż li ġarrab il-konsegwenzi orribbli tal-armamenti atomiċi, meta safa attakkat bil-bombi nukleari matul it-Tieni Gwerra Dinjija. Anki llum jekk intom iżżuru l-Ġappun u tiltaqgħu man-nies tal-lokal, tintebħu mill-ħarsa ta' għajnejhom u minn kliemhom kemm għandhom biża' kbir u mibegħda lejn il-gwerra. Madanakollu l-bombi nukleari li kienu ntużaw dak iż-żmien u li kkawżaw tħarbit ma' kullimkien huma inqas effettivi mill-armamenti atomiċi li jħaddnu llum saħansitra l-pajjiżi ż-żgħar.

Jingħad li fil-Ġappun, minkejja li għaddew mas-sebgħin sena, l-effetti tal-bombi atomiċi għadhom jidhru fit-trabi tat-twelid. Jekk xi ħadd jintlaqat minn tir, illum hemm il-

possibiltà li dan isalva bis-saħħa tal-kura medika li tingħatalu, iżda jekk tfaqqa' gwerra nukleari, dawk kollha li jkunu fil-front tal-battalja ma jkollhom l-ebda ċans isalvaw. Minflok insibu li n-nies imutu mill-ewwel, jiffriżaw qishom statwi u l-ġilda tagħhom iddub fix-xejn. L-ilma tax-xorb, l-ikel, u l-veġetazzjoni jiġu kollha kkontaminati u affettwati mir-radjazzjoni. Lanqas biss nistgħu nimmaġinaw kemm tista' toħloq xorta ta' mard din il-kontaminazzjoni kollha. F'dawk il-postijiet li ma jkunux direttament milquta u fejn ikun hemm inqas effetti tar-radjazzjoni, ir-riskju ta' aktar mard u infezzjonijiet se jiżdied żgur u l-ġenerazzjonijiet futuri xorta se jkollhom iħabbtu wiċċhom ma' diffikultajiet akbar.

Għalhekk, kif diġà għedt, l-effetti orribbli u qerrieda ta' taqbid bħal dan ma jkunux limitati biss għall-gwerra u l-konsegwenzi immedjati tagħha, iżda dawn jibqgħu jingħaddu minn ġenerazzjoni għall-oħra. Dawn huma l-vera konsegwenzi ta' ġlied bħal dan, u sadattant illum għandna nies egoistiċi u boloh li huma tant imkabbrin bl-invenzjoni tagħhom li jiddeskrivu dak li ħalqu bħala rigal għad-dinja.

Il-verità hija li l-hekk imsejħa benefiċċji tal-enerġija u tat-teknoloġija nukleari jistgħu jkunu ta' periklu enormi u jwasslu għal qerda kbira, jew minħabba traskuraġni jew inkella minħabba l-inċidenti li jistgħu jinqalgħu. Aħna diġà konna xhieda ta' diżastri bħal dawn, bħall-inċident nukleari li seħħ fl-1986 f'Chernobyl, f'dik li llum tissejjaħ l-Ukraina, u sewwasew is-sena l-oħra wara t-terremot u z-zunami fil-Ġappun, fejn il-pajjiż kellu jaffaċċja periklu kbir taħt biża' tremend. Meta jseħħu dawn id-diżastri, ikun diffiċli ħafna biex in-nies jerġgħu jibdew joqogħdu f'dawk ir-reġjuni li jkunu ntlaqtu. Minħabba l-esperjenzi uniċi u traġiċi li għaddew minnhom, il-Ġappuniżi saru kawti ħafna u fil-fatt

is-sensazzjoni ta' biża' u terrur tagħhom hija kompletament ġustifikata.

Hija dikjarazzjoni ovvja dik li n-nies imutu fil-gwerer, u għalhekk meta l-Ġappun intervjena fit-Tieni Gwerra Dinjija, il-Gvern u l-pajjiż kollu kien jaf li xi persuni se jinqatlu żgur. Jingħad li madwar tliet miljun ruħ mietu fil-Ġappun u dan kien ifisser kważi 4% tal-popolazzjoni tal-pajjiż. Anki jekk għadd ta' pajjiżi oħra sofrew proporzjonijiet ogħla ta' mwiet f'termini ta' numri totali, madanakollu l-mibegħda u l-istmerrija lejn il-gwerra li nsibu fil-poplu Ġappuniż huma ferm aktar intensi meta mqabbla ma' ta' pajjiżi oħra. Ir-raġuni sempliċi għal dan huwa bla dubju ta' xejn iż-żewġ bombi nukleari li twaddbu fuq il-Ġappun fit-Tieni Gwerra Dinjija u li l-effetti tagħhom għadhom jinħassu u jsofruhom sal-ġurnata tal-lum. Il-Ġappun wera l-kobor u s-saħħa tiegħu billi rnexxielu jerġa' jibni malajr il-bliet tiegħu u n-nies reġgħu bdew jgħammru fihom. Imma ejja nagħmluha ċara mill-ewwel li jekk l-armamenti nukleari kellhom jerġgħu jintużaw illum, mela huwa possibbli li partijiet minn ċerti pajjiżi jistgħu jisparixxu kompletament minn fuq il-mappa. Jistgħu jieqfu milli jeżistu.

Kalkoli moderati jistmaw li madwar 62 miljun ruħ inqatlu fit-Tieni Gwerra Dinjija u jingħad li madwar 40 miljun minn dawk li mietu kienu nies ċivili. B'hekk, fi kliem ieħor, jidher ċar li aktar nies ċivili mietu milli personell militari. Din il-qerda kollha seħħet minkejja l-fatt li, apparti fil-Ġappun, din il-gwerra kienet missielta kullimkien b'armamenti konvenzjonali.

Ir-Renju Unit tilef madwar nofs miljun ruħ. Tridu tiftakru li dak iż-żmien kienet għadha qawwa kolonjali u għalhekk

il-kolonji tagħha ġġieldu f'isimha. Jekk ngħoddu t-telfiet tagħhom mela l-għadd ta' mwiet jitla' għal miljuni. Fl-Indja biss tilfu ħajjithom madwar 1.6 miljun ruħ.

Madanakollu, illum is-sitwazzjoni nbidlet, u dawk l-istess pajjiżi li kienu kolonji tar-Renju Unit u li ssieltu f'isem l-Imperu Britanniku, jistgħu jkunu l-istess pajjiżi llum li jiġġieldu kontra l-Gran Brittanja jekk tfaqqa' l-gwerra. Aktar u aktar, bħalma għedt diġà, meta llum anki pajjiżi żgħar iħaddnu l-armamenti nukleari.

Dak li joħloq biża' enormi huwa l-għarfien li dawn l-armamenti nukleari jistgħu jispiċċaw f'idejn nies li la għandhom il-kapaċità jew li jagħżlu li ma jaħsbux dwar il-konsegwenzi tal-azzjonijiet tagħhom. Fil-verità dawn in-nies lanqas biss jimpurtahom mill-konsegwenzi għaliex ikun moħħhom li jisparaw u jattakkaw bl-addoċċ.

Għalhekk jekk il-qawwiet il-kbar ma jaġixxux b'mod ġust, jekk ma jeliminawx il-frustrazzjonijiet tal-pajjiżi ż-żgħar, u ma jadottawx strateġiji kbar u għaqlin, mela s-sitwazzjoni taħarbilna minn idejna u l-qerda li tista' tinħoloq tkun waħda li tisboq il-fehim u l-immaġinazzjoni tagħna. Anki l-maġġoranza tad-dinja li tixtieq li jkun hawn is-sliem tinħakem minn dan id-diżastru.

Għalhekk, hija x-xewqa u t-tama ħerqana tiegħi li l-mexxejja tan-nazzjonijiet il-kbar kollha jaslu biex jifhmu din ir-realtà terribbli, u għaldaqstant minflok ma jadottaw politika aggressiva u jutilizzaw il-forza biex jilħqu l-għanijiet u l-objettivi tagħhom, għandhom iħabirku biex jimplimentaw tattiċi li jippromwovu u jassiguraw is-sens ta' ġustizzja.

Ftit taż-żmien ilu kmandant militari Russu, imlaħħaq sew, għamel twissija serja dwar ir-riskju immedjat ta' gwerra nukleari. Huwa ddikjara li gwerra bħal din ma tiġix missielta fl-Ażja jew xi mkien ieħor, iżda sseħħ fuq il-fruntieri tal-Ewropa, u li t-theddida tista' toriġina u tfaqqa' mill-pajjiżi tal-Ewropa tal-Lvant. Għalkemm xi whud jistgħu jgħidu li din kienet biss l-opinjoni personali tiegħu, jiena stess ma nemminx li l-fehmiet tiegħu ma jistgħux iseħħu fir-realtà, iżda aktar minn hekk, jiena konvint ukoll li jekk gwerra bħal din kellha tfaqqa', mela jkun hemm probabiltà kbira li anki l-pajjiżi Ażjatiċi jkunu involuti.

Aħbar oħra li dan l-aħħar ingħatat prominenza kbira fil-midja kienet dwar l-opinjonijiet li esprima wieħed mill-kapijiet tal-aġenzija sigrieta Iżraelita, il-Mossad, li rtira f'dawn l-aħħar ġranet. Tul intervista li għamel mal-istazzjon televiżiv popolari Amerikan, is-CBS, huwa stqarr li qed isir aktar evidenti li l-Gvern Iżraelit jixtieq jiddikjara gwerra kontra l-Iran. Huwa qal li jekk attakk bħal dan iseħħ ikun impossibbli biex wieħed ikun jaf eżattament fejn jew kif din il-gwerra se tintemm. Għaldaqstant huwa widdeb serjament biex attakk bħal dan ma jseħħ qatt.

F'dan il-każ hija l-fehma tiegħi li gwerra bħal din tispiċċa f'diżastru nukleari.

Dan l-aħħar rajt artiklu fejn l-awtur stqarr li s-sitwazzjoni fid-dinja llum tixbah is-sitwazzjoni li kien hemm fl-1932, kemm fl-aspetti ekonomiċi kif ukoll f'dawk politiċi. Huwa kiteb li f'ċerti pajjiżi n-nies m'għandhomx fiduċja la fil-politikanti tagħhom u lanqas fl-hekk imsejħa demokraziji li għandhom. Huwa qal ukoll li kien hemm ħafna aktar aspetti li jixxiebhu u paralleli li kienu qed jingħaqdu flimkien biex

jiffurmaw l-istess immaġni llum eżattament bħal dik li kien hemm qabel it-tfaqqigħ tat-Tieni Gwerra Dinjija.

Xi whud jistgħu ma jaqblux mal-analiżi tiegħu, iżda għall-kuntrarju, jien naqbel magħha u għalhekk nemmen li l-gvernijiet tad-dinja għandhom ikunu inkwetati ferm u mħassbin dwar l-istat li tinsab fih id-dinja llum. Bl-istess mod, il-mexxejja despotiċi ta' xi pajjiżi Musulmani, li l-uniku għan tagħhom huwa li jkomplu jiggranfaw mal-poter li għandhom b'kull mezz possibbli, għandhom jiġu f'sensihom. Inkella l-azzjonijiet u l-bluha tagħhom se jkunu r-raġuni għall-falliment totali tagħhom u b'hekk iwasslu lill-pajjiżi rispettivi tagħhom lejn destin tal-waħx.

Aħna, li niffurmaw parti mill-Komunità Aħmadija Musulmana, dejjem nagħmlu ħilitna biex insalvaw lid-dinja u lill-umanità mill-qerda totali. Dan għaliex f'din l-epoka lqajna lill-Imam taż-Żmien, li ntbagħat minn Alla bħala l-Messija Mwiegħed[as], u ġie bħala l-qaddej għall-Qaddis Profeta Muħammad[sa], li hu wkoll intbagħat bħala l-Ħniena għall-Umanità kollha.

Huwa minħabba l-fatt li aħna nsegwu t-tagħlim tal-Qaddis Profeta[sa] li aħna nħossu wġigħ kbir u diqa f'qalbna għall-istat li tinsab fih id-dinja. Huwa dan l-uġigħ li jkebbes l-isforzi tagħna biex nippruvaw insalvaw l-umanità mill-qerda u s-sofferenza. Għalhekk jiena u l-Musulmani Aħmadin kollha qed nistinkaw biex inwettqu r-responsabiltajiet tagħna ħalli nxerrdu l-paċi fid-dinja kollha.

Mezz wieħed li użajt biex nippromwovi s-sliem kien permezz ta' sensiela ta' ittri li ktibt lil għadd ta' mexxejja dinjin. Xi ftit tax-xhur ilu, bgħatt ittra lill-Papa Benedittu

XVI, li ngħatat lilu personalment minn rappreżentant tiegħi li hu wkoll Musulman Aħmadi. F'din l-ittra jien ħeġġiġtu li, bħala l-mexxej tal-akbar denominazzjoni reliġjuża, għandu jistinka kemm jiflaħ biex jistabbilixxi l-paċi.

Bl-istess mod, aktar riċenti, wara li nnutajt li l-animożità bejn l-Iran u l-Iżrael qed tiżdied b'rata allarmanti, ktibt ittra kemm lill-Prim Ministru tal-Iżrael, Benjamin Netanyahu, kif ukoll lill-President tal-Iran, Maħmud Aħmadinejad, fejn ħeġġiġthom biex iwarrbu kull forma ta' għaġla u traskuraġni meta jiġu biex jieħdu d-deċiżjonijiet, għall-ġid tal-umanità.

Ktibt ukoll riċentement lill-President Barack Obama u lill-Prim Ministru tal-Kanada, Stephen Harper, fejn ħeġġiġthom biex iwettqu r-rwoli u r-responsabiltajiet tagħhom lejn it-twaqqif tal-paċi u l-armonija fid-dinja.

Għandi l-ħsieb ukoll li fil-futur qarib nikteb biex inwiddeb lil Kapijiet tal-Istat u mexxejja oħra tad-dinja.

Jiena ma nafx kemm l-għadd ta' mexxejja li ktibtilhom se jagħtu widen lill-ittri li bgħattilhom, iżda tkun xi tkun ir-reazzjoni tagħhom, tentattiv ikun sar min-naħa tiegħi, bħala l-Kalif u l-mexxej spiritwali ta' miljuni ta' Musulmani Aħmadin imxerrdin mad-dinja kollha, biex inwassal il-fehmiet u s-sentimenti tagħhom dwar l-istat prekarju li tinsab fih id-dinja.

Ħa nagħmilha ċara li jien ma esprimejtx dawn is-sentimenti minħabba biża' personali, iżda għaliex jiena motivat minn imħabba sinċiera lejn l-umanità.

Din l-imħabba lejn l-umanità ġiet imnissla u mdakkra fil-

Musulmani ġenwini kollha mit-tagħlim tal-Qaddis Profeta Muħammad[sa] li, bħalma semmejt qabel, intbagħat bħala mezz ta' ħniena u mogħdrija lill-bnedmin kollha.

Probabbli din hija sorpriża kbira għalikom, jew inkella hija xokkanti li tisimgħu li l-imħabba tagħna lejn l-umanità hija mnissla direttament mit-tagħlim tal-Qaddis Profeta Muħammad[sa]. Il-mistoqsija għandha titnissel mal-ewwel f'moħħkom, mela għalfejn hawn gruppi terroristiċi Musulmani li qed joqtlu ħafna nies innoċenti, jew għaliex hawn gvernijiet Musulmani, li biex ikomplu jiggranfaw massiġġijiet tal-poter tagħhom, qed jordnaw il-qtil tal-massa ta' ċittadini ta' pajjiżhom stess?

Ħalli nagħmluha assolutament ċara li fil-verità, dawn l-atti barbari jmorru kompletament kontra t-tagħlim veru tal-Iżlam. Il-Koran Imqaddes ma jagħti l-ebda permess, taħt l-ebda ċirkostanza, għall-estremiżmu jew it-terroriżmu.

F'din l-epoka, skont it-twemmin tagħna, Alla l-Omnipotenti bagħat il-Fundatur tal-Komunità Aħmadija Musulmana, Ħażrat Mirża Gulam Aħmad[as] ta' Kadjan bħala l-Messija Mwiegħed u bħala l-Imam Maħdi, taħt is-sottomissjoni assoluta tal-Qaddis Profeta Muħammad[sa].

Il-Messija Mwiegħed[as] intbagħat biex ixerred il-vera tagħlim ġenwin tal-Iżlam u tal-Koran Imqaddes. Intbagħat biex isaħħaħ l-għaqda bejn il-bniedem u Alla l-Omnipotenti. Intbagħat biex jidentifika u jagħraf id-drittijiet li bniedem għandu jagħti lil ħaddieħor. Intbagħat biex itemm kull forma ta' taqbid reliġjuż. Intbagħat biex jistabbilixxi r-rispett, id-dinjità u l-unur ta' kull Fundatur u kull Profeta ta' kull reliġjon li teżisti. Intbagħat biex jiġbed l-attenzjoni ħalli

kulħadd jagħmel ħiltu biex jgħix skont l-ogħla livelli ta' valuri morali, u biex jistabbilixxi s-sliem, l-imħabba, il-mogħdrija u l-fraternità fil-pajjiżi kollha tad-dinja.

Jekk tmur kullimkien fid-dinja, issib li dawn il-kwalitajiet tajba jinsabu fil-Musulmani Aħmadin ġenwini kollha. Għalina la t-terroristi u lanqas l-estremisti mhuma ta' eżempju, la d-dittaturi krudili Musulmani mhuma ta' eżempju għalina, u lanqas il-qawwiet tal-Punent mhuma ta' eżempju għalina. L-eżempju li nsegwu huwa dak tal-Fundatur tal-Iżlam, il-Qaddis Profeta Muħammad[sa], u l-istruzzjonijiet li jiggwidawna huma dawk tal-Koran Imqaddes.

Għaldaqstant, minn din il-Konferenza dwar il-Paċi, jiena nibgħat messaġġ lid-dinja kollha, li t-tagħlim tal-Iżlam huwa msejjes fuq l-imħabba, il-mogħdrija, il-ġenerożità, u s-sliem.

B'dispjaċir kbir insibu li grupp żgħir ta' Musulmani qed jippreżentaw xbieha totalment mgħawġa tal-Iżlam u qed jaġixxu fuq dawn l-ideat żbaljati. Jiena ngħidilkom biex ma temmnux li dan huwa l-vera tagħlim tal-Iżlam, li tużaw dawn l-atti ħżiena bħala liċenzja biex tweġġgħu s-sentimenti tal-maġġoranza tal-Musulmani li jħobbu l-paċi jew li tużahom bħala mira tal-krudeltà tagħkom.

Il-Koran Imqaddes huwa l-aktar Ktieb qaddis u sagru għall-Musulmani kollha, u għalhekk meta jintuża lingwaġġ offensiv u oxxen jew meta jinħaraq, ikunu qed joffendu serjament is-sentimenti tal-Musulmani. Diġà rajna li meta jiġru dawn l-affarijiet, ħafna drabi dawn iwasslu għal reazzjoni żbaljata u esaġerata mill-Musulmani estremisti.

Fil-fatt ftit tal-ġranet ilu smajna b'żewġ inċidenti fl-

Afganistan, fejn xi suldati Amerikani kasbru l-Koran Imqaddes, u mbagħad qatlu xi nisa u tfal innoċenti fi djarhom. Bl-istess mod persuna bla kuxjenza qatlet għalxejn b'xejn għadd ta' suldati Franċiżi fin-Nofsinhar ta' Franza, u mbagħad ftit ġranet wara din l-istess persuna daħlet ġo skola u qatlet tlett itfal innoċenti Lhud u waħda mill-għalliema tagħhom.

Aħna nħossu li din l-imġiba hija kompletament żbaljata u qatt ma tista' twassal għall-paċi. Aħna naraw ukoll li dawn il-krudeltajiet iseħħu b'mod regolari fil-Pakistan u f'postijiet oħra, u għalhekk dawn l-azzjonijiet qed jagħtu opportunità lill-għedewwa tal-Iżlam biex joħorġu l-mibegħda tagħhom u jużawhom ukoll bħala skuża biex ikunu jistgħu jilħqu l-għanijiet tagħhom fuq skala kbira. Atti barbari bħal dawn fuq skala żgħira ma jseħħux minħabba ostilitajiet jew animożitajiet personali, iżda huma fil-fatt riżultat ta' strateġiji inġusti mħaddma minn ċerti gvernijiet, kemm fuq livell nazzjonali kif ukoll internazzjonali.

Għaldaqstant, biex tiġi stabbilita l-paċi fid-dinja, huwa essenzjali li jintlaħqu standards għolja ta' ġustizzja f'kull livell u f'kull pajjiż tad-dinja. Il-Koran Imqaddes jikkunsidra l-qtil ta' persuna waħda innoċenti għalxejn b'xejn daqs il-qtil tal-bnedmin kollha.

Għalhekk, għal darba oħra, bħala Musulman, jiena se nagħmilha assolutament ċara li l-Iżlam ma jippermetti l-ebda moħqrija jew oppressjoni ta' kull tip, għamla jew forma. Din hija twissija ċarissima bla ebda eċċezzjoni. Anzi l-Koran ikompli jgħidilna li jekk xi pajjiż jew poplu juri ostilità lejk, mela dan m'għandux iwaqqfek milli taġixxi b'mod xieraq u ġust fil-konfront tagħhom. Mhuwiex sewwa li xi ostilitajiet

jew animożitajiet iwassluk biex tivvendika ruħek jew taġixxi b'mod żbaljat. Twiddiba serja oħra li jagħmlilna l-Koran Imqaddes hija li m'għandniex ngħiru għal dawk in-nies li huma għonja jew li għandhom ħafna riżorsi.

Jiena semmejt dawn il-ftit punti, imma dawn huma l-aktar punti kruċjali għaliex permezz tagħhom jitwaqqfu s-sisien għall-paċi u l-ġustizzja fis-soċjetà u fid-dinja inġenerali. Jiena nitlob li d-dinja tirrikonoxxi dawn il-prinċipji importanti ħalli aħna nkunu nistgħu niġu salvati mill-qerda tad-dinja li qed iressquna lejha nies giddieba u bla kuxjenza.

Nixtieq nieħu l-opportunità biex niskuża ruħi talli ħadt daqshekk ħin, imma l-verità hija li s-suġġett dwar it-tixrid tal-paċi fid-dinja huwa tassew ta' importanza kbira.

Iż-żmien qed jagħfas, u qabel ma jkun tard wisq aħna kollha rridu nagħtu kas u attenzjoni partikolari lill-bżonnijiet ta' dak il-ħin.

Qabel ma ntemm dan id-diskors, nixtieq nitkellem dwar ħaġa oħra importanti. Kif kulħadd jaf, f'dawn il-ġranet qegħdin niċċelebraw il-Ġublew tad-Djamanti tal-Maestà Tagħha, ir-Reġina Eliżabetta II. Jekk immorru lura fiż-żmien, eżattament 115-il sena, għall-1897, insibu li konna qed niċċelebraw il-Ġublew tad-Djamanti tar-Reġina Vittorja. F'dak iż-żmien, il-Fundatur tal-Komunità Aħmadija Musulmana kien bagħat messaġġ ta' kongratulazzjoni lir-Reġina Vittorja.

Fil-messaġġ tiegħu, huwa wassal kemm it-tagħlim tal-Iżlam kif ukoll bagħat messaġġ ta' talb għall-Gvern Britanniku u għall-ħajja twila tar-Reġina. Fil-messaġġ tiegħu, il-Messija Mwiegħed[as] kiteb li l-aqwa aspett fit-tmexxija tal-Gvern tar-

Reġina kien li n-nies kollha ngħataw il-libertà fit-twemmin.

Fid-dinja tal-lum il-Gvern Britanniku m'għadux jaħkem is-Sottokontinent, iżda madanakollu l-prinċipji tal-libertà reliġjuża huma mħarsa sewwa fis-soċjetà Britannika u fil-liġijiet tagħha, fejn kull persuna hija garantita l-libertà reliġjuża.

Tassew, eżempju sabiħ ferm ta' din il-libertà hija ċ-ċelebrazzjoni tal-lejla fejn il-kredenti ta' diversi reliġjonijiet, u twemmin differenti, inġabru flimkien f'post wieħed b'xewqa waħda, dik li jaħdmu għall-paċi fid-dinja.

Għalhekk, waqt li nuża l-istess kliem u talb li uża l-Messija Mwiegħed[as], nieħu din l-opportunità biex inwassal il-kongratulazzjoni sinċiera tiegħi lir-Reġina Eliżabetta. Kif qal hu:

> 'Jalla x-xewqat sbieħ tagħna mimlija ferħ u gratitudni jitwasslu lir-Reġina ħanina tagħna. U jalla l-onorevoli Reġina tkun dejjem ferħana u kuntenta.'

Il-Messija Mwiegħed[as] offra aktar talb lir-Reġina Vittorja, u għalhekk għal darba oħra se nuża kliemu biex nitlob għar-Reġina:

> 'O Alla Qawwi u Nobbli! Bil-Grazzja u l-Benedizzjoni tiegħek, żomm ir-Reġina rispettata tagħna dejjem kuntenta bl-istess mod kif aħna qed ngħixu kuntenti taħt il-benevolenza u t-tjieba tagħha; u kun ħanin u ġentili magħha bl-istess mod kif aħna qed ngħixu fis-sliem u fir-riżq taħt il-ħakma ħanina u ġusta tagħha.'

Għaldaqstant, dawn huma sentimenti ta' gratitudni li jħoss kull Musulman Aħmadi li huwa ċittadin Britanniku.

Fl-aħħar nett, nixtieq għal darba oħra nuri l-gratitudni tiegħi lilkom kollha mill-qiegħ ta' qalbi, li bil-preżenza tagħkom hawnhekk qed turu l-imħabba, l-affezzjoni u l-fraternità tagħkom.

Grazzi ħafna.

IT-TRIQ GĦALL-PAĊI –
RELAZZJONIJIET ĠUSTI
BEJN IN-NAZZJONIJIET

INDIRIZZ STORIKU F'CAPITOL HILL
WASHINGTON, D.C. , USA, 2012

L-ewwel Congressman Musulman, Keith Ellison f'laqgħa ma' Ħażrat Mirża Masroor Aħmad, Kalifatul Masiħ Vaba

Brad Sherman (Democratic member of the United States House of Representatives) jippreżenta l-bandiera Amerikana lil Ħażrat Kalifatul Masiħ Vaba

Ħażrat Mirża Masroor Aħmad, Kalifatul Masiħ Vaba jagħti d-diskors prinċipali tiegħu ġewwa l-U.S. Capitol Hill

Ħażrat Mirża Masroor Aħmad, Kalifatul Masiħ Vaba imexxi mument ta' talb ġewwa l-U.S. Capitol Hill

Ħażrat Mirża Masroor Aħmad, Kalifatul Masiħ V[aba] waqt żjara uffiċjali ġewwa l-U.S. Capitol Hill

Ħażrat Mirża Masroor Aħmad, Kalifatul Masiħ V[aba] ġewwa l-U.S. Capitol Hill ftit wara l-indirizz storiku tiegħu lis-Statesmen u Bureaucrats Amerikani

Daħla

Fis-27 ta' Ġunju 2012, seħħet ġrajja storika f'Capitol Hill, Washington, D.C. Ħażrat Mirża Masroor Aħmad, Kalifatul Masiħ V[aba], il-Ħames Suċċessur tal-Messija Mwiegħed[as] u Kap tal-Komunità Musulmana Aħmadija, indirizza esponenti ewlenin tal-Kungress, senaturi, ambaxxaturi, uffiċjali mill-White House u l-iState Department, mexxejja ta' NGOs, mexxejja reliġjużi, professuri, konsulenti politiċi, burokratiċi, membri tal-Korp Diplomatiku, rappreżentanti ta' esperti kummerċjali u l-Pentagon u ġurnalisti mill-midja kollha. Il-laqgħa, l-ewwel tax-xorta tagħha, tat l-opportunità lil uħud mill-iktar mexxejja influwenti fl-Istati Uniti, inkluż l-Onorevoli Nancy Pelosi, il-Mexxej Demokratiku fil-Kamra tar-Rappreżentanti, biex jisimgħu direttament il-messaġġ Iżlamiku dwar il-paċi dinjija. Wara l-okkażjoni, il-Qdusija Tiegħu ġie mdawwar mal-bini tal-Capitol Hill, qabel ma ġie eskortat għall-Kamra tar-Rappreżentanti fejn ġiet introdotta Riżoluzzjoni b'unur taż-żjara tiegħu fl-Istati Uniti.

Il-paragrafu introduttorju tar-Riżoluzzjoni ddikjara:

Nagħtu merħba ’l-Qdusija Tiegħu, Ħażrat Mirża Masroor Aħmad, il-kap amministrattiv u spiritwali dinji tal-Komunità Aħmadija Musulmana, f’Washington, DC, u nagħrfu l-impenn tiegħu għall-paċi dinjija, in-nonvjolenza, id-drittijiet umani, il-libertà reliġjuża u d-demokrazija...

Din hija l-lista sħiħa tal-parteċipanti fl-avveniment storiku ġewwa Capitol Hill. (Din qed tiġi ppreżentata bl-Ingliż):

- U.S. Senator Robert Casey, Sr. (Democrat Pennsylvania)
- U.S. Senator John Cornyn (Republican Texas)
- Democratic Leader Nancy Pelosi (Democrat California)
- U.S. Congressman Keith Ellison (Democrat Minnesota)
- U.S. Congressman Bradley Sherman (Democrat California)
- U.S. Congressman Frank Wolf (Republican Virginia)
- U.S. Congressman Michael Honda (Democrat California)
- U.S. Congressman Timothy Murphy (Republican Pennsylvania)
- U.S. Congresswoman Jeannette Schmidt (Republican Ohio)
- U.S. Congresswoman Janice Hahn (Democrat California)

- U.S. Congresswoman Janice Schakowsky (Democrat Illinois)
- U.S. Congresswoman Jackie Speier (Democrat California)
- U.S. Congresswoman Zoe Lofgren (Democrat California)
- U.S. Congresswoman Sheila Jackson Lee (DemocratTexas)
- U.S. Congressman Gary Peters (Democrat Michigan)
- U.S. Congressman Thomas Petri (Republican Wisconsin)
- U.S. Congressman Adam Schiff (Democrat California)
- U.S. Congressman Michael Capuano (Democrat Massachusetts)
- U.S. Congressman Howard Berman (Democrat California)
- U.S. Congresswoman Judy Chu (Democrat California)
- U.S. Congressman André Carson (Democrat Indiana)
- U.S. Congresswoman Laura Richardson (Democrat California
- U.S. Congressman Lloyd Poe (Republican Texas)
- U.S. Congressman Barney Frank (Democrat Massachusetts)
- U.S. Congressman. Bruce Braley (Democrat Iowa)
- U.S. Congressman Dennis Kucinich (Democrat Ohio)

- U.S. Congressman Trent Franks (Republican Arizona)
- U.S. Congressman Chris Murphy (Democrat Connecticut)
- U.S. Congressman Hank Johnson (Democrat Georgia)
- U.S. Congressman James Clyburn (Democrat South Carolina)
- His Excellency Bockari Kortu Stevens, Ambassador of Sierra Leone to the United States
- Dr. Katrina Lantos Swett, Chairwoman, United States Commission on Inteternational Religious Freedom
- Hon. Tim Kaine, Former Governor of Virginia
- Amb. Susan Burk, Special Representative of President Barack Obama for Nuclear Nonproliferation
- Amb. Suzan Johnson Cook, U.S. Ambassador at Large for International Religious Freedom
- Hon. Khaled Aljalahma, Deputy Chief of Mission, Embassy of the Kingdom of Bahrain to the United States
- Rev. Monsignor Jean-Francois Lantheaume, First Counselor (Deputy Chief of Mission), The Apostolic Nunciature of the Holy See to the United States
- Ms. Sara Al-Ojaili, Public Affairs/Liaison Officer, Embassy of the Sultanate of Oman to the United States

- Mr. Salim Al Kindie, First Secretary, Embassy of the Sultanate of Oman to the United States
- Ms. Fozia Fayyaz, Embassy of Pakistan to the United States
- Hon. Saida Zaid, Counselor, Embassy of Morocco to the United States
- Hon. Nabeel Munir, Minister-IV (Security Council), Pakistan Permanent Mission to the United Nations
- Hon. Josef Renggli, Minister-Counselor, Embassy of Switzerland to the United States
- Hon. Alyssa Ayres, Deputy Assistant Secretary for South and Central Asia, U.S. Department of State
- Amb. Karl Inderfurth, Senior Adviser and Wadhwani Chair in U.S.-India Policy Studies, Center for Strategic and International Studies
- Hon. Donald A. Camp, Senior Associate, Center for Strategic and International Studies
- Amb. Jackie Wolcott, Executive Director, U.S. Commission on International Religious Freedom
- Dr. Azizah al-Hibri, Commissioner, U.S. Commission on International Religious Freedom
- Mr. Isaiah Leggett, County Executive, Montgomery Count, Maryland
- Ms. Victoria Alvarado, Director, Office of International Religious Freedom, U.S. Department of State
- Dr. Imad Dean Ahmad, Director, Minaret of Freedom Institute
- Dr. Zainab Alwani, Assistant Professor of Islamic Studies, Howard University School of Divinity

- Ms. Deborah L. Benedict, Associate Counsel, U.S. Citizenship and Immigration Services, Department of Homeland Security
- Ms. Lora Berg, Senior Adviser to Special Representative to Muslim Communities, U.S. Department of State
- Dr. Charles Butterworth, Professor (Emeritus) of Government and Politics, University of Maryland, College Park
- Father John Crossin, Executive Director for Secretariat for Ecumenical and Interreligious Affairs, United States Conference of Catholic Bishops
- Major (Ret.) Franz Gayl, Senior Science Adviser, U.S. Marine Corps.
- Dr. Sue Gurawadena-Vaughn, Director of International Religious Freedom and South East Asia Programs, Freedom House
- Mr. Frank Jannuzi, Head of Washington Office, Amnesty International USA
- Mr. T. Kumar, International Advocacy Director, Amnesty International USA
- George Leventhal, Member of the Montgomery County Council
- Mr. Amer Latif, Visiting Fellow, Wadhwani Chair in U.S.-India Policy Studies, Center for Strategic and International Studies
- Mr. Tim Lenderking, Director of Pakistan Desk Office, U.S. State Department

- Mr. Jalal Malik, International Affairs Officer, U.S. Army National Guard
- Mr. Naveed Malik, Foreign Service Officer, U.S. Department of State
- Ms. Dalia Mogahed, Senior Analyst and Executive Director, Gallup Center for Muslim Studies
- Mr. Paul Monteiro, Associate Director, White House Office of Public Engagement
- Major General David Quantock, United States Army Provost General
- Ms. Tina Ramirez, Director of International and Government Relations, The Becket Fund
- Rabbi David Saperstein, Director and Counsel, Religious Action Center for Reform Judaism
- Chaplain, Brigadier General Alphonse Stephenson, Director of the National Guard Bureau Office of the Chaplain
- Mr. Knox Thames, Director of Policy and Research, U.S. Commission on International Religious Freedom
- Mr. Eric Treene, Special Counsel for Religious Discrimination, Civil Rights Division, U.S. Department of Justice
- Dr. Hassan Abbas, Professor, Regional and Analytical Studies Department, National Defense University
- Mr. Malik Siraj Akbar, Reagan-Fascell Fellow, National Endowment of Democracy
- Mr. Matthew K. Asada, Congressional Fellow to Rep. Gary Peters

- Ms. Stacy Burdett, Director of Government and National Affairs, Anti-Defamation League
- Ms. Elizabeth Cassidy, Deputy Director for Policy and Research, U.S. Commission on International Religious Freedom
- Ms. Aimee Chiu, Director of Media, Communication, and Public Relations, American Islamic Congress
- Mr. Cornelius Cremin, Department of State, Bureau of Democracy, Human Rights and Labor, Acting Deputy Director and Foreign Affairs Officer for Pakistan
- Mr. Sadanand Dhume, Resident Fellow, American Enterprise Institute
- Dr. Richard Gathro, Dean of Nyack College, Washington D.C.
- Mr. Joe Grieboski, Chairman, The Institute on Religion and Public Policy
- Ms. Sarah Grieboski, The Institute on Religion and Public Policy
- Dr. Max Gross, Adjunct Professor, Prince Alwaleed Bin Talal Center for Muslim-Christian Understanding, Georgetown University
- Dr. Riaz Haider, Clinical Professor of Medicine, George Washington University
- Ms. Huma Haque, Assistant Director, South Asia Center, Atlantic Council
- Mr. Jay Kansara, Associate Director, Hindu American Foundation

- Mr. Hamid Khan, Senior Program Officer, Rule of Law Center, U.S. Institute for Peace
- Ms. Valerie Kirkpatrick, Associate for Refugees and U.S. Advocacy, Human Rights Watch
- Mr. Alex Kronemer, Unity Productions
- Mr. Paul Liben, Executive Writer, U.S. Commission on International Religious Freedom
- Ms. Amy Lillis, Foreign Affairs Officer, U.S. Department of State
- Mr. Graham Mason, Legislative Assistant to Rep. Allyson Schwartz
- Ms. Lauren Markoe, Religion News Service
- Mr. Dan Merica, CNN.com
- Mr. Joseph V. Montville, Senior Associate, Merrimack College Center for the Study of Jewish-Christian-Muslim Relations
- Mr. Aaron Myers, Program Officer, Freedom House
- Ms. Attia Nasar, Regional Coordinating Officer, U.S. Department of State
- Ms. Melanie Nezer, Senior Director, US Policy and Advocacy, HIAS
- Dr. Elliott Parris, Bowie State University
- Mr. John Pinna, Director of Government and International Relations, American Islamic Congress
- Mr. Arif Rafiq, Adjunct Scholar, Middle East Institute
- Ms. Maya Rajaratnam, Amnesty International
- Ms. Rachel Sauer, Foreign Affairs Officer, U.S. Department of State

- Dr. Jerome Schiele, Dean of College of Professional Studies, Bowie State University
- Ms. Samantha Schnitzer, Staff, United States Commission on International Religious Freedom
- Dr. Mary Hope Schwoebel, Senior Program Officer, Academy for International Conflict Management and Peacebuilding, U.S. Institute for Peace
- Ms. Sarah Schlesinger, International and Government Relations Associate, The Becket Fund
- Dr. Frank Sellin, Kyrgystan Desk Officer, U.S. Department of State
- Ms. Anna-Lee Stangl, Christian Solidarity Worldwide
- Ms. Kalinda Stephenson, Professional Staff, Tom Lantos Human Rights Commission
- Mr. Jordan Tama, Lead Democratic Staffer, Tom Lantos Human Rights Commission
- Mr. Shaun Tandon, AFP
- Dr. Wilhelmus Valkenberg, Professor of Religion and Culture, The Catholic University of America
- Mr. Anthony Vance, Director of External Affairs, Baha'is of the United States
- Mr. Jihad Saleh Williams, Government Affairs Representative, Islamic Relief USA
- Ms. Amelia Wang, Chief of Staff to Congresswoman Judy Chu
- Ms. Moh Sharma, Legislative Fellow to Congresswoman Judy Chu

Il-Kungress Amerikan – Riżoluzzjoni Interna 709

AUTHENTICATED
U.S. GOVERNMENT
INFORMATION
GPO

IV

112TH CONGRESS
2D SESSION

H. RES. 709

Welcoming His Holiness, Hadhrat Mirza Masroor Ahmad, the worldwide spiritual and administrative head of the Ahmadiyya Muslim Community, to Washington, DC, and recognizing his commitment to world peace, justice, nonviolence, human rights, religious freedom, and democracy.

IN THE HOUSE OF REPRESENTATIVES

JUNE 27, 2012

Ms. ZOE LOFGREN of California (for herself, Mr. SHERMAN, Mr. CONNOLLY of Virginia, Mr. HINCHEY, Ms. ESHOO, Ms. SPEIER, Ms. RICHARDSON, Mr. SCHIFF, Ms. SCHAKOWSKY, Mr. HONDA, Mr. WOLF, Mr. PETERS, Mr. DENT, Ms. CHU, Mr. BERMAN, Mr. FRANKS of Arizona, Ms. JACKSON LEE of Texas, Ms. SCHWARTZ, Mr. BRALEY of Iowa, and Mr. MCGOVERN) submitted the following resolution; which was referred to the Committee on Foreign Affairs

---

RESOLUTION

Welcoming His Holiness, Hadhrat Mirza Masroor Ahmad, the worldwide spiritual and administrative head of the Ahmadiyya Muslim Community, to Washington, DC, and recognizing his commitment to world peace, justice, nonviolence, human rights, religious freedom, and democracy.

Whereas, from June 16, 2012, to July 2, 2012, His Holiness, Hadhrat Mirza Masroor Ahmad, the worldwide spiritual and administrative head of the Ahmadiyya Muslim Community, an international religious organization with mil-

lions of members across the globe, is making a historic visit to the United States;

Whereas His Holiness was elected to become fifth Khalifa to Mirza Ghulam Ahmad, a lifelong position, on April 22, 2003;

Whereas His Holiness is a leading Muslim figure promoting peace, who in his sermons, lectures, books, and personal meetings has continually advocated the Ahmadiyya values of service to humanity, universal human rights, and a peaceful and just society;

Whereas the Ahmadiyya Muslim Community has suffered repeated hardships, including discrimination, persecution, and violence;

Whereas, on May 28, 2010, 86 Ahmadi Muslims were killed in Lahore, Pakistan, when two mosques belonging to the Ahmadiyya Muslim Community were attacked by anti-Ahmadiyya terrorists;

Whereas despite the continued sectarian persecution that Ahmadi Muslims are subjected to, His Holiness continues to forbid violence;

Whereas His Holiness has traveled globally to promote and facilitate service to humanity, meeting with presidents, prime ministers, parliamentarians, and ambassadors of state;

Whereas during his visit to the United States, His Holiness will meet thousands of American Muslims in addition to significant United States Government leaders in order to strengthen relationships and find means of establishing peace and justice for all people; and

Whereas, on the morning of June 27, 2012, His Holiness will deliver the keynote address at a special bipartisan recep-

tion at the Rayburn House Office Building on Capitol Hill, "The Path to Peace: Just Relations Between Nations": Now, therefore, be it

Resolved, That the House of Representatives—

(1) welcomes His Holiness, Mirza Masroor Ahmad to Washington, DC;

(2) commends His Holiness for promoting individual and world peace, as well as individual and world justice; and

(3) commends His Holiness for his perseverance in counseling Ahmadi Muslims to eschew any form of violence, even in the face of severe persecution.

○

It-Triq għall-Paċi – Relazzjonijiet Ġusti Bejn in-Nazzjonijiet

Bismillahir-Rahmanir-Raheem – F'isem Alla, mimli bil-Grazzja, Ħanin dejjem.

Intom mistidnin distinti – *Assalamo Alaikum Wa Rahmatullahe Wa Barakatohu* – il-Paċi u l-Barka ta' Alla tkun fuqkom ilkoll.

Qabel ma nibda, irrid l-ewwel nieħu l-opportunità biex nirringrazzja lilkom ilkoll talli ħadtu l-ħin biex tattendu u tisimgħu dak li għandi xi ngħid. Intlabt nitkellem fuq suġġett estremament vast u mifrux. Għandu diversi aspetti u għalhekk, mhuwiex possibbli għalija li nkoprihom kollha fil-ftit ħin li għandi. Is-suġġett li fuqu ntlabt nitkellem hu dak tat-twaqqif tal-paċi dinjija. Ċertament, din hija l-kwistjoni l-iktar vitali u pressanti li qed tħabbat wiċċha magħha d-dinja bħalissa. Madankollu, billi l-ħin huwa limitat, se nagħti biss il-viżjoni Iżlamika tat-twaqqif tal-paċi bis-saħħa ta' relazzjonijiet ġusti u ugwali bejn in-nazzjonijiet.

Il-verità hi li l-paċi u l-ġustizzja huma inseparabbli – ma jistax ikollok waħda mingħajr l-oħra. Bla dubju, dan il-prinċipju hu ħaġa li kapaċi tifhmu kull persuna intelliġenti u għarfa. Jekk inħallu barra dawk in-nies li huma determinati li joħolqu d-diżordni fid-dinja, ħadd qatt ma jista' jgħid li f'xi soċjetà, pajjiż jew saħansira fid-dinja kollha, jista' jkun hemm id-diżordni jew in-nuqqas ta' paċi fejn jeżistu l-ġustizzja u l-imparzjalità. Madankollu, insibu li f'ħafna partijiet tad-dinja huma d-diżordni u n-nuqqas ta' paċi li jirrenjaw. Diżordni bħal din tidher kemm b'mod intern fil-pajjiżi, kif ukoll b'mod estern fir-relazzjonijiet bejn diversi nazzjonijiet. Diżordni u tbatijiet bħal dawn jeżistu minkejja li l-gvernijiet kollha jisħqu li jwettqu politika bbażata fuq il-ġustizzja. Kollha jisħqu li t-twaqqif tal-paċi huwa l-għan ewlieni tagħhom. Minkejja dan, inġenerali, m'hemmx dubju li n-nuqqas ta' kwiet u l-ansjetà qed jiżdiedu fid-dinja u għalhekk id-diżordni qed tinfirex. Dan bla dubju juri li xi mkien matul it-triq, ir-rekwiżiti għall-ġustizzja mhumiex jintlaħqu. Għaldaqstant, hemm bżonn urġenti biex wieħed jipprova jwaqqaf l-inugwaljanza, kull meta u fejn teżisti. Għalhekk, bħala l-Mexxej dinji tal-Komunità Musulmana Aħmadija, nixtieq nagħmel ftit osservazzjonijiet dwar il-bżonn u l-mod kif tista' tinkiseb il-paċi msejsa fuq il-ġustizzja.

Il-Komunità Aħmadija Musulmana hi fil-qofol tagħha komunità reliġjuża. Aħna nemmnu bis-sħiħ li l-Messija u r-Riformatur li kellu jidher f'din l-era u jdawwal lid-dinja bit-tagħlim veru Iżlamiku wasal tabilħaqq. Aħna nemmnu li l-Fundatur tal-Komunità tagħna, Ħażrat Mirża Gulam Aħmad[as] minn Kadjan, kien sewwasew dan il-Messija Mwiegħed u Riformatur, u aħna lqajnieh. Huwa insista mas-segwaċi tiegħu biex jaġixxu u jwasslu t-tagħlim reali u veru tal-Iżlam li hu bbażat fuq il-Koran Imqaddes. Għalhekk, dak

kollu li se ngħid rigward it-twaqqif tal-paċi, u fir-rigward tat-twettiq ta' relazzjonijiet internazzjonali ġusti, se jkun ibbażat fuq it-tagħlim Koraniku.

Fir-rigward tal-kisba tal-paċi dinjija, kollha kemm intom regolarment tesprimu l-opinjonijiet tagħkom, u tagħmlu sforzi kbar. L-imħuħ kreattivi u intelliġenti tagħkom jippermettulkom tippreżentaw ideat kbar, pjanijiet u saħansitra viżjoni ta' paċi. Għaldaqstant, dan is-suġġett ma jitlobx minni li nitkellem minn perspettiva dinjija jew politika, iżda minflok l-enfasi tiegħi se tkun fuq kif nistabbilixxu l-paċi minn perspettiva tar-reliġjon. Għal dan il-għan sejjer, kif għedt qabel, nippreżenta xi suġġerimenti importanti ħafna bbażati fuq it-tagħlim tal-Koran Imqaddes.

Huwa importanti li wieħed jiftakar li l-għerf u l-intellett uman mhumiex perfetti, iżda huma fil-fatt limitati. Għalhekk, waqt it-teħid tad-deċiżjonijiet jew il-formazzjoni tal-ideat, fatturi oħra jidħlu fl-imħuħ tal-bnedmin li jistgħu jtappnu l-ġudizzju u jwasslu 'l persuna biex tfittex l-interessi tagħha. Fl-aħħar mill-aħħar dan jista' jwassal għal riżultat inġust u deċiżjoni żbaljata. Il-liġi ta' Alla, madankollu, hi perfetta u għalhekk l-ebda interess personali jew proviżjonijiet inġusti ma jeżistu. Dan għaliex Alla jixtieq biss it-tajjeb u t-titjib tal-Kreazzjoni Tiegħu u għalhekk, il-Liġi Tiegħu hi bbażata kompletament fuq il-ġustizzja. Il-ġurnata meta n-nies tad-dinja jirrealizzaw u jifhmu dan il-punt kruċjali tkun dik il-ġurnata li fiha jitqiegħed il-pedament għall-paċi vera u dejjiema. Jekk dan ma jsirx, nibqgħu nindunaw li minkejja l-isforzi kontinwi għat-twaqqif tal-paċi dinjija, l-ebda riżultat ma jista' jinkiseb.

Wara t-tmiem tal-Ewwel Gwerra Dinjija, il-mexxejja ta' xi pajjiżi xtaqu li jinħolqu relazzjonijiet futuri tajba msejsa fuq

il-paċi bejn in-nazzjonijiet kollha. Għalhekk, fi sforz biex tinkiseb il-paċi dinjija, twaqqfet il-Lega tan-Nazzjonijiet. L-għan prinċipali tagħha kien iż-żamma tal-paċi dinjija u l-prevenzjoni ta' gwerer futuri. Sfortunatament, ir-regoli tal-Lega u r-riżoluzzjonijiet li għaddiet kellhom ċerti difetti u dgħufijiet u għalhekk ma tawx protezzjoni adekwata lid-drittijiet tal-popli u n-nazzjonijiet kollha b'mod ugwali. Għalhekk, bħala konsegwenza tal-inugwaljanzi li kienu jeżistu, il-paċi fit-tul taż-żmien ma setgħetx tipprevali. L-isforzi tal-Lega sfaxxaw fix-xejn u dan wassal direttament għat-Tieni Gwerra Dinjija.

Kollha kemm aħna konxji tal-qerda u d-devastazzjoni mingħajr replika li żviluppat, fejn madwar 75 miljun persuna mad-dinja kollha tilfu ħajjithom, ħafna minnhom ikunu ċivili innoċenti. Dik il-gwerra kellha tkun iktar minn biżżejjed biex tiftaħ għajnejn id-dinja. Kellha sservi bħala mezz biex tiġi żviluppata politika għaqlija li tagħti lill-partijiet kollha d-drittijiet dovuti lilhom imsejsa fuq il-ġustizzja. B'hekk tipprova li hi mezz għat-twaqqif tal-paċi fid-dinja. Il-gvernijiet tad-dinja ta' dak iż-żmien ippruvaw sa ċertu punt jestendu u jistabbilixxu l-paċi, u b'hekk twaqqfet in-Nazzjonijiet Uniti. Madankollu, malajr wieħed seta' jintebaħ li l-objettiv nobbli u bla limiti li jirfed in-Nazzjonijiet Uniti ma setax jintlaħaq. Tabilħaqq, illum ċerti gvernijiet pjuttost bil-miftuħ jagħmlu stqarrijiet li jagħtu prova tal-falliment tagħha.

Xi jgħid l-Iżlam fir-rigward tar-relazzjonijiet internazzjonali msejsa fuq il-ġustizzja, u għalhekk mezz għat-twaqqif tal-paċi? Fil-Koran Imqaddes, Alla s-Setgħani għamilha ċara li għalkemm in-nazzjonalitajiet jew l-etniċità tagħna jservu bħala mezz ta' identità, dawn bl-ebda mod ma jintitolaw xi forma ta' superjorità ta' xi tip.

Il-Koran, b'hekk, jagħmilha ċara li l-bnedmin kollha jitwieldu ndaqs. Mhux biss, fl-aħħar prietka mogħtija mill-Qaddis Profeta Muħammad[sa], huwa ta struzzjonijiet lill-Musulmani kollha biex jiftakru li Għarbi mhuwiex superjuri għal min mhux Għarbi bħalma min mhux Għarbi mhuwiex superjuri għall-Għarbi. Huwa għallem li l-abjad mhuwiex superjuri għall-iswed bħalma l-iswed mhux superjuri għall-abjad. Għalhekk, l-Iżlam jgħallem b'mod ċar li persuni minn nazzjonijiet jew razez differenti huma ugwali. Huwa ċar ukoll li l-persuni kollha għandhom jingħataw drittijiet ugwali mingħajr ebda diskriminazzjoni jew preġudizzju.

Madankollu, illum naraw li hawn diviżjoni u firda bejn nazzjonijiet b'saħħithom u nazzjonijiet dgħajfa. Ngħidu aħna, fin-Nazzjonijiet Uniti nsibu li teżisti distinzjoni bejn ċerti pajjiżi. Għalhekk, fil-Kunsill tas-Sigurtà naraw li hemm membri permanenti u oħrajn li mhumiex. Din id-diviżjoni serviet bħala sors intern ta' ansjetà u frustrazzjoni u għalhekk ta' spiss nisimgħu rapporti ta' ċerti pajjiżi li jipprotestaw kontra din l-inugwaljanza. L-Iżlam jgħallem l-ugwaljanza u l-ġustizzja assoluta fil-materji kollha u għalhekk insibu direzzjoni kruċjali oħra f'Kapitlu 5, Vers 3 tal-Koran Imqaddes. F'dan il-vers huwa jgħid li biex wieħed jilħaq kompletament l-għanijiet tal-ġustizzja, huwa neċessarju li wieħed jittratta b'ġustizzja u ekwità saħansitra 'l dawk innies li jaqbżu kull limitu fil-mibegħda u l-ostilità tagħhom. Il-Koran jgħallem li kull min imexxik lejn it-tjieba u l-virtù għandek tilqgħu filwaqt li għandek tiċħad lil min imexxik lejn imġiba żienja jew inġusta.

Mistoqsija li toħroġ b'mod naturali hi: x'inhu l-livell ta' ġustizzja mistenni mill-Iżlam? F'Kapitlu 4, Vers 136, il-Koran Imqaddes jgħid li saħansitra jekk ikollok tixhed kontra tiegħek innifsek, il-ġenituri jew il-maħbubin tiegħek,

għandek tagħmel dan biex b'hekk issir ġustizzja u tiġi mħarsa l-verità. Pajjiżi b'saħħithom u sinjuri m'għandhomx iċaħħdu d-drittijiet ta' pajjiżi ifqar u iktar dgħajfa fi sforz biex iħarsu d-drittijiet tagħhom, u lanqas m'għandhom jittrattaw mal-pajjiżi l-fqar b'mod inġust. Mill-banda l-oħra, il-pajjiżi foqra u dgħajfa m'għandhomx ifittxu li jagħmlu l-ħsara lill-pajjiżi b'saħħithom jew sinjuri kull meta tippreżenta ruħha l-opportunità. Minflok, kull naħa għandha tirsisti biex tħaddan kompletament il-prinċipji tal-ġustizzja. Tabilħaqq, dan huwa suġġett ta' importanza kritika fiż-żamma ta' relazzjonijiet paċifiċi bejn in-nazzjonijiet.

Rekwiżit ieħor għall-paċi bejn in-nazzjonijiet imsejjes fuq il-ġustizzja jingħata f'Kapitlu 15, Vers 89 tal-Koran Imqaddes fejn jgħid li ħadd m'għandu jħares b'għira lejn ir-riżorsi u l-ġid tal-oħrajn. Bl-istess mod, l-ebda pajjiż m'għandu jfittex li jagħmel tiegħu b'mod inġust riżorsi ta' pajjiż ieħor bl-iskuża falza li qed jagħmel dan biex isostni jew jassisti. Għalhekk, abbażi ta' provedimenti ta' konsulenza teknika, il-gvernijiet m'għandhomx jieħdu vantaġġ ta' pajjiżi oħra b'kuntratti jew xi ftehim kummerċjali inġust. Bl-istess mod, abbażi ta' provedimenti ta' konsulenza teknika jew assistenza, il-gvernijiet m'għandhomx jippruvaw jieħdu f'idejhom riżorsi naturali jew assi ta' pajjiżi li jinsabu f'fażi ta' żvilupp. Fejn popli inqas mgħallma jew gvernijiet jeħtiġilhom ikunu mgħallma kif jistgħu jagħmlu użu aħjar mir-riżorsi naturali tagħhom, dan għandu jitwettaq.

B'hekk, il-pajjiżi u l-gvernijiet għandhom dejjem ifittxu li jservu u jgħinu dawk inqas ixxurtjati. Madankollu, servizz bħal dan m'għandux jingħata bl-iskop li jinkiseb benefiċċju nazzjonali jew politiku jew biex jintlaħqu interessi personali. Naraw li fl-aħħar sitta jew seba' deċennji n-Nazzjonijiet Uniti varat ħafna programmi jew fondazzjonijiet intiżi biex

jassistu ’l-pajjiżi foqra biex jimxu ’l quddiem. Għal dan il-għan esploraw ir-riżorsi naturali tal-pajjiżi fi stat ta’ żvilupp. Madankollu, minkejja l-isforzi tagħhom, l-ebda pajjiż mill-foqra ma laħaq il-livell jew l-istadju tal-pajjiżi sinjuri. Raġuni waħda għal dan hi bla dubju l-korruzzjoni mifruxa ta’ ħafna gvernijiet f’dawn il-pajjiżi sottożviluppati. Iżda b’sogħba rrid ngħid li minkejja dan, bħala mezz biex imexxu l-interessi tagħhom, il-pajjiżi żviluppati baqgħu xorta waħda jinnegozjaw ma’ dawn il-gvernijiet. Ftehim kummerċjali, għajnuna internazzjonali u kuntratti ta’ negozju xorta baqgħu jiġu proċessati. B’konsegwenza, il-frustrazzjonijiet u n-nuqqas ta’ kwiet tas-setturi l-iktar foqra u minsija tas-soċjetà baqgħu jiżdiedu u dan wassal għar-ribelljoni u d-diżordni interna f’dawn il-pajjiżi. In-nies foqra fil-pajjiżi inqas żviluppati tant saru frustrati li daru mhux biss kontra l-mexxejja tagħhom, iżda kontra l-potenzi l-kbar ukoll. Dan ta vantaġġ lill-gruppi estremisti, li b’riħet il-frustrazzjonijiet tagħhom inkoraġġew lin-nies biex jissieħbu mal-gruppi tagħhom u jsostnu l-ideoloġija mimlija mibegħda li huma jħaddnu. Ir-riżultat aħħari ta’ dan kien li l-paċi fid-dinja nqerdet.

L-Iżlam għalhekk ġibed l-attenzjoni tagħna lejn diversi modi ta’ kif tista’ tinkiseb il-paċi. Dan jitlob ġustizzja assoluta. Jitlob ukoll li dejjem tingħata xhieda onesta. Jitlob li l-ħarsa tagħna ma tmurx fid-direzzjoni ta’ min hu sinjur iktar minna. Jitlob li l-pajjiżi żviluppati jwarrbu l-interessi personali tagħhom, u minflok jgħinu u jservu b’atteġġjament u spirtu altruwistiku n-nazzjonijiet ifqar u inqas żviluppati. Jekk dawn il-fatturi jiġu osservati, il-paċi vera tkun tista’ tiġi stabbilita.

Jekk, minkejja l-miżuri msemmija qabel, pajjiż xorta waħda jaqbeż il-limiti kollha u jattakka pajjiż ieħor, u jfittex li bla

ebda ġustifikazzjoni jieħu f'idejh ir-riżorsi tiegħu, allura pajjiżi oħra għandhom ċertament jieħdu miżuri biex iwaqqfu din il-moħqrija – madankollu għandhom dejjem jagħmlu dan billi jaġixxu b'ġustizzja.

Il-kundizzjonijiet biex wieħed jieħu azzjoni msejsa fuq it-tagħlim Iżlamiku jissemmew fil-Koran, f'Kapitlu 49. Hu jgħallem li meta jkun hemm kwistjoni bejn żewġ pajjiżi u dan iwassal għall-gwerra, gvernijiet oħra għandhom jiggwidawhom lejn id-djalogu u d-diplomazija biex b'hekk ikunu jistgħu jaslu għall-ftehim u l-paċi msejsa fuq ftehim innegozjat. Madankollu, jekk wieħed mill-partijiet ma jaċċettax il-kundizzjonijiet tal-ftehim u jiftaħ gwerra, mela pajjiżi oħra għandhom jingħaqdu u jiġġieldu biex iwaqqfu l-aggressur. Meta l-pajjiż aggressur jiġi skonfitt u jissottometti ruħu għan-negozjati, il-partijiet kollha għandhom jilħqu ftehim li jwassal għal paċi u rikonċiljazzjoni fit-tul taż-żmien. Kundizzjonijiet ħorox jew inġusti li jorbtu id il-pajjiż m'għandhomx jiġu inposti għax fit-tul dan iwassal għaċ-ċaqliq li jiffermenta u jinfirex. Ir-riżultat ta' dan iċ-ċaqliq mhu xejn ħlief iktar diżordni.

F'ċirkostanzi fejn gvern newtrali jfittex ir-rikonċiljazzjoni bejn żewġ partiti, dan għandu jaġixxi b'sinċerità u b'imparzjalità totali. Din l-imparzjalità għandha tippersisti saħansitra jekk xi wieħed mill-partijiet jitkellem kontriha. Għalhekk, il-parti newtrali m'għandha turi l-ebda rabja f'ċirkostanzi bħal dawn, m'għandhiex tfittex il-vendetta, u m'għandhiex taġixxi b'mod inġust. Il-partijiet kollha għandhom jingħataw id-drittijiet tagħhom.

Għaldaqstant, biex ir-rekwiżiti tal-ġustizzja jintlaħqu, huwa essenzjali li l-pajjiżi li jkunu qegħdin jinnegozjaw ftehim ma jfittxux l-interessi personali tagħhom jew jippruvaw

jibbenefikaw inġustament miż-żewġ pajjiżi. Huma m'għandhomx jindaħlu inġustament jew joħolqu pressjoni fuq xi waħda mill-partijiet. Ir-riżorsi naturali m'għandhomx jiġu sfruttati. Restrizzjonijiet inġusti u żejda m'għandhomx jiġu imposti fuq pajjiżi bħal dawn, għaliex dan la huwa ġust u lanqas qatt ma jista' jservi bħala mezz ta' titjib tar-relazzjonijiet bejn il-pajjiżi.

Minħabba limitazzjonijiet ta' ħin, dawn il-punti ssemmew biss fil-qosor. Fil-qasir, jekk nixtiequ li tkun stabbilita l-paċi fid-dinja, jeħtieġ li għall-ġid komuni nwarrbu fil-ġenb l-interessi personali u nazzjonali tagħna u minflok nistabbilixxu relazzjonijiet ibbażati kompletament fuq il-ġustizzja. Inkella, xi wħud minnkom jistgħu jaqblu, minħabba l-alleanzi, fil-futur jistgħu jifformaw il-blokki – nista' saħansitra ngħid li bdew jiffurmaw diġà – u mhux impossibbli li d-dižordni tkompli tiżdied, liema dižordni fl-aħħar twassal għal distruzzjoni kbira. L-effetti ta' devastazzjoni u gwerra bħal din jibqgħu jinħassu tul diversi ġenerazzjonijiet. Għalhekk, l-Istati Uniti, bħala l-ikbar qawwa fid-dinja, għandha tagħmel il-parti tagħha biex taġixxi b'ġustizzja vera u b'intenzjonijiet tajba, kif spjegajt. Jekk tagħmel dan id-dinja tibqa' tiftakar dejjem b'ammirazzjoni kbira l-isforzi tagħkom. It-talba tiegħi hi li din issir realtà.

Grazzi ħafna. Grazzi mill-ġdid.

Skont it-tradizzjoni tagħna, fl-aħħar tal-funzjoni normalment ngħidu talba fis-skiet. B'hekk, se ngħid it-talba fis-skiet u l-Aħmadin se jagħmlu bħali. Intom il-mistednin tistgħu titolbu kif tafu.

IĊ-ĊAVETTA GĦALL-PAĊI – L-GĦAQDA GLOBALI

FIL-PARLAMENT EWROPEW
ĠEWWA BRUSSELL, IL-BELĠJU, 2012

Ħażrat Kalifatul Masiħ Vaba qed jintlaqa' minn Martin Schulz, President tal-Parlament Ewropew

Il-Qdusija Tiegħu jmexxi t-talb fit-tmiem tal-avveniment fil-Parlament Ewropew. Bilqiegħda għal-lemin tiegħu: Dr. Charles Tannock (MEP-UK), xellug: Rafiq Hayat (President tal-Komunità Aħmadija l-Ingilterra)

Ħażrat Mirża Masroor Aħmad, Kalifatul Masiħ Vaba jagħmel id-diskors prinċipali tiegħu fil-Parlament Ewropew

Konferenza Stampa mal-Qdusija Tiegħu, Ħażrat Kalifatul Masiħ V[aba] fil-Parlament Ewropew. Bilqiegħda mal-Qdusija Tiegħu huwa Dr. Charles Tannock (MEP-UK u l-President tal-Grupp Parlamentari Ewropew "*Friends of Ahmadiyya Muslims*")

Tunne Kelam (MEP-Estonja u Viċi President tal-Grupp Parlamentari Ewropew "*Friends of Ahmadiyya Muslims*" f'laqgħa mal-Qdusija Tiegħu

Phil Bennion (MEP-UK u membru għad-Delegazzjoni tal-Ażja ta' Isfel fil-Parlament Ewropew) f'laqgħa mal-Qdusija Tiegħu

Daħla

Fit-3 u l-4 ta' Diċembru 2012, Ħażrat Mirża Masroor Aħmad, Kalifatul Masiħ V[aba], il-Kap Dinji tal-Komunità Aħmadija Musulmana [Ahmadiyya Muslim Jamaat] u l-Ħames Kalif tal-Messija Imwiegħed[as], wettaq l-ewwel żjara tiegħu fil-Parlament Ewropew ġewwa Brussell fejn ta indirizz storiku lil udjenza ppakkjata ta' 'l fuq minn 350 mistieden minn 30 pajjiż differenti. L-okkażjoni ttellgħet mill-partit b'ideoloġiji mħallta appena varat fil-Parlament Ewropew "Il-Ħbieb tal-Musulmani Aħmadija" [Friends of Ahmadiyya Muslims], ippresedut minn Dr Charles Tannock (MEP-UK). Dan hu grupp ta' Membri Parlamentari Ewropej b'ideoloġiji varji li ġie stabbilit sabiex jippromwovi l-Komunità Aħmadija Musulmana u jtejjeb l-interessi tagħha fl-Ewropa kif ukoll madwar id-dinja. Matul iż-żjara, Ħażrat Mirża Masroor Aħmad[aba] kellu wkoll għadd ta' laqgħat mal-membri parlamentari u dinjitarji. Fost dawk li ltaqa' magħhom:

Dr. Charles Tannock (MEP-UK) — Membru tal-Kumitat fil-Parlament Ewropew għall-Affarijiet Barranin, Membru tas-Sotto Kumitat għad-Drittijiet Umani, Viċi President tad-Delegazzjoni Parlamentari għar-relazzjonijiet mal-Assemblea Parlamentari tan-NATO u President tal-Grupp Parlament Ewropew "Friends of Ahmadiyya Muslims".

Tunee Kelam (MEP-Estonja) — Membru tal-Kumitat fil-Parlament Ewropew għall-Affarijiet Barranin, is-Sotto Kumitat dwar is-Sigurtà u d-Difiża u Viċi President tal-Grupp Parlament Ewropew "Friends of Ahmadiyya Muslims".

Claude Moraes (MEP-UK) — Viċi President tad-Delegazzjoni għar-Relazzjonijiet mal-Peniżola Arbija, Membru tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern, Deputat Mexxej tal-Partit Laburista Parlamentari Ewropew u Viċi President tal-Grupp Parlament Ewropew "Friends of Ahmadiyya Muslims".

Barbara Lochbihler (MEP-Ġermanja) — President tas-Sotto Kumitat tal-Parlament Ewropew għad-Drittijiet Umani.

Jean Lambert (MEP-UK) — President tal-Parlament Ewropew għad-Delegazzjoni tal-Ażja ta' Isfel.

Phil Bennion (MEP-UK) — Membru tad-Delegazzjoni tal-Ażja ta' Isfel fil-Parlament Ewropew u President tal-Grupp Ewropew LibDem.

Fl-4 ta' Diċembru, saret konferenza stampa internazzjonali fil-Kamra għall-Istampa tal-Parlament Ewropew qabel l-avveniment prinċipali u d-diskors ewlieni tal-Qdusija Tiegħu. Il-Qdusija Tiegħu wieġeb għall-mistoqsijiet mill-midja waqt konferenza stampa ta' erbgħin minuta. Il-ġurnalisti u l-organizzazzjonijiet tal-midja mir-Renju Unit, Spanja, Franza, il-Belġju, il-Pakistan u minn pajjiżi oħra attendew dil-konferenza stampa.

Bi tweġiba għall-mistoqsija mill-ġurnalist tal-BBC dwar ir-rwol tal-Iżlam fid-dinja, il-Qdusija Tiegħu qal: "Il-messaġġ tal-paċi tal-Iżlam huwa universali, għalhekk il-motto tagħna

huwa Imħabba għal Kulħadd, Mibegħda għal Ħadd." Tweġiba għall-mistoqsija mir-rappreżentant tal-midja Spanjola, il-Qdusija Tiegħu qal li r-reliġjonijiet ewlenin kollha fil-forma oriġinali tagħhom għallmu l-messaġġ tal-paċi, għalhekk il-Musulmani vera jemmnu fil-Profeti kollha. Kull Profeta, hu qal, ġab il-messaġġ li Alla huwa Wieħed. Bi tweġiba għall-mistoqsija mir-rappreżentant tal-midja minn Malta, il-Qdusija Tiegħu qal li l-obbligu tal-Musulmani Aħmadin [membri tal-Komunità Aħmadija Musulmana] huwa li jġibu l-umanità eqreb lejn Alla u li jagħmlu l-popli tad-dinja konxji tad-dmir tagħhom li jħarsu d-drittijiet ta' xulxin.

L-avveniment prinċipali saret qabel udjenza numeruża. Il-President u Viċi Presidenti tal-Grupp Parlamentari Ewropew ta' "Friends of Ahmadiyya Muslims" laqgħu lill-Qdusija Tiegħu, Ħażrat Mirża Masroor Aħmad[aba], il-Mexxej tal-Komunità Aħmadija Musulmana dinjija.

Martin Schulz, Membru Parlamentari Ewropew u l-President tal-Parlament Ewropew, għamel ukoll żjara speċjali li fiha ltaqa' mal-Qdusija Tiegħu. Qabel l-indirizz ewlieni tal-Qdusija Tiegħu, numru ta' MEPs indirizzaw l-udjenza u tkellmu dwar l-ammirazzjoni tagħhom lejn il-paċi fl-Iżlam kif sostnut mill-Komunità Aħmadija Musulmana. Dr. Charles Tannock MEP, President tal-Grupp Parlamentari Ewropew "Friends of Ahmadiyya Muslims" qal "Il-Musulmani Aħmadin huma eżempju eċċellenti tat-tolleranza fid-dinja."

Nippreżentaw hawn it-taħdita ewlenija storika mogħtija mill-Qdusija Tiegħu, Ħażrat Mirża Masroor Aħmad[aba], Kalifatul Masiħ, il-Mexxej tal-Komunità Aħmadija Musulmana dinjija.

Iċ-Ċavetta għall-Paċi – l-Għaqda Globali

Bismillahir-Rahmanir-Raheem – Fl-isem ta' Alla, l-iktar Grazzjuż, l-iktar Ħanin.

Assalamo Alaikum Wa Rahmatullahe Wa Barakatohu; mistiedna distinti – il-paċi u l-barkiet ta' Alla magħkom.

Irrid nibda biex nirringrazzja l-organizzaturi ta' dan l-avveniment tal-opportunità li tawni biex nitkellem magħkom ilkoll hawn fil-Parlament Ewropew. Irrid nirringrazzja wkoll lid-delegati kollha, li jirrappreżentaw pajjiżi differenti, u mistidnin oħra, għall-isforzi tagħhom biex jattendu għal dan l-avveniment.

Dawk il-persuni li huma intiżi sew fl-Ahmadiyya Muslim Jamaat – jew Komunità – kif ukoll dawk li huma inqas intiżi u li għandhom kuntatt ma' Aħmadin individwali, jafu li bħala Komunità kontinwament niġbdu l-attenzjoni tad-dinja rigward it-twaqqif tal-paċi u s-sigurtà. Ċertament nagħmlu

kull sforz min-naħa tagħna biex nilħqu dawn l-għanijiet.

Bħala l-Kap tal-Komunità Aħmadija Musulmana, regolarment nitkellem fuq dawn is-suġġetti kull meta tinħoloq l-opportunità. Il-fatt li nitkellem dwar il-ħtieġa għall-paċi u l-imħabba reċiproka mhux marbut ma' xi tagħlim ġdid tal-Komunità Aħmadija. Filwaqt li hu tabilħaqq veru li wieħed mill-għanijiet ewlenija tal-Fundatur tal-Komunità Musulmana Aħmadija kien dak li tinġieb il-paċi u r-rikonċiljazzjoni, ir-realtà hi li kull att tagħna hu dovut għat-tagħlim li kien rivelat mill-fundatur tal-Iżlam, il-Qaddis Profeta Muħammad[sa].

Fl-1400 sena li ġew wara l-Qaddis Profeta Muħammad[sa], it-tagħlim mhux mittiefes li ġab miegħu, sfortunatament, kien ilu żmien li ntesa mill-maġġoranza tal-Musulmani. Għalhekk, bil-għan li jixxettel l-Iżlam veru, Alla l-iktar Setgħani bagħat il-Fundatur tal-Komunità Musulmana Aħmadija, Ħażrat Mirża Gulam Aħmad[as] minn Kadjan, skont il-profezija tal-Qaddis Profeta[sa] tal-Iżlam. Nitlobkom iżżommu f'moħħkom dan kollu meta niġi biex nitkellem dwar it-tagħlim Iżlamiku fir-rigward tal-iżvilupp tal-paċi u l-armonija fid-dinja.

Irrid insemmi wkoll li hemm aspetti differenti marbuta mal-'paċi' u s-'sigurtà'. Għax kull aspett individwali hu importanti fih innifsu, fl-istess ħin il-mod ta' kif kull aspett jintrabat mal-ieħor hu importanti ferm. Ngħidu aħna, il-materja prima għall-paċi fis-soċjetà hi t-trankwillità u l-armonija fi ħdan il-familja. Is-sitwazzjoni tad-dar mhix limitata iżda għandha effett fuq il-paċi tal-lokalità, li min-naħa tagħha tinfluwenza l-paċi tar-raħal jew il-belt sħiħa. F'każ ta' problemi fil-familja dan iħalli effett negattiv fuq l-arja lokali li min-naħa tagħha tħalli effett fuq il-belt jew raħal. Bl-istess mod, l-istat li tkun tinsab fih il-belt jew raħal jinfluwenza l-paċi fil-pajjiż

sħiħ u finalment l-istat tan-nazzjon jinfluwenza l-paċi u l-armonija tar-reġjun u tad-dinja kollha. Għalhekk, evidenti li jekk trid tiddiskuti mqar aspett wieħed tal-paċi, issib li l-oġġettiv mhux limitat iżda jkompli jespandi. Bl-istess mod, insibu li fejn m'hemmx paċi, metodi differenti jridu jintużaw biex tissolva l-kwistjoni skont il-problemi li jeżistu u skont l-aspetti partikolari tal-paċi u s-sigurtà li ġew miksura. Meta nżommu dan f'moħħna, hu ovvju li biex wieħed jindirizza u jiddiskuti dawn il-kwistjonijiet fid-dettall jeħtieġlu ħafna iktar ħin milli għandu għad-dispożizzjoni. Madankollu, nipprova niddiskuti għall-inqas ftit aspetti mit-tagħlim veru tal-Iżlam.

Fid-dinja tal-lum insibu li huma ħafna mill-oġġezzjonijiet li jsiru kontra l-Iżlam u ħafna mill-ħtija għad-diżordni u l-kunflitti fid-dinja huma attribwiti għar-reliġjon. Dawn l-allegazzjonijiet isiru minkejja t-tifsira vera għall-kelma Iżlam li hi 'paċi' u 'sigurtà'. Barra minn hekk, l-Iżlam hu dik ir-reliġjon li tat gwida speċifika fuq kif wieħed jista' jikseb il-paċi u ħejjiet regoli speċjali biex dan isir. Qabel ma ngħaddi biex nippreżenta stampa tat-tagħlim veru u paċifiku tal-Iżlam, nixtieq niddiskuti fil-qosor l-istat attwali tad-dinja. Konvint li diġà mħejjija tajjeb dwar dan, iżda se nsemmihom biex tkunu tistgħu tiftakruhom meta niġi biex niddiskuti t-tagħlim Iżlamiku dwar il-paċi u l-armonija. Kollha kemm aħna konxji u naċċettaw il-fatt li d-dinja tal-lum saret qisha villaġġ globali. Kollha kemm aħna integrati permezz ta' mezzi differenti, kemm jekk huma mezzi moderni tat-trasport, kemm jekk permezz tal-midja u l-internet, jew permezz ta' mezzi oħrajn. Dawn il-fatturi kollha wasslu biex in-nazzjonijiet tad-dinja qorbu lejn xulxin iktar minn qatt qabel. Naraw li fil-pajjiżi l-kbar popli ta' kull razza, reliġjon u nazzjonalità ssetiljaw u qed jgħixu flimkien. Tabilħaqq, f'ħafna pajjiżi hemm popolazzjoni sinjifikanti

ta' immigranti barranin. L-immigranti tant saru parti mill-popolazzjoni li jkun diffiċli ferm, jew impossibbli, għall-gvernijiet jew il-poplu lokali biex ikeċċihom. Għalkemm saru sforzi biex tiġi mrażżna l-immigrazzjoni u kienu implimentati ċerti restrizzjonijiet, jeżistu diversi modi kif persuna ta' nazzjonalità differenti tidħol f'pajjiż ieħor. Tabilħaqq, inħallu għall-ftit l-immigrazzjoni illegali, insibu li jeżistu ċerti liġijiet internazzjonali li jassistu 'l dawk li huma obbligati li jemigraw għal raġunijiet validi.

Naraw ukoll li bħala riżultat tal-immigrazzjoni tal-massa, l-ansjetà u n-nuqqas ta' paċenzja qed jinfirxu f'ċerti pajjiżi. Ir-responsabiltà għal dan ġejja miż-żewġ naħat – l-immigranti u n-nies lokali. Fuq naħa għandna xi immigranti li jipprovokaw il-popolazzjoni lokali billi jirrifjutaw li jintegraw ruħhom imqar bi ftit, filwaqt li fuq in-naħa l-oħra xi lokali qed juru nuqqas ta' tolleranza u qalb miftuħa. Minn żmien għal żmien il-mibegħda tilħaq livelli perikolużi. B'mod partikolari, il-mibegħda u l-ostilità mill-popolazzjoni lokali f'pajjiżi tal-Punent ta' spiss tkun manifestata fil-konfront tal-Iżlam b'reazzjoni għal imġiba negattiva minn xi Musulmani, partikolarment immigranti. Ir-rabja u r-reazzjoni mhix biss fuq skala żgħira, iżda tista' u fil-fatt tilħaq livelli estremi, u għalhekk gvernijiet tal-Punent jitkellmu regolarment dwar dawn il-problemi.

Għalhekk, insibu li xi kultant, il-Kanċillier Ġermaniż jirreferi għall-Musulmani bħala parti mill-Ġermanja; naraw lill-Prim Ministru tar-Renju Unit jitkellem dwar il-ħtieġa li l-Musulmani jiġu integrati u l-mexxejja ta' xi pajjiżi waslu biex saħansitra jagħtu twissijiet lill-Musulmani. Il-qagħda interna ta' ċerti kunflitti, jekk ma marritx lura, saret waħda inkwetanti. Dawn il-kwistjonijiet jistgħu jiggravaw u jistgħu jwasslu għall-qerda tal-paċi. Bla dubju l-effetti ta' kunflitti

bħal dawn ma jkunx limitat biss għall-pajjiżi tal-Punent iżda wkoll għad-dinja kollha, speċjalment għall-pajjiżi Musulmani. Dan iwassal għad-deterjorament sever tar-relazzjonijiet bejn il-pajjiżi tal-Punent u l-Lvant tad-dinja. Għalhekk, biex tittejjeb is-sitwazzjoni u l-paċi tiżviluppa, jeħtieġ li l-partijiet kollha jaħdmu flimkien. Jeħtieġ li l-gvernijiet jifformulaw politika li tistabbilixxi u tħares ir-rispett reċiproku billi jiġi pprojbit kull tip ta' dannu filwaqt li jiġu mħarsa s-sentimenti tal-oħrajn.

Min-naħa tagħhom, l-immigranti jrid ikollhom ir-rieda li jintegraw man-nies lokali, filwaqt li nies lokali għandhom ikunu lesti li jiftħu qalbhom u juru tolleranza. Barra minn hekk, l-impożizzjoni ta' ċerti restrizzjonijiet kontra l-Musulmani ma jwassalx għall-paċi għax dawn waħedhom ma jistgħux ibiddlu l-moħħ u l-ideat tan-nies. Dan ma jirrigwardax biss lill-Musulmani, għax kull meta l-persuna tiġi oppressa minħabba fit-twemmin u r-reliġjon tagħha, dan iwassal għal reazzjoni negattiva li matulha l-paċi ssofri danni serji ħafna. Kif għedt diġà, naraw li f'ċerti pajjiżi l-kunflitti qed jiżdiedu, b'mod partikolari bejn in-nies lokali u l-emigranti Musulmani. Jidher ċar li ż-żewġ naħat qed isiru inqas tolleranti u m'hemmx rieda biex wieħed isir jaf lill-ieħor. It-tmexxija Ewropea trid taċċetta li din hi r-realtà u tifhem li għandha responsabiltà fit-twaqqif tar-rispett reċiproku u t-tolleranza reliġjuża. Dan hu essenzjali sabiex fi ħdan kull pajjiż Ewropew, kif ukoll bejn pajjiżi Ewropej u Musulmani, tiżviluppa atmosfera ta' rieda tajba biex il-paċi fid-dinja ma tisfax imkissra.

Nemmen li l-kawża ta' kunflitti u firdiet bħal dawn mhix biss ir-reliġjon jew it-twemmin, u mhix sempliċement kwistjoni ta' differenzi bejn in-nazzjonijiet Musulmani u dawk tal-Punent. Fil-fatt, raġuni ewlenija għan-nuqqas ta' qbil kienet

il-kriżi finanzjarja globali. Meta ma kienx hemm riċessjoni jew il-credit crunch, ħadd qatt ma ħabbel rasu dwar l-influss tal-emigranti; Musulmani, dawk li mhumiex Musulmani, jew Afrikani. Madankollu, issa s-sitwazzjoni hi differenti u din qed tikkawża dan kollu. Saħansitra influwenzat ukoll ir-relazzjonijiet bilaterali bejn il-pajjiżi Ewropej, u dan qed iwassal biex ir-rabja u r-riżentiment bejn il-popli ta' ċerti pajjiżi Ewropej u oħrajn qed jiżdiedu bil-ġurnata. Dan l-istat ta' disprament hu evidenti kullimkien.

Il-formazzjoni tal-Unjoni Ewropea kien pass importanti 'l quddiem għall-pajjiżi Ewropej għax kien mezz ta' għaqda għall-Kontinent. B'dal-mod, għandkom tagħmlu kull sforz possibbli biex tippriservaw din l-għaqda, billi tonoraw id-drittijiet ta' xulxin. Il-biżgħat u l-preokkupazzjonijiet tal-pubbliku inġenerali jridu jitneħħew. Biex tħarsu s-soċjetà tal-oħrajn ma tridux titolbu iktar minn dak li hu ġust u xieraq minn xulxin, u naturalment, għandu jkun hemm talbiet ġusti u xierqa mill-popli ta' kull pajjiż.

Ftakru li s-saħħa tal-Ewropa tiddependi minn kemm jirnexxilha tibqa' magħquda u pajjiż wieħed. Din l-unità m'għandhiex isservikom biss hawn fl-Ewropa, iżda fuq livell globali għandha tkun mezz biex dan il-Kontinent jibqa' b'saħħtu u influwenti. Fil-fatt, minn perspettiva Iżlamika, għandna nħabirku biex id-dinja kollha tingħaqad flimkien. F'termini ta' munita, id-dinja għandha tkun magħquda. F'termini ta' kummerċ u suq ħieles id-dinja għandha tkun magħquda wkoll. Fejn jidħlu l-libertà tal-moviment u l-emigrazzjoni, għandha tiġi żviluppata politika prattika ta' koeżjoni sabiex id-dinja tkun tista' tingħaqad. Bażikament il-pajjiżi għandhom ifittxu l-koperazzjoni flimkien biex id-diviżjoni tinbidel f'għaqda. Jekk jittieħdu dawn il-miżuri malajr wieħed jinduna li l-kunflitti eżistenti

jintemmu u jinbidlu f'paċi u rispett reċiproku, kemm-il darba tkun ipprattikata l-ġustizzja vera u kull pajjiż jagħraf ir-responsabiltajiet tiegħu. B'diqa kbira jkolli ngħid li, għalkemm dan hu parti mit-tagħlim Iżlamiku, il-pajjiżi Iżlamiċi ma rnexxilhomx jingħaqdu bejniethom. Li kellhom jikkoperaw u jingħaqdu bejniethom, il-pajjiżi Iżlamiċi ma kienx ikollhom bżonn jitolbu kontinwament l-għajnuna tal-pajjiżi tal-Punent biex inaqqsu mill-inkwiet u l-bżonnijiet interni.

B'dan il-kliem, se nitkellem issa dwar it-tagħlim Iżlamiku veru fejn tidħol il-paċi dejjiema fid-dinja. L-ewwel nett, tagħlim bażiku u fundamentali tal-Iżlam hu li l-Musulman vera huwa persuna li minn ilsienu u idu kull persuna li tħobb il-paċi għandha tħossha sigura. Din hi d-definizzjoni ta' Musulman mogħtija mill-Qaddis Profeta Muħammad[sa]. Wara li tisma' dan il-prinċipju sabiħ u bażiku, tista' taċċetta xi forma ta' tmaqdir fil-konfront tal-Iżlam? Ċertament li le. L-Iżlam jgħallem li dawk biss li jużaw ilsienhom u idhom biex iferrxu l-inġustizzji u l-mibegħda jixirqilhom il-kastig. B'dal mod, mil-livell lokali għal dak globali, jekk il-partiti jaġixxu fi ħdan il-konfini ta' dan il-prinċipju tad-deheb ma jkunx hemm iktar kunflitti reliġjużi. Ma jkun hemm qatt iktar il-kunflitti reliġjużi u lanqas id-diżordni msejsa fuq ir-regħba u l-ħerqa għall-kisba tal-poter. Jekk dawn il-prinċipji vera Iżlamiċi jiġu segwiti, il-membri tal-pubbliku inġenerali jħarsu d-drittijiet u s-sentimenti ta' xulxin u l-gvernijiet jaqdu l-funzjoni tagħhom billi jipproteġu lil kull ċittadin. Fuq livell internazzjonali, in-nazzjonijiet jaħdmu flimkien fi spirtu ta' simpatija u kompassjoni vera.

Prinċipju ieħor bażiku li jgħallem l-Iżlam hu dak li, fi sforz biex tiġi żviluppata l-paċi, jinsisti fuq l-importanza li kull naħa ma turi l-ebda forma ta' kburija jew arroganza. Dan

kien muri bl-iktar mod ċar mill-Qaddis Profeta Muħammad[sa] meta qal li persuna sewda mhix superjuri għal waħda bajda filwaqt li persuna ta' lewn abjad mhix superjuri għal waħda sewda. L-Ewropew mhuwiex ikbar jew superjuri lanqas għal xi Afrikan,Ażjatiku jew xi ħadd minn xi parti oħra tad-dinja. Differenzi ta' nazzjonalità, kulur jew etniċità jservu biss bħala forma ta' identità u għarfien.

Il-verità hi li fid-dinja tal-lum niddependu kollha kemm aħna minn xulxin. Illum, saħansitra l-potenzi l-kbar, bħall-Ewropa u l-Istati Uniti, ma jistgħux jeżistu maqtugħin kompletament minn ħaddieħor. Il-pajjiżi Afrikani ma jistgħux jibqgħu iżolati u jistennew li jiffjorixxu u lanqas il-pajjiżiAżjatiċi u l-popli li ġejjin minn xi parti oħra tad-dinja. Ngħidu aħna, jekk trid l-ekonomija tiegħek tiffjorixxi, trid tkun lest tilqa' l-kummerċ internazzjonali. Eżempju ċar ta' kemm id-dinja hi marbuta b'mod sfiq, jidher fil-fatt li l-kriżi finanzjarja tal-Ewropa jew tad-Dinja spiċċat biex, xi ftit jew wisq, affettwat 'il-pajjiżi kollha. Ma' dan wieħed ma jridx jinsa lanqas, li biex il-pajjiżi javvanzaw fix-xjenza, jew jeċċellaw fi sferi oħra ta' eċċellenza, jeħtiġilhom jikkoperaw u jgħinu 'l xulxin.

Irridu niftakru dejjem li n-nies tad-dinja, kemm jekk huma mill-Afrika, l-Ewropa, l-Ażja jew xi mkien ieħor, ingħataw kapaċitajiet intellettwali mill-aqwa minn Alla s-Setgħani. Jekk il-partijiet kollha jutilizzaw il-fakultajiet mogħtija minn Alla għat-titjib tal-umanità, id-dinja ssir ġenna ta' paċi. Mill-banda l-oħra jekk in-nazzjonijiet l-iktar żviluppati jippruvaw joħonqu t-tkabbir u l-progress tal-pajjiżi inqas żviluppati u ma joffrux opportunitajiet lill-imħuħ fertili u brillanti ta' dawn in-nazzjonijiet, mela, bla dubju, tinfirex l-ansjetà u n-nuqqas ta' paċenzja twassal għall-qerda tal-paċi u s-sigurtà internazzjonali.

Prinċipju ieħor tal-Iżlam hu dak li biex tiżviluppa l-paċi m'għandniex nittolleraw l-inġustizzja fil-konfront tal-oħrajn jew li d-drittijiet tagħhom jiġu miċħuda. Kif m'aħniex sejrin naċċettaw li d-drittijiet tagħna jiġu mkasbra, m'għandniex naċċettaw li dawk ta' ħaddieħor jiġrilhom l-istess. L-Iżlam jgħallem li fejn tinħass il-ħtieġa għar-retribuzzjoni din għandha tkun proporzjonata għall-att tat-trasgressjoni. Iżda jekk il-maħfra tista' twassal għar-riformazzjoni din għandha tkun l-azzjoni li tittieħed. L-oġġettivi vera u li jisbqu kollox għandhom dejjem ikunu dawk tar-riformazzjoni, ir-rikonċiljazzjoni u l-iżvilupp tal-paċi dejjiema. Madankollu, x'qed jiġri llum fir-realtà? Jekk xi ħadd jikkommetti xi żball jew inġustizzja, il-vittma jfittex it-tpattija b'mod li hu kompletament sproporzjonat u ferm ikbar mill-inġustizzja mwettqa oriġinarjament.

Dan hu proprju dak li qed naraw dawn il-ġranet fil-kunflitt dejjem jiskala bejn l-Iżrael u l-Palestina. Il-potenzi l-kbar esprimew fil-beraħ il-frustrazzjoni u l-preokkupazzjoni tagħhom għas-sitwazzjoni fis-Sirja, il-Libja u l-Eġittu; saħansitra jekk wieħed jista' jargumenta li dawn essenzjalment kienu kunflitti interni. Madankollu ma jidhrux li huma preokkupati dwar il-poplu Palestinjan. Din is-sitwazzjoni meqjusa bħala inġusta qed iżżid l-ilmenti u l-ħjiena fi qlub nies minn pajjiżi Musulmani kontra l-qawwiet il-kbar tad-dinja. Din ir-rabja u ostilità hi perikoluża immens u tista' tisplodi bla avviż. Xi jkun ir-riżultat ta' dan? X'se tkun il-ħsara għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw? Se jkunu f'pożizzjoni li jibqgħu jeżistu? Il-pajjiżi żviluppati xi kemm se jiġu affettwati? Alla biss għandu t-tweġiba għal dawn il-mistoqsijiet. La jien u lanqas ħaddieħor m'għandu r-risposta għal dan. Minn ħaġa waħda biss nistgħu nkunu ċerti – li l-paċi fid-dinja tinqered għalkollox.

Ejja nkunu ċari, jien mhux qed nitkellem favur xi pajjiż partikolari. Li qed nipprova ngħid hu li kull tip ta' krudeltà, teżisti fejn teżisti, trid tkun eradikata u mwaqqfa kemm jekk hi pperpetrata mill-poplu Palestinjan, il-poplu ta' Iżrael jew dak ta' xi pajjiż ieħor. Il-krudeltajiet iridu jitwaqqfu, għax jekk jitħallew jinfirxu, il-ħġejjeġ tal-mibegħda jispiċċaw biex jibilgħu lid-dinja sal-punt li n-nies ma jdumux ma jinsew l-inkwiet ikkawżat mill-kriżi ekonomika attwali. Minflok, ikollhom iħabbtu wiċċhom ma' sitwazzjoni ferm iktar terribbli. Ikun hemm telf ta' ħajja tant kbir li lanqas biss inkunu nistgħu nifhmuh jew nimmaġinawh.

B'hekk, huwa d-dmir tal-pajjiżi Ewropej, li sofrew telf kbir fit-Tieni Gwerra Dinjija, biex jitgħallmu mill-passat tagħhom u jsalvaw id-dinja mid-distruzzjoni. Biex jagħmlu dan, iridu jissodisfaw il-kondizzjonijiet tal-ġustizzja u jkunu lesti li jerfgħu r-responsabiltajiet tagħhom. L-Iżlam jenfasizza bil-qawwa l-importanza li wieħed jaġixxi dejjem b'mod ġust u sinċier. Jgħallem li l-ebda naħa m'għandha tingħata trattament preferenzjali. Għandu jkun hemm sistema fejn min jonqos fil-konfront ta' xi pajjiż, irrispettivament mid-daqs u l-istatus tiegħu, ma jitħalliex jagħmel dan mill-komunità internazzjonali. Jekk l-istati membri tal-Ġnus Magħquda, il-pajjiżi li jibbenefikaw mill-Unjoni Ewropea u l-pajjiżi li huma taħt l-influwenza tal-qawwiet il-kbar jew saħansitra il-pajjiżi sottożviluppati jaslu biex kollha kemm huma jaċċettaw dan, il-paċi tkun tista' tirrenja.

Barra minn hekk, il-ġustizzja tista' tabilħaqq tkun stabbilita kemm-il darba jinżammu responsabli għall-azzjonijiet tagħhom dawk il-pajjiżi li għandhom is-saħħa tal-veto fil-Ġnus Magħquda. Fil-fatt, inżid ukoll li d-dritt tal-veto ma jista' qatt jippermetti jew jiffaċilita l-paċi għar-raġuni li l-pajjiżi mhumiex kollha fuq l-istess livell. Dan hu punt li

għamilt iktar kmieni din is-sena meta indirizzat esponenti politiċi ewlenin tal-Istati Uniti ġewwa Capitol Hill. Jekk inħarsu lejn l-istorja tal-votazzjonijiet ġewwa l-Istati Uniti naraw li l-poter tal-veto mhux dejjem intuża biex jgħin lil dawk li huma oppressi jew li qed jaġixxu fis-sewwa. Fil-fatt, naraw li l-poter tal-veto ntuża f'xi waqtiet biex jassisti l-krudeltà iktar milli biex jevitaha. Din mhix xi ħaġa moħbija jew mhux magħrufa; ħafna huma dawk il-kummentaturi li jiktbu jew jitkellmu dwar dan.

Prinċipju sabiħ ieħor mgħallem mill-Iżlam hu dak li l-paċi fis-soċjetà tirrikjedi minn dak li jkun li jrażżan ir-rabja tiegħu, iktar milli jħalliha tipprevali fuq il-prinċipji tal-onestà u l-ġustizzja. L-istorja bikrija tal-Iżlam tixhed li l-vera Musulmani dejjem imxew fuq dan il-prinċipju u dawk li le kienu mwiddba severament mill-Qaddis Profeta Muħammad[sa]. Madankollu, illum, sfortunatament, dan mhux dejjem il-każ. Jeżistu każijiet fejn armati jew suldati, li ntbagħtu biex jistabbilixxu l-paċi, iġibu ruħhom b'mod li jmur kompletament kontra l-għanijiet iddikjarati. Bħala eżempju, is-suldati barranin f'xi pajjiżi ttrattaw l-iġsma tal-vittmi tagħhom bl-iktar mod diżgustanti u nieqes mir-rispett possibbli. Tista' qatt il-paċi tinkiseb b'dan il-mod? Ir-reazzjoni għal imġiba bħal din ma tistax tintrabat biss mal-pajjiż affettwat iżda trid tkun manifestata mad-dinja kollha. Naturalment jekk il-Musulmani jisfaw immaltrattati, għalkemm dan imur kontra t-tagħlim tal-Iżlam, l-estremisti Musulmani jieħdu vantaġġ minn dan u l-paċi fid-dinja tisfa miksura. L-Iżlam jgħallem li l-paċi tista' tkun stabbilita kemm-il darba l-oppressur u l-vittma tal-oppressjoni jiġu megħjuna b'mod kompletament imparzjali, ħieles minn kull interess personali u nieqes minn kull mibegħda. Il-paċi tiġi stabbilita biss bl-għoti ta' pjattaforma ugwali lill-partijiet kollha.

Billi l-ħin hu limitat se nsemmi biss punt ieħor li hu li l-Iżlam jgħallem li l-ġid u r-riżorsi tal-oħrajn m'għandhomx jiġu mixtieqa b'għira. M'għandniex nixtiequ dak li hu ta' ħaddieħor għax dan ukoll hu mod ta' kif il-paċi tiġi mħatta. Jekk il-pajjiżi sinjuri jippruvaw jieħdu u jutilizzaw il-ġid u r-riżorsi ta' pajjiżi inqas żviluppati biex jissodisfaw il-bżonnijiet tagħhom, naturalment, dan se jwassal għal iktar inkwiet. Fejn hu xieraq, in-nazzjonijiet żviluppati jistgħu jieħdu ammont żgħir u ġust bħala ħlas għas-servizzi tagħhom, filwaqt li l-maġġoranza tar-riżorsi għandhom jiġu użati biex jgħinu l-pajjiżi sottożviluppati jgħollu l-livell tal-għajxien tagħhom. Huma għandhom jitħallew ikabbru l-ġid tagħhom u għandhom jiġu megħjuna fl-isforzi tagħhom biex jilħqu l-istess livelli tad-dinja żviluppata, għax imbagħad, u mbagħad biss il-paċi tkun tista' tiġi stabbilita. Jekk it-tmexxija ta' dawn il-pajjiżi ma tkunx onesta, il-pajjiżi tal-Punent jew il-pajjiżi żviluppati għandhom huma stess jiċċekkjaw u jorganizzaw l-iżvilupp tal-pajjiż permezz tal-għajnuna.

Hemm diversi punti oħra li nista' nkopri, iżda minħabba nuqqas ta' ħin se nillimita ruħi għal ftit li semmejt diġà. Ċertament, dak li spjegajt jirrappreżenta t-tagħlim veru tal-Iżlam.

Hemm mistoqsija waħda li tistgħu tħossu f'qalbkom u għalhekk ippermettuli nindirizzaha bil-quddiem. Nistħajjilkom tistaqsu li jekk dan hu t-tagħlim veru tal-Iżlam, għaliex insibu daqshekk diviżjoni u diżordni fid-dinja Musulmana? Dan weġibtu qabel meta semmejt il-ħtieġa ta' riformatur, liema riformatur aħna nemmnu kien il-Fundatur tal-Komunità Musulmana Aħmadija. Aħna, il-Komunità Aħmadija Musulmana, dejjem nagħmlu ħilitna biex inwasslu dan it-tagħlim veru lill-udjenza l-iktar wiesgħa possibbli. Nitlobkom biex tagħmlu l-isforz tagħkom ukoll biex toħolqu

kuxjenza fiċ-ċrieki tal-influwenza tagħkom sabiex il-paċi dejjiema tkun tista' tiġi stabbilita fil-partijiet kollha tad-dinja.

Jekk infallu f'din il-missjoni, ma jibqax parti mid-dinja li tibqa' ħielsa mill-effetti distruttivi u terribbli tal-gwerra. Nitlob li Alla s-Setgħani jippermetti n-nies tad-dinja biex jogħlew 'il fuq mill-interessi u x-xewqat personali tagħhom fi sforz biex isalvaw id-dinja mid-distruzzjoni li ġejja. Huma n-nazzjonijiet tal-Punent li jippossedu l-ikbar ammont ta' poter fid-dinja tal-lum, u għalhekk huwa d-dmir tagħkom li tagħtu attenzjoni immedjata lil dawn il-kwistjonijiet ta' importanza kruċjali.

Fl-aħħar, nixtieq mill-ġdid nirringrazzjakom talli ħadtu l-ħin biex tiġu u tisimgħu dak li kelli xi ngħid.

Jalla Alla jberikkom.

Grazzi ħafna.

IL-MUSULMANI JISTGĦU JINTEGRAW FIS-SOĊJETAJIET TAL-PUNENT?

FIL-MOSKEA BAITUR-RASHEED
F'AMBURGU, IL-ĠERMANJA, 2012

Ħażrat Mirża Masroor Aħmad, Kalifatul Masiħ V[aba] jagħmel id-diskors prinċipali tiegħu fil-Moskea Bait-ur-Rasheed

Il-Musulmani Jistgħu Jintegraw fis-Soċjetajiet tal-Punent?

Bismillahir-Rahmanir-Raheem - F'isem Alla, mimli bil-Grazzja u l-Ħniena.

Mistidnin distinti – Assalama Alaikum Wa Rahmatullahe Wa Barakatohu – il-paċi u l-barka ta' Alla tkun dejjem fuqkom.

Nixtieq nibda billi nesprimi l-gratitudni tiegħi lejkom il-mistidnin li aċċettajtu l-istedina tagħna biex tattendu għal din l-okkażjoni. Ħafna minnkom huma midħla sew tal-Komunità tagħna jew għandhom rabtiet antiki ta' ħbiberija ma' Musulmani Aħmadin; u ninsab ċert li dawk fostkom li kienu introdotti riċentement għall-Komunità Aħmadija diġà żviluppaw fil-qlub tagħhom xewqa kbira biex jitgħallmu iktar dwar din il-Komunità. L-attendenza tagħkom ilkoll turi biċ-ċar li kollha kemm intom temmnu li m'hemm l-ebda theddida filli wieħed jiltaqa' u jżomm kuntatt ma' Musulmani

Aħmadin u filli dak li jkun iżur il-moskej tagħhom.

Il-verità hi li fir-realtà tal-lum, fejn il-maġġoranza tal-aħbarijiet u r-rapporti dwar l-Iżlam huma estremament negattivi, dawk fostkom li mhumiex Musulmani jistgħu faċilment jibżgħu li jekk iżuru Moskea tal-Aħmadin dan jista' jwassal għal diffikultajiet jew saħansitra jkun kaġun ta' danni kbar. Madankollu, kif għedt diġà, il-fatt li qed tattendu din l-attività juri li m'għandkomx biża' mill-Musulmani Aħmadin u ma tħarsux lejhom bħala theddida. Turi li tapprezzaw il-valuri tal-Aħmadin u tarawhom nies diċenti u onesti bħalkom u bħall-maġġoranza tal-popolazzjoni.

Filwaqt li qed ngħid dan, ma neskludix li jista' jkun hemm numru żgħir fostkom li, minkejja l-attendenza tagħhom illum, għad għandhom riservi u tħassib dwar xi konsegwenzi negattivi li jista' jkun hemm marbuta mal-attendenza tagħhom. Jista' jagħti l-każ li intom imħassba li tistgħu titqiegħdu bilqiegħda ħdejn xi ħadd b'tendenzi jew ideat estremisti. Jekk xi ħadd minnkom għandu tabilħaqq dawn il-biżgħat għandu jneħħihom minn ġo qalbu immedjatament. Aħna konxji tabilħaqq f'dan ir-rigward u jekk b'xi mod xi persuna estremista tipprova tidħol f'din il-moskea jew fil-post tagħna, aħna nieħdu azzjoni iebsa biex il-persuna titneħħa mill-bini. Kunu ċerti għalhekk li tinsabu f'idejn tajba.

Tabilħaqq, il-Komunità Aħmadija Musulmana hi Komunità li f'każ li xi ħadd f'xi ħin juri tendenzi estremisti, jikser il-liġi jew jeqred il-paċi, dan jiġi mkeċċi darba għal dejjem mill-Komunità Aħmadija. Aħna għandna d-dmir li nieħdu azzjoni daqshekk soda propju minħabba r-rispett assolut li għandna lejn il-kelma 'Iżlam' li litteralment tfisser 'paċi' u 'sigurtà'. Ir-rappreżentazzjoni vera tal-kelma 'Iżlam' tidher permezz

tal-Komunità tagħna. Il-miġja ta' din id-dehra vera tal-Iżlam kienet imbassra żmien ilu fi profezija kbira mħabbra mill-Fundatur tal-Iżlam, il-Qaddis Profeta Muħammad[sa], iktar minn 1400 sena ilu. Fil-profezija l-Qaddis Profeta[sa] qal li għad jiġi żmien meta l-maġġoranza assoluta tal-Musulmani jinsew it-tagħlim veru u pur tal-Iżlam. Skont il-profezija, meta jasal dak iż-żmien Alla jibgħat Riformatur, Messija u Maħdi biex jistabbilixxi mill-ġdid l-ispirtu veru tal-Iżlam fid-dinja.

Aħna, il-Komunità Aħmadija Musulmana, nemmnu li l-Fundatur tal-Komunità tagħna, Ħażrat Mirża Gulam Aħmad[as] minn Kadjan, hu propju l-persuna mibgħuta biex twettaq din il-profezija kbira. Bil-grazzja ta' Alla din il-Komunità kompliet tissaħħaħ u nfirxet f'202 pajjiżi madwar id-dinja. F'kull wieħed minn dawn il-pajjiżi, in-nies tal-lokal minn kull razza jew klassi soċjali laqgħu l-Aħmadija. Minbarra li huma Musulmani Aħmadin, huma jibqgħu jagħmlu l-parti tagħhom bħala ċittadini leali tal-pajjiżi rispettivi tagħhom. M'hemmx kontradizzjoni jew kunflitt bejn l-imħabba tagħhom lejn l-Iżlam u dik lejn pajjiżhom. Fil-fatt, dawn iż-żewġ lealtajiet huma magħġuna u marbuta flimkien. Il-Musulmani Aħmadin, huma minn fejn huma, huma l-iktar ċittadini li josservaw il-liġi fin-nazzjon kollu. Ċertament, nista' ngħid mingħajr l-ebda xaqq ta' dubju li dawn il-kwalitajiet jeżistu fil-maġġoranza assoluta tal-membri tal-Komunità tagħna.

Propju minħabba dawn il-kwalitajiet li kull meta l-Musulmani Aħmadin jemigraw minn pajjiż għall-ieħor, jew fil-każ tannies tal-lokal li kkonvertew għall-Aħmadija, l-Aħmadin qatt ma jkollhom problema f'dik li hi integrazzjoni fis-soċjetà ġdida tagħhom; lanqas jinkwetaw dwar kif jistgħu jiżvolġu l-irwol tagħhom f'dik li hi tkomplija tal-interessi

nazzjonali tan-nazzjonijiet adottivi tagħhom. Kull fejn l-Aħmadin imorru, huma jħobbu n-nazzjonijiet tagħhom bħal kull ċittadin tajjeb u jqattgħu ħajjithom attivament ifittxu l-progress u t-titjib ta' dak in-nazzjon. Hu propju l-Iżlam li jgħallimna ngħixu ħajjitna b'dal-mod. U tabilħaqq, dan il-parir mhux mogħti lilna b'ġentilezza, iżda l-Iżlam jordnalna biex inkunu leali u devoti lejn il-post fejn aħna ngħixu. Tassew, il-Qaddis Profeta[sa] għamel enfasi partikolari fuq l-imħabba lejn in-nazzjon bħala parti mill-fidi għal kull Musulman tajjeb. Meta l-imħabba lejn il-pajjiż hi element daqshekk bażiku fl-Iżlam, kif jista' Musulman ġenwin juri nuqqas ta' lealtà jew saħansitra jiċħad lil pajjiżu u b'hekk jabbanduna l-fidi tiegħu? Fejn jidħlu l-Musulmani Aħmadin, fl-okkażjonijiet prinċipali, il-membri kollha tal-Komunità, kemm jekk huma rġiel, nisa, tfal jew xjuħ, jagħmlu wegħda solenni quddiem Alla. F'dik il-wegħda solenni jwiegħdu li jiddedikaw il-ħajja, il-ġid, il-ħin u l-unur mhux biss għar-reliġjon iżda wkoll għan-nazzjonijiet u l-pajjiżi tagħhom. Għalhekk, min bil-provi jista' jkun ċittadin iktar leali minn dawn il-persuni li kontinwament huma mfakkra biex iservu lil pajjiżhom u li mingħandhom ripetutament tittieħed din il-wegħda solenni biex ikunu dejjem lesti biex iwettqu kull tip ta' sagrifiċċju kemm għan-nom tal-fidi kif ukoll ta' pajjiżhom u tan-nazzjon tagħhom?

Tista' tfiġġ f'moħħ xi nies il-mistoqsija li, hawn fil-Ġermanja, il-maġġoranza tal-Musulmani huma mill-Pakistan, mit-Turkija jew minn xi pajjiżi oħraAżjatiċi, u għalhekk meta jiġi ż-żmien biex wieħed jagħmel is-sagrifiċċji għal pajjiżu, dawn jippreferu l-pajjiż minn fejn oriġinaw flok il-Ġermanja. B'hekk, irrid nagħmilha ċara u nispjega li meta persuna tikseb iċ-ċittadinanza Ġermaniża jew dik ta' xi pajjiż ieħor, hi ssir ċittadin sħiħ ta' dak il-pajjiż. Għamilt propju dan il-punt iktar kmieni din is-sena meta tajt indirizz

ġewwa l-Kwartieri Militari Ġermaniżi, f'Koblenz. Hemm spjegajt, skont it-tagħlim Iżlamiku, x'jiġri f'każ li tinħoloq sitwazzjoni fejn il-Ġermanja tkun involuta fi gwerra kontra l-pajjiż ta' oriġini tal-emigrant li jkun sar ċittadin Ġermaniż. Jekk l-emigrant ikollu simpatija lejn il-pajjiż tal-oriġini tiegħu u jaħseb li jista' juri x-xewqa jew jikkawża l-ħsara lill-Ġermanja, għandu immedjatament jirrinunzja ċ-ċittadinanza jew l-istatus tiegħu ta' emigrant u jirritorna lejn pajjiżu. Iżda, f'każ li jagħżel li jibqa', l-Iżlam ma jippermetti l-ebda forma ta' nuqqas ta' lealtà tkun kif tkun. Dan hu tagħlim assolut u inekwivokabbli. L-Iżlam ma jippermetti l-ebda forma ta' mġiba ribelluża, jew li ċittadin ikollu xi aġendi moħbija lejn pajjiżu – kemm jekk ikun in-nazzjon adottiv kif ukoll dak naturali – jew li jiġi mweġġa' b'xi mod. Jekk xi persuna taħdem kontra n-nazzjon adottiv tagħha jew tikkawżalu xi ħsara, din għandha titqies bħala għadu tal-istat, traditur u tiġi kkastigata skont il-liġijiet tal-pajjiż.

Din tiċċara s-sitwazzjoni fil-każ ta' immigrant Musulman. Fil-każ ta' Ġermaniż jew xi ħadd minn xi pajjiż ieħor li kkonverta għall-Iżlam, hu perfettament ċar li għalih ma jistax ikun hemm triq oħra ħlief dik ta' lealtà assoluta lejn in-nazzjon kbir tiegħu jew tagħha. Mistoqsija oħra li xi kultant tistaqsu hi: x'azzjonijiet għandhom jieħdu l-Musulmani li jgħixu fil-Punent meta pajjiż tal-Punent jidħol fi gwerra kontra pajjiż Musulman? Biex inwieġeb din irrid l-ewwel insemmi li l-Fundatur tal-Komunità tagħna, il-Messija Mwiegħed[as], spjega kif ninsabu fi żmien fejn il-gwerer reliġjuži spiċċaw. Matul iż-żminijiet tal-Istorja kien hemm perjodi fejn seħħew gwerer u battalji bejn il-Musulmani u nies ta' reliġjonijiet oħra. F'dawn il-gwerer l-għan ta' dawk li ma kinux Musulmani kien propju dak li joqtlu lill-Musulmani u jtemmu l-Iżlam.

Fil-parti l-kbira tal-gwerer bikrija, dawk li ma kinux Musulmani ħadu l-ewwel passi aggressivi u l-Musulmani ma kellhomx għażla oħra ħlief dik li jiddefendu lilhom infushom u r-reliġjon tagħhom. Minkejja dan, il-Messija Mwiegħed[as] fisser kif dawn iċ-ċirkostanzi m'għadhomx jeżistu aktar, għax ma jeżisti l-ebda gvern illum li qed jiddikjara jew jipprova jwettaq gwerra fi sforz biex itemm l-Iżlam. Bil-maqlub, hemm livell għoli ta' libertà reliġjuża fil-maġġoranza l-kbira tal-pajjiżi tal-Punent u l-pajjiżi li mhumiex Musulmani. Il-Komunità tagħna hija estremament rikonoxxenti li jeżistu libertajiet bħal dawn li jippermettu lill-Musulmani Aħmadin li jferrxu l-messaġġ tal-Iżlam f'pajjiżi li mhumiex Musulmani. B'hekk nistgħu nwasslu l-messaġġ sabiħ u veru tal-Iżlam, li hu wieħed ta' paċi u armonija, lid-dinja tal-Punent. Bla dubju, huwa propju minħabba din il-libertà reliġjuża u t-tolleranza li huwa possibbli li nkun hawn quddiemkom u nippreżentalkom l-Iżlam veru. Hu ċar għalhekk li llum bla dubju ma teżisti l-ebda gwerra reliġjuża. L-unika sitwazzjoni oħra li tista' tinħoloq hi dik meta pajjiż Musulman u pajjiż Kristjan, jew xi pajjiż ieħor, jiġġieldu bejniethom fi gwerra mhix reliġjuża. Kif għandu jġib ruħu dak iċ-ċittadin Musulman li qiegħed jgħix f'dawn il-pajjiżi, kemm jekk huma Nsara kif ukoll jekk jappartjenu għal xi reliġjon oħra? Biex inwieġeb din il-mistoqsija, l-Iżlam joffri prinċipju tad-deheb, li jgħid li persuna m'għandha qatt tipparteċipa fil-kefrija u l-oppressjoni. Għalhekk, jekk il-kefrija u l-oppressjoni jiġu pperpetwati minn pajjiż Musulman, dan għandu jiġi mwaqqaf. Jekk il-kefrija titwettaq minn pajjiż Nisrani dan ukoll għandu jiġi mwaqqaf.

Kif jista' l-individwu jwaqqaf lil pajjiżu milli jwettaq il-kefrija u l-inġustizzja? It-tweġiba għal dan hi sempliċi ħafna. Fil-ġurnata tal-lum, il-pajjiżi kollha tal-Punent igawdu d-demokrazija. Jekk ċittadin ġust jara li l-gvern tiegħu

qiegħed jgħakkes lin-nies, għandu jgħolli leħnu b'sinjal ta' oppożizzjoni u jfittex li jmexxi lil pajjiżu fid-direzzjoni t-tajba – saħansitra grupp ta' nies jistgħu jagħmlu dan. Jekk ċittadin jara li pajjiżu qiegħed ikisser is-sovranità ta' pajjiż ieħor, għandu jiġbed l-attenzjoni u juri t-tħassib tiegħu mal-gvern tiegħu. Li tqum u turi b'mod paċifiku t-tħassib tiegħek mhux att ta' ribelljoni jew qawma quddiem l-awtorità. Fil-fatt, hi espressjoni ta' mħabba vera għal pajjiżek. Ċittadin ġust ma jistax jibqa' passiv filwaqt li isem pajjiżu jiġi mżeblaħ u mħammar quddiem il-komunità internazzjonali. Għalhekk meta jitlob responsabiltà akbar minn pajjiżu jkun qed juri l-imħabba u l-lealtà tiegħu lejh.

Fejn jikkonċerna l-komunità internazzjonali u l-istituzzjonijiet tagħha, l-Iżlam jgħallem li meta pajjiż jisfa aggredit inġustament, il-pajjiżi l-oħra għandhom jingħaqdu u jfittxu li jwaqqfu l-aggressur. Jekk in-nazzjon aggressiv jiġi f'sensih u jirtira, m'għandhomx jiġu imposti fuqu deċiżjonijiet inġusti u kastigi kiefra bħala forma ta' vendetta jew biex jinkiseb vantaġġ mis-sitwazzjoni. B'hekk, l-Iżlam jipprovdi t-tweġibiet u r-rimedji għas-sitwazzjonijiet kollha possibbli. Fil-bażi tat-tagħlim Iżlamiku hemm li trid tferrex il-paċi sal-punt li l-Qaddis Profeta[sa] ddefinixxa 'l-Musulman bħala persuna li minn idha u lsienha l-persuni l-oħra għandhom is-sigurtà. Kif għedt diġà, l-Iżlam għallem li ma tista' qatt tipparteċipa f'atti ta' krudeltà jew oppressjoni. Hu propju dan it-tagħlim għaqli u sabiħ li jmexxi tabilħaqq lill-Musulman biex ikollu pożizzjoni ta' unur u dinjità kull fejn jgħix. M'hemmx dubju li kull persuna onesta u diċenti tkun tixtieq li fis-soċjetà tagħha jkollha persuni daqshekk paċifiċi u rispettużi.

Il-Qaddis Profeta Muħammad[sa] ta lill-Musulmani tagħlima oħra biex fuqha jfasslu ħajjithom. Għallem li min jemmen

tabilħaqq għandu dejjem ifittex dak li hu veru u safi. Għallem li kull meta Musulman jiltaqa' ma' kelma ta' għerf jew xi ħaġa nobbli, hu għandu jgħożżha daqslikieku kienet il-wirt personali tiegħu. B'dal-mod, bl-istess determinazzjoni li bih wieħed ifittex li jikseb dak li hu tiegħu bi dritt, il-Musulmani huma mgħallma li għandhom iħabirku biex jiksbu u jibbenefikaw mill-parir għaqli u t-tjieba kull fejn tinsab.

Fi żmien meta t-tħassib dwar l-integrazzjoni tal-emigranti hu daqshekk qawwi, kemm hu sabiħ u perfett dan il-prinċipju li jiggwida. Il-Musulmani ġew mgħallma li biex jintegraw ruħhom fis-soċjetà u jiżviluppaw ir-rispett reċiproku, jeħtiġilhom ifittxu li jitgħallmu dwar l-aspetti pożittivi ta' kull soċjetà, reġjun, belt u pajjiż. Mhuwiex biżżejjed li wieħed jitgħallem dwar dawn il-valuri, iżda l-Musulmani jeħtiġilhom jagħmlu ħilithom biex jadottawhom fil-ħajja personali tagħhom. Din hi gwida li fis-sewwa ssaħħaħ is-solidarjetà u spirtu ta' fiduċja u mħabba reċiproka. Tabilħaqq, min jista' jħobb iktar il-paċi jekk mhux dak li jemmen fis-sew, dak li minbarra li jissodisfa dak li l-fidi titlob minnu, jipprova jadotta wkoll l-aspetti t-tajba tas-soċjetà tiegħu u ta' ħaddieħor? Min jista' jferrex il-paċi u s-sigurtà iktar minnu?

Minħabba l-mezzi ta' komunikazzjoni li hawn illum, id-dinja hi meqjusa bħala villaġġ globali. Din hi ħaġa li l-Qaddis Profeta[sa] pprofetizza 1400 sena ilu meta qal li għad jiġi żmien meta d-dinja ssir qisha villaġġ wieħed u d-distanzi donnhom jiqsaru. Qal li bis-saħħa ta' dawn il-mezzi moderni u effiċjenti n-nies tkun tista' tara d-dinja kollha. Fil-fatt, din hi profezija tal-Koran Imqaddes li hu spjega fit-tul. Dwar dan il-Qaddis Profeta[sa] għallem li meta jasal dan iż-żmien, in-nies għandhom ifittxu li jitgħallmu u jħaddnu l-valuri tajba ta' xulxin, bl-istess mod li jfittxu li jsibu l-propjetà mitlufa. Fi kliem ieħor, jista' jintqal li l-affarijiet pożittivi għandhom

jiġu adottati, filwaqt li l-affarijiet negattivi għandhom jiġu skartati. Il-Koran Imqaddes fisser dan il-kmandament meta qal li Musulman ġenwin hu dak li jamar it-tajjeb u jimpedixxi l-ħażin. Waqt li wieħed iżomm f'moħħu dan kollu, liema pajjiż jew soċjetà tista' tgħid li ma tistax tittollera jew tilqa' fi ħdanha l-Iżlam u Musulmani bħal dawn li jħobbu daqshekk il-paċi? Is-sena l-oħra kelli l-opportunità niltaqa' mal-Gvernatur ta' Berlin u spjegajtlu kif l-Iżlam jgħallem li għandek tittratta kull aspett pożittiv ta' nazzjon bħallikieku dan kien propjetà tiegħek. Bi tweġiba hu qal li m'hemmx dubju li jekk timxi fuq dan it-tagħlim id-dinja kollha tissieħeb miegħek.

Nibqa' mbellah u nsewwed qalbi mhux ftit meta nisma' li f'xi partijiet tal-Ġermanja hemm min jemmen li la l-Musulmani u lanqas l-Iżlam m'għandhom il-ħila jintegraw fis-soċjetà Ġermaniża. M'hemmx dubju li l-Iżlam ippreżentat mill-estremisti u t-terroristi m'għandu l-ħila jintegra ruħu fl-ebda pajjiż jew soċjetà, mhux biss f'dik Ġermaniża. Tassew, għad jiġi żmien meta l-vuċi tal-oppożizzjoni tgħolli leħinha saħansitra fil-pajjiżi Musulmani. Madankollu, l-Iżlam veru, dak li nġieb mill-Qaddis Profeta[sa], żgur li jibqa' dejjem jiġbed nies sinċieri u diċenti lejh. F'din l-era, biex it-tagħlim oriġinali jiġi mġedded mill-ġdid, Alla bagħat il-Messija Mwiegħed[as] b'servitù lejn il-Qaddis Profeta[sa] biex b'hekk il-Komunità tiegħu tkun tista' tipprattika u tipprietka l-messaġġ awtentiku tal-Iżlam.

Ippermettuli nagħmilha ċara li ħadd ma jista' jiddikjara li l-Iżlam veru ma jistax jintegra ruħu fl-ebda soċjetà. L-Iżlam veru hu dak li jferrex it-tjieba u l-ġustizzja u jiskarta kull forma ta' ħażen u għemejjel ħżiena. L-Iżlam veru jgħallem lill-Musulmani biex iwaqqfu l-ħażen u l-kefrija kull fejn jeżistu. B'dal-mod, iktar minn dubju dwar xi nuqqas ta'

integrazzjoni min-naħa tiegħu, l-Iżlam veru jservi bħal kalamita biex jiġbed lejh b'mod naturali s-soċjetà. L-Iżlam jgħallem li l-persuna m'għandhiex tistinka biss biex tikseb il-paċi għaliha nfisha, iżda għandha tagħmel ħilitha kollha biex tferrex il-paċi u l-armonija lil ħaddieħor bl-istess ħeġġa li tixtieqha għaliha. Din l-attitudni altruwista hi l-mod kif tiġi stabbilita l-paċi fid-dinja. Hemm xi soċjetà li ma tapprezzax tagħlim bħal dan u ma tapprovax dan l-approwċ? Ċertament, soċjetà tajba ma tixtieq qatt li l-immoralità u l-ħażen jinfirxu fi ħdanha, u mhi se topponi qatt li t-tjieba u l-paċi jiġu inkoraġġati.

Meta niġu biex naraw x'inhi tassew it-'tjieba', jista' jkun li joħorġu xi differenzi bejn persuna reliġjuża u dik li mhix. Fost l-aspetti ta' tjieba u virtù li jsemmi l-Iżlam, hemm żewġ virtujiet li jħaddnu kollox, li minnhom jitnisslu l-forom l-oħra kollha ta' tjieba. Wieħed hu d-dritt dovut lil Alla s-Setgħani u l-ieħor hu d-dritt dovut lill-bniedem. Filwaqt li hemm differenza fid-definizzjoni f'aspett minnhom fejn tidħol persuna reliġjuża u oħra li mhix, fejn jidħol l-aspett l-ieħor, jiġifieri dak li jikkonċerna d-dritt tal-bniedem, m'hemmx. Id-doveri dovuti lil Alla jintrabtu mal-qima u r-reliġjonijiet kollha jiggwidaw lis-segwaċi tagħhom fejn jidħlu dawn. Fejn jidħlu d-doveri lejn il-bniedem, hemm xi ħaġa li kemm ir-reliġjonijiet kif ukoll is-soċjetajiet edukaw 'il-bniedem dwarha. L-Iżlam jgħallimna fid-dettall u bi profondità dwar id-drittijiet tal-bniedem u biex wieħed ikopri t-tagħlim kollu tiegħu f'dan l-istadju hu impossibbli. Madankollu, insemmi biss xi ftit mid-drittijiet importanti mwaqqfa mill-Iżlam li huma neċessarji biex il-paċi tkun stabbilita fis-soċjetà.

L-Iżlam jgħallmek li għandek tirrispetta u tieħu ħsieb is-sentimenti tal-oħrajn. Dan jinkludi s-sentimenti reliġjużi u dak li l-oħrajn iħossu fejn jidħlu kwistjonijiet soċjali

ġenerali. F'okkażjoni minnhom, bil-ħsieb li jħares is-sensittività reliġjuża ta' wieħed Lhudi, il-Qaddis Profeta[sa] żamm mal-Lhudi wara li dan irrapporta argument li kellu ma' Musulman. Biex iħares is-sentimenti tal-persuna Lhudija, il-Qaddis Profeta[sa] ċanfar lill-Musulman billi qallu li m'għandux jiddikjara 'l-Qaddis Profeta[sa] bħala superjuri għal Mosè, minkejja li kien ġab l-aħħar Ktieb tal-Liġi. Dan hu l-mod li bih il-Qaddis Profeta[sa] ħa ħsieb tas-sentimenti tal-oħrajn u stabbilixxa l-paċi fis-soċjetà.

Tagħlim kbir ieħor tal-Iżlam jitlob li d-drittijiet tal-foqra u tal-imċaħħda jiġu milħuqa. Biex dan jiġi mgħallem li n-nies għandhom ifittxu dawk l-opportunitajiet li permezz tagħhom il-qagħda soċjali tan-nies l-iktar imċaħħda tkun tista' tittejjeb. Għandna nfittxu li ngħinu 'l-iżvantaġġjati b'mod altruwista u m'għandna qatt nisfruttawhom bl-ebda mod. Sfortunatament fis-soċjetà tal-lum, fejn il-proġetti u l-opportunitajiet jinħolqu bl-iskuża tal-iżvantaġġjat, dawn ta' spiss jissejsu fuq is-sistema ta' kreditu fejn il-ħlas lura hu suġġett għall-imgħax. Ngħidu aħna, l-istudenti ta' spiss jingħataw self biex ikunu jistgħu jtemmu l-istudji tagħhom u nies oħra jingħataw self biex jiftħu n-negozju. Madankollu, ikollhom jgħaddu s-snin jew l-għexieren biex dawn iħallsuhom lura. Iżda, jekk wara snin ta' tbatija tfaqqa' kriżi ekonomika, dawn jistgħu jispiċċaw bid-dejn li kellhom fil-bidu jekk mhux ukoll f'sitwazzjoni finanzjarja iktar imwiegħra. Assistejna għal numru li ma jistax jingħad ta' eżempji ta' dan matul dawn l-aħħar snin, meta ħafna partijiet tad-dinja kienu mgħarrqa fil-kriżi finanzjarja.

Allegazzjoni li ssir ta' spiss kontra l-Iżlam hi li dan ma jittrattax in-nisa b'mod ekwu u ġust. Din l-allegazzjoni hi iżda bla ebda bażi. L-Iżlam ta lin-nisa d-dinjità u l-unur; nagħti xi eżempju jew tnejn. L-Iżlam ta lill-mara d-dritt li

tiddivorzja lil żewġha minħabba mġiba ħażina fi żmien meta n-nisa kienu meqjusa bħala oġġetti jew bċejjeċ tal-merkanzija. Kien biss fis-seklu li għadda li d-dinja żviluppata tat dan id-dritt lin-nisa. Barra dan, l-Iżlam ta lill-mara d-dritt li tiret fi żmien meta n-nisa kienu meqjusa bla status u valur. Dan id-dritt ukoll ingħata lin-nisa Ewropej biss fi żminijiet relattivament riċenti. L-Iżlam jassenja wkoll id-dritt li wieħed ikollu l-ġirien tiegħu.

Il-Koran jagħti gwida dettaljata dwar min huma l-ġirien tiegħek u x'inhuma d-drittijiet tagħhom. Il-ġirien jinkludu dawk li joqogħdu bilqiegħda maġenbek, dawk li għandhom darhom fil-qrib, flimkien ma' dawk li taf u dawk li ma tafx u, fil-fatt, dan jinkludi l-erbgħin dar li jdawru lil darek. Meqjusa wkoll bħala ġirien hemm dawk li jivvjaġġaw miegħek li rridu wkoll nieħdu ħsiebhom. Dan l-obbligu kien enfasizzat tant li l-Qaddis Profeta[sa] qal li l-ġirien jistgħu forsi jiġu inklużi mal-lista tal-werrieta. Fil-fatt, il-Qaddis Profeta[sa] wasal biex saħansitra jsostni li dik il-persuna li ma tistax titqies bħala mhix perikoluża mill-ġar tagħha, ma tistax titqies bħala waħda li temmen jew li hi Musulmana.

Kmandament ieħor tal-Iżlam għas-sigurtà tal-oħrajn jitlob lill-partijiet kollha biex jgħinu u jsostnu lil xulxin fit-twettiq tad-dmir tagħhom biex jgħinu lid-dgħajfa u lill-vulnerabbli jqumu u jtejbu l-istatus tagħhom. B'dal-mod, bil-għan li dan l-irwol jiġi mwettaq u dan it-tagħlim jiġi implimentat, il-Komunità Aħmadija Musulmana qed tipprovdi edukazzjoni primarja u avvanzata f'partijiet foqra u mċaħħda tad-dinja. Qed nibnu u mmexxu skejjel, nipprovdu stipendji u fondi għal boroż ta' studju għal edukazzjoni avvanzata, biex dawk li huma żvantaġġjati jkunu jistgħu jqumu fuq saqajhom.

Kmandament ieħor tal-Iżlam hu dak li jinsisti fuq il-bżonn li

twettqu l-wegħdiet u l-pattijiet tagħkom kollha. Dan jinkludi l-wegħdiet kollha li tagħmlu ma' xulxin u jitlob ukoll li l-Musulman iwettaq il-wegħda ta' lealtà li jagħmel ma' pajjiżu bħala ċittadin. Din hi xi ħaġa li tkellimt dwarha qabel.

Dawn li semmejt huma biss ftit punti biex nurikom kemm l-Iżlam hu reliġjon ta' mħabba u kompassjoni. Sfortunatament, bl-istess mod li l-Iżlam jgħallem u jħeġġeġ il-paċi fid-dinja, l-għedewwa tal-Iżlam, jew dawk li mhumiex midħla sew tat-tagħlim veru tiegħu, qed joħolqu allegazzjonijiet mhux fundati fil-konfront tiegħu. Kif diġà għedt, f'din l-era, il-Komunità Aħmadija Musulmana qiegħda xxerred u turi l-messaġġ veru tal-Iżlam. Fid-dawl ta' dan, nitlob lil dawk li qed iressqu oġġezzjonijiet kontra l-Iżlam abbażi tal-azzjonijiet ta' minoranza ta' Musulmani, biex filwaqt li jżommu responsabbli lil dawn l-individwi, fl-istess ħin ma jużawx eżempji inġusti bħal dawn biex jiddefamaw u jiskreditaw it-tagħlim veru tal-Iżlam.

M'għandkomx tqisu t-tagħlim tal-Iżlam bħala perikoluż jew ta' theddida għall-Ġermanja jew xi pajjiż ieħor. M'għandkomx tinkwetaw dwar jekk Musulman jistax jintegra ruħu fis-soċjetà Ġermaniża. Kif għedt diġà, aspett li jiddistingwi 'l-Iżlam hu dak li jgħid lill-Musulmani biex jadottaw dak kollu li hu tajjeb u għalhekk m'hemmx dubju li l-Musulmani jistgħu jintegraw ruħhom u jgħixu f'kull soċjetà. Jekk xi ħadd jagħmel azzjoni kontriha, ikun Musulman tal-isem, u mhux segwaċi fidil tat-tagħlim sinċier tal-Iżlam. Bla dubju, jekk il-Musulmani jintalbu jagħmlu xi ħaġa li hi ħażina, jew jintalbu jinjoraw l-istruzzjonijiet tal-Koran Imqaddes fejn jidħlu l-prinċipji tal-modestà, is-santità tar-reliġjon jew biex jaġixxu kontra s-sewwa, huma m'għandhomx jagħmlu dan. Madankollu kwistjonijiet bħal dawn mhumiex marbuta mal-integrazzjoni, iżda mal-libertà reliġjuża personali.

Il-vjolazzjoni tal-libertà reliġjuża mhix kwistjoni li tikkonċerna biss lill-Musulmani, iżda kull persuna sinċiera u diċenti għandha ssemma' leħinha u apertament tiddikjara li l-ebda gvern jew soċjetà m'għandha tinterferixxi fid-drittijiet reliġjużi personali. Nitlob li l-Ġermanja, u tassew kull pajjiż li jservi bħala dar għal nies minn nazzjonijiet u kulturi differenti, turi l-ogħla livelli ta' tolleranza u rispett għall-ħsus u s-sentimenti ta' kulħadd. B'dal-mod, nittama li ssir il-kejl ewlieni għal dawk li juru mħabba, affezzjoni u paċi reċiproka. Dan għandu jservi bħala l-mezz li bih tkun iggarantita l-paċi u s-sigurtà dejjiema fid-dinja. B'hekk, id-dinja tkun tista' ssalva mid-distruzzjoni li miexja lejha frott in-nuqqas totali ta' tolleranza reċiproka.

It-theddida ta' qerda totali qiegħda tberraq fuqna u għalhekk, biex insalvaw minn din il-qerda, kull pajjiż u kull individwu, kemm jekk reliġjuż u kemm jekk mhuwiex, irid joqgħod verament attent. Nittama li kull individwu jasal biex jagħraf din ir-realtà. Fl-aħħar, irrid mill-ġdid nirringrazzjakom tal-ħin li ħadtu biex attendejtu u ġejtu tisimgħu dak li kelli xi ngħid.

Jalla Alla jagħtikom il-barka tiegħu.

Grazzi ħafna.

ITTRI
LILL-MEXXEJJA
TAD-DINJA

ITTRA LILL-QDUSIJA TIEGĦU
L-PAPA BENEDITTU XVI

بسم الله الرحمن الرحيم
نحمده و نصلي على رسوله الكريم
وعلى عبده المسيح الموعود
خدا کے فضل اور رحم کے ساتھ
هوالناصر

16 Gressenhall Road
Southfields, London
SW18 5QL, UK

31 ta' Ottubru 2011

Lill-Qdusija Tiegħu l-Papa Benedittu XVI,

Hija t-talba tiegħi li, jekk hu possibbli, Alla l-Omnipotenti jxerred il-Grazzja u l-Barkiet Tiegħu fuqek.

Bħala Mexxej tal-Komunità Aħmadija Musulmana mxerrda mad-dinja kollha, jiena nwassal lill-Qdusija Tiegħu l-Papa l-messaġġ tal-Koran Imqaddes: Jgħid, 'Ja nies tal-ktieb! Ejjew insibu kelma li tgħaqqad lilna magħkom – li ma naduraw lil ħadd ħlief lil Alla, u li ma nassoċjaw lil ħadd Miegħu, u li xi whud minna ma jqisu lil ħadd bħala sidien tagħhom ħlief lil Alla.'

Illum l-Iżlam qiegħed taħt il-lenti tad-dinja kollha u jiġi kkritikat ta' spiss b'allegazzjonijiet moqżieża. Madanakollu, dawk li joħolqu dawn l-allegazzjonijiet huma dawk li mhumiex midħla tat-tagħlim veru tal-Iżlam. Sfortunatament, għadd ta' organizzazzjonijiet Musulmani, minħabba interessi personali, urew xbieha kompletament qarrieqa tal-vera Iżlam. B'riżultat ta' dan, żdied in-nuqqas ta' fiduċja fil-Musulmani fil-qlub tal-popli ta' pajjiżi tal-Punent u pajjiżi oħra mhux Musulmani, sal-estremità li saħansitra nies b'edukazzjoni għolja qed jagħmlu allegazzjonijiet infondati kontra l-Fundatur tal-Iżlam, il-Qaddis Profeta Muħammad[sa].

L-għan ta' kull reliġjon dejjem kien li jqarreb lill-bniedem lejn Alla u li jistabbilixxi l-valuri umani. L-ebda fundatur ta' kwalunkwe twemmin ma għallem lid-dixxipli tiegħu biex iċaħħdu d-drittijiet tal-oħrajn jew

li jaġixxu bi krudeltà lejn bnedmin oħra. Għaldaqstant, l-għemil ta' minoranza ta' Musulmani li jaġixxu b'mod żbaljat m'għandux jintuża bħala skuża biex jiġi attakkat l-Iżlam u l-Fundatur Qaddis[sa] tiegħu. L-Iżlam jgħallimna biex nirrispettaw il-Profeti tar-reliġjonijiet kollha u għalhekk huwa importanti ħafna għall-Musulmani li jemmnu fil-Profeti kollha li huma msemmija fil-Bibbja Mqaddsa jew fil-Koran Imqaddes, sa u inkluż Ġesù Kristu[as]. Aħna l-qaddejja umli tal-Qaddis Profeta Muħammad[sa] u għalhekk aħna mweġġgħin u mnikktin sewwa bl-attakki li jsiru fuq il-Qaddis Profeta[sa] tagħna, iżda aħna nirreaġixxu billi nkomplu nippreżentaw il-kwalitajiet nobbli tiegħu lid-dinja u nwasslu aktar mit-tagħlim sabiħ tal-Koran Imqaddes.

Jekk persuna ma ssegwix xi tagħlim partikolari kif suppost waqt li tammetti li tħaddan dak it-tagħlim, mela hija l-persuna li qed tiżbalja, u mhux it-tagħlim li huwa żbaljat. Il-kelma 'Iżlam' fil-fatt tfisser paċi, imħabba, u sigurtà. Ma jistax ikun hemm sfurzar fejn tidħol il-fidi, hija direzzjoni ċara fil-Koran. Minn qoxra sa qoxra, il-Koran Imqaddes iwassal messaġġi ta' mħabba, affezzjoni, paċi, rikonċiljazzjoni, u l-ispirtu tas-sagrifiċċju. Il-Koran Imqaddes jiddikjara ripetutament li wieħed li ma japplikax il-ġustizzja f'ħajtu huwa mbiegħed sewwa minn Alla, u għaldaqstant huwa mbiegħed sewwa wkoll mit-tagħlim tal-Iżlam. Għal din ir-raġuni, jekk xi ħadd jippreżenta l-Iżlam bħala reliġjon estremista u vjolenti mimlija b'tagħlim ta' tixrid ta' demm, mela din l-istampa m'għandha x'taqsam xejn mal-vera Iżlam.

Il-Komunità Aħmadija Musulmana ssegwi biss it-tagħlim ġenwin tal-Iżlam u taħdem purament biex togħġob lil Alla l-Omnipotenti. Jekk xi Knisja jew xi post ieħor ta' adorazzjoni jkollhom bżonn ta' xi forma ta' protezzjoni, lilna se jsibuna spalla ma' spalla magħhom biex ngħinuhom. Jekk se joħroġ xi messaġġ mill-moskej tagħna, dan se jxandar biss li Alla hu Kbir u li aħna nixhdu li m'hemm ħadd li jixraqlu l-qima ħlief Hu u li Muħammad[sa] huwa l-Messaġġier Tiegħu.

Fattur li qed jilgħab irwol importanti fil-qerda tas-sliem fid-dinja huwa li xi nies jaħsbu li għax huma nies intelliġenti, edukati u liberali, mela allura huma ħielsa biex jiżżuffjettaw u jwaqqgħu għaċ-ċajt lill-fundaturi

kollha ta' reliġjonijiet differenti. Biex tinżamm il-paċi fis-soċjetà huwa neċessarju li wieħed jelimina minn qalbu s-sentimenti kollha ta' mibegħda u jżid il-gradi ta' tolleranza. Hemm bżonn li kulħadd jara li l-ebda Profeta, ikun min ikun, ma jonqoslu r-rispett u l-qima li jixirqulu. Id-dinja għaddejja minn żminijiet ta' inċertezza u taqlib kbir, u dan jirrekjedi li aħna noħolqu atmosfera ta' mħabba u għożża ħalli nkunu nistgħu nneħħu din l-ansjetà u l-biża', li aħna nwasslu messaġġ ta' mħabba u sliem lil dawk kollha ta' madwarna, li aħna nitgħallmu ngħixu f'armonija ferm akbar minn qatt qabel u għalhekk noħolqu ħajja aħjar, u li nagħrfu l-vera valuri tal-umanità.

Illum, qed jitfaċċaw fid-dinja ħafna gwerer fuq skala żgħira, filwaqt li f'diversi postijiet is-superpotenzi qed isostnu li qed jippruvaw jaħdmu għall-paċi. Huwa fatt magħruf illum li fil-midja aħna niġu ppreżentati b'ċerti fatti, iżda fil-verità, wara l-kwinti, dawn ikunu qed ifasslu l-istrateġiji tagħhom u jkunu qed iwettqu l-prijoritajiet reali tagħhom. Għaldaqstant wieħed isaqsi jekk f'dawn iċ-ċirkostanzi l-paċi fid-dinja tistax tiġi stabbilita jew le. Illum b'dispjaċir ninnotaw li jekk niflu sewwa ċ-ċirkostanzi attwali li tinsab fihom id-dinja, insibu li diġà twaqqfu l-pedamenti għal gwerra oħra dinjija. Kieku wara t-Tieni Gwerra Dinjija ttieħdu l-passi biex tirrenja l-ġustizzja, kieku ma konniex naslu għall-istat attwali li tinsab fih id-dinja fejn hija maħkuma mill-ġdid fil-fjammi tal-gwerra. Minħabba li għandna ħafna pajjiżi li jħaddnu l-armamenti nukleari, l-għira u l-mibegħda qed jerġgħu jiżdiedu u d-dinja tinsab fix-xifer tad-distruzzjoni tagħha stess. Jekk dawn l-armi tal-qerda tal-massa jkollhom jisplodu, il-ġenerazzjonijiet futuri qatt mhuma se jaħfrulna talli nkunu ġibna fuqhom tant diżabilitajiet permanenti. Għad baqa' ftit żmien ieħor għad-dinja biex tagħti kas tad-drittijiet tal-Ħallieq u tal-Ħlejjaq Tiegħu.

Jiena nemmen li llum, aktar milli niffukaw fuq il-progress fid-dinja, huwa aktar importanti, anzi huwa essenzjali, li malajr kemm jista' jkun inżidu l-isforzi kollha tagħna biex insalvaw id-dinja mill-qerda tagħha stess. Hemm bżonn urġenti li l-bnedmin jagħrfu l-Ħallieq tagħhom għax din hija l-unika garanzija għas-salvazzjoni tal-umanità; altrimenti d-dinja tersaq aktar viċin lejn id-distruzzjoni tagħha stess. Jekk illum il-bniedem

verament jixtieq li jxerred il-paċi ma' kullimkien, mela minflok ma joqgħod jiġġieled ma' għajru, għandu jipprova jrażżan ix-Xitan ta' ġo fih. Meta jirnexxilu jneħħi l-ħażen tiegħu stess, il-bniedem jersaq aktar qrib biex ikun jista' jippreżenta lilu nnifsu bħala xempju eżemplari tal-ġustizzja. Jiena l-ħin kollu nfakkar lid-dinja li dawn l-ostilitajiet eċċessivi bejn il-bnedmin se jeqirdu kompletament il-valuri umani u b'hekk se jwasslu lid-dinja għad-distruzzjoni tagħha.

Billi inti persuna influwenti ħafna, qiegħed inħeġġek biex tinforma lid-dinja kollha li jekk il-bnedmin se jibqgħu joħolqu l-problemi fl-affarijiet naturali tad-dinja maħluqin minn Alla, mela dawn ikunu qed iħaffu t-triq għall-qirda tagħhom stess. Dan il-messaġġ għandu jixtered 'il bogħod kemm jista' jkun u b'aktar prominenza.

Ir-reliġjonijiet kollha tad-dinja għandhom bżonn l-armonija spiritwali u n-nies kollha tad-dinja għandhom bżonn spirtu ta' mħabba, affezzjoni u fraternità li għad irid jinħoloq. Hija t-talba tiegħi li aħna kollha nifhmu r-responsabiltajiet tagħna u nagħtu sehemna biex inxerrdu l-paċi u l-imħabba, u li nsaħħu r-rikonoxximent tal-Ħallieq tagħna fid-dinja. Aħna għandna t-talb, u f'dan it-talb aħna l-ħin kollu nitolbu lil Alla biex din il-qirda tad-dinja tiġi evitata. Jiena nitlob li nkunu meħlusin minn dan l-inkwiet kollu li qiegħed jinħema.

Dejjem Tiegħek,

MIRŻA MASROOR AĦMAD
Kalifatul Masiħ V
Kap tal-Komunità Dinjija
Aħmadija Musulmana

ITTRA LILL-PRIM MINISTRU TA' IŻRAEL

MIRZA MASROOR AHMAD
HEAD OF THE AHMADIYYA COMMUNITY
IN ISLAM

نَحْمَدُهٗ وَنُصَلِّيْ عَلٰى رَسُوْلِهِ الْكَرِيْمِ
وعلٰى عبدِهِ المسيح الموعود
خدا کے فضل اور رحم کے ساتھ
ھوالنّاصــر

16 Gressenhall Road
Southfields, London
SW18 5QL, UK

L-Eċċellenza Tiegħu
Is-Sur Benjamin Netanyahu
Prim Ministru ta' Iżrael
Ġerusalemm

26 ta' Frar 2012

Għażiż Prim Ministru,

Riċentament jiena bgħatt ittra lill-Eċċellenza Tiegħu Simon Peres, President ta' Iżrael, dwar l-istat inkwetanti li fih tinsab id-dinja. Minħabba li ċ-ċirkostanzi qed jinbidlu b'rata mgħaġġla ħafna, ħassejt li kien importanti għalija li nwassal il-messaġġ tiegħi lilek ukoll, billi inti tokkupa l-kariga ta' Kap tal-Gvern ta' pajjiżek.

L-istorja tan-nazzjon tiegħek hija marbuta sewwa mal-profetiżmu u mar-rivelazzjoni Divina. Fil-fatt, il-Profeti ta' Wlied Iżrael ħarġu bi profeziji korretti ħafna dwar il-futur ta' pajjiżek. Bħala konsegwenza tad-diżubbidjenza murija lejn it-tagħlim tal-Profeti u n-nuqqas ta' interess lejn il-profeziji tagħhom, Ulied Iżrael kellhom jgħaddu minn ħafna diffikultajiet u sofferenzi. Kieku l-mexxejja ta' pajjiżek ħadu ħsieb jimxu fuq it-tagħlim tal-Profeti, kieku ma kienx ikollhom jgħaddu minn tant diżgrazzji u żventuri. Għaldaqstant, inti fid-dmir, forsi ħafna aktar minn oħrajn, li tagħti kas tal-profeziji u t-twissijiet tal-Profeti.

Jiena qed nindirizzak bħala l-Kalif tal-Messija Mwiegħed u l-Imam Maħdi[as], li kien intbagħat bħala l-qaddej tal-Qaddis Profeta Muħammad[sa]; u l-Profeta Qaddis[sa] intbagħat bħala l-Ħniena għall-Umanità Kollha qalb l-aħwa ta' Wlied Iżrael fix-xbieha ta' Mosè[as] (Dewteronomju, 18:18).

Għaldaqstant inħoss li hu d-dmir tiegħi li nfakkrek fil-Messaġġ ta' Alla. Nittama li inti tkun meqjus bħala wieħed minn dawk li jisimgħu s-Sejħa ta' Alla, u li b'suċċess isibu l-mogħdija ġusta; dik il-mogħdija li taqbel mal-Gwida ta' Alla s-Suprem, is-Sid tal-art u tas-smewwiet.

Illum il-ġurnata qed nisimgħu rapporti fl-aħbarijiet li intom qed tħejju biex tattakkaw lill-Iran. Madanakollu l-effetti tal-waħx li tħalli Gwerra Dinjija qegħdin quddiemek. Fl-aħħar Gwerra Dinjija, waqt li miljuni nqatlu, inqerdu wkoll il-ħajjiet ta' mijiet ta' eluf ta' persuni Lhud. Bħala l-Prim Ministru, huwa d-dmir tiegħek li tipproteġi l-ħajja tan-nazzjon tiegħek. Iċ-ċirkostanzi attwali tad-dinja juru li Gwerra Dinjija ma tiġix missielta bejn żewġ pajjiżi biss, iżda jiddaħħlu fiha blokok ta' pajjiżi. It-theddida li tfaqqa' Gwerra Dinjija hija reali ħafna. Il-ħajja ta' miljuni ta' Musulmani, Insara, u Lhud tkun f'periklu kbir. Jekk gwerra bħal din ikollha sseħħ, din twassal għal sensiela ta' reazzjonijiet fid-distruzzjoni tal-umanità. L-effetti ta' din il-katastrofi jibqgħu jinħassu fil-ġenerazzjonijiet futuri, li jew jitwieldu b'ċerti diżabilitajiet, jew ikunu rvinati għal għomorhom. Dan minħabba l-fatt li, bla dubju ta' xejn, gwerra bħal din tkun missielta bl-armamenti atomiċi.

Għaldaqstant, hija t-talba tiegħi biex inti, minflok tressaq lid-dinja lejn il-ħafna ta' Gwerra Dinjija, tagħmel l-aqwa sforzi tiegħek biex issalva lid-dinja minn katastrofi globali. Minflok ma tirriżolvi t-tilwim bil-forza, inti għandek tipprova ssib is-soluzzjonijiet bis-saħħa tad-djalogu, ħalli nkunu nistgħu noffru lill-ġenerazzjonijiet futuri ġejjieni sabiħ aktar milli 'nirregalawlhom' diżabilitajiet u difetti oħra.

Se nipprova nsaħħaħ il-fehmiet tiegħi permezz ta' dawn is-siltiet li ġejjin mit-tagħlim tagħkom, l-ewwel passaġġ meħud miż-Żabur:

'Toqgħodx tinkwieta minħabba dawk li jwettqu l-ħażen. Toqgħodx tgħir għal dawk li jiżbaljaw. Għaliex dawn se jitqaċċtu bħall-ħaxix u mbagħad jidbielu fix-xejn. Afda f'Alla u agħmel il-ġid. Għix fuq l-art u gawdi mill-mergħat mingħajr periklu. Tgħaxxaq ukoll b'Alla u hu jaqtagħlek ix-xewqat ta' qalbek. Orbot triqtek ma' Alla. Afda wkoll Fih, u hu jagħmel dan: Huwa jsaħħaħ l-onestà tiegħek bħas-sebħ, u s-sens ta'

ġustizzja tiegħek bħax-xemx ta' nofsinhar. Afda f'Alla u Stennih bis-sabar. Tkunx anzjuż minħabba dak li jirnexxi fi triqtu, minħabba dak ir-raġel li l-pjanijiet ħżiena tiegħu jirnexxu. Waqqaf ir-rabja u abbanduna l-korla tiegħek. Toqgħodx tinkwieta żżejjed għax dan ukoll iwassal għall-għemil tal-ħażen. Għaliex il-midinba se jitwarrbu, iżda dawk li jistennew lil Alla se jirtu l-art. Għaliex naqra oħra baqa' u l-ħżiena ma jibqgħux. Iva, minkejja li tfittex loku, huwa ma jinstabx. Imma l-umli se jirtu l-art, u se jitgħaxxqu bl-abbundanza tal-paċi.' (Żabur, 37:1-11)

Bl-istess mod, insibu fit-Torah:

'M'għandekx iġġorr il-piżijiet tad-differenti, kbar u żgħar. M'għandux ikollok f'darek miżuri tad-differenti, kbar u żgħar. [Imma] irid ikollok kejl perfett u ġust, kejl perfett u ġust irid ikollok: ħalli jiemek ikunu jistgħu jitwalu fuq l-art li rregalalek il-Mulej Alla tiegħek. Għaliex jekk twettaq dawk l-affarijiet, [u] twettaqhom b'mod inġust, [huma] ikunu stmerrija lejn il-Mulej Alla tiegħek.' (Dewteronomju, 25:13-16)

Għaldaqstant, il-mexxejja tad-dinja, u partikolarment inti, għandhom iwarrbu din l-idea li jiggvernaw bl-użu tal-forza, u jieqfu milli jaħqru lill-batut. Minflok, ħabirku biex ixxerrdu u tippromwovu l-ġustizzja u s-sliem. Meta tagħmlu dan, intom ikollkom il-paċi fikom infuskom, iżżidu s-saħħa interna, u l-paċi fid-dinja tkun tista' tiġi stabbilita.

Hija t-talba tiegħi li inti u mexxejja oħra tad-dinja tifhmu l-messaġġ tiegħi, tagħrfu l-pożizzjoni u l-influwenza li għandkom, u twettqu r-responsabilitajiet tagħkom.

Dejjem Tiegħek,

MIRŻA MASROOR AĦMAD
Kalifatul Masiħ V
Kap tal-Komunità Dinjija
Aħmadija Musulmana

ITTRA LILL-PRESIDENT TAR-REPUBBLIKA IŻLAMIKA TAL-IRAN

16 Gressenhall Road
Southfields, London
SW18 5QL, UK

L-Eċċellenza Tiegħu
Il-President tar-Repubblika Iżlamika tal-Iran
Maħmud Aħmadinejad
Teħran

7 ta' Marzu 2012

Għażiż Sur President,

Assalamo Alaikum Wa Rahmatullahe Wa Barakatohu

Fid-dawl tal-istat inkwetanti li tinsab fih id-dinja, ħassejt li kien importanti ħafna għalija li niktiblek, bħala l-President tal-Iran, għaliex inti għandek l-awtorità li tieħu deċiżjonijiet li bihom taffettwa l-ġejjieni ta' pajjiżek u tad-dinja inġenerali. Bħalissa d-dinja għaddejja minn żminijiet diffiċili ħafna. F'ċerti żoni faqqgħu gwerer fuq skala żgħira, filwaqt li f'postijiet oħra s-superpotenzi jaġixxu bl-iskuża li qed jaħdmu biex jistabbilixxu l-paċi. Kull pajjiż huwa involut f'attivitajiet li jew qed jgħinu jew inkella qed ifixklu lil pajjiżi oħra, iżda l-implimentazzjoni tal-ġustizzja mhix qiegħda ssir. B'dispjaċir kbir ngħid li jekk nosservaw iċ-ċirkostanzi attwali tad-dinja, insibu li diġà tqiegħed il-pedament għal gwerra oħra dinjija. Minħabba li ħafna pajjiżi, kemm kbar kif ukoll żgħar, iħaddnu l-armamenti nukleari, il-mibegħda u l-aggressjoni qegħdin jiżdiedu. F'sitwazzjoni prekarja bħal din, ma neħodhiex bi kbira li tfeġġ quddiemna t-Tielet Gwerra Dinjija. Bħalma inti taf, id-disponibiltà ta' armamenti nukleari tfisser li t-Tielet Gwerra Dinjija tkun gwerra atomika. Ir-riżultat aħħari tagħha jkun katastrofiku, u l-effetti fit-tul ta' taqbid bħal dan iwassal biex ġenerazzjonijiet futuri jitwieldu b'ħafna diżabilitajiet u sfigurazzjonijiet.

Hija l-fehma tiegħi li bħala dixxipli tal-Qaddis Profeta Muħammad[sa], li ntbagħat biex jistabbilixxi s-sliem fid-dinja, u li kien ir-Rahmatullil Aalameen – il-Ħniena għall-Umanità Kollha – aħna ma rridux u lanqas nixtiequ li d-dinja jkollha ssofri minn daqshekk tbatija. Għalhekk jiena qiegħed nitlob li billi l-Iran ukoll huwa potenza li għandha ċerta saħħa fid-dinja, din il-potenza għandha tagħti sehemha biex tevita li tfaqqa' t-Tielet Gwerra Dinjija. Huwa stat ta' fatt li l-qawwiet il-kbar ma japplikawx l-istess regola ma' kulħadd. L-inġustizzji tagħhom ħolqu inkwiet u diżordni f'ħafna pajjiżi tad-dinja. Madanakollu, ma nistgħux ninjoraw il-fatt li xi organizzazzjonijiet Musulmani jaġixxu b'mod żbaljat u jmorru kontra t-tagħlim tal-Iżlam. Għaldaqstant qawwiet kbar dinjin qed jużaw dan bħala skuża biex jissodisfaw l-interessi personali tagħhom billi jieħdu vantaġġ mill-pajjiżi foqra Musulmani. Għalhekk, għal darba oħra, qed nitolbok biex tiffoka l-isforzi u l-enerġiji kollha tiegħek biex issalva lid-dinja mit-Tielet Gwerra Dinjija. Il-Koran Imqaddes jgħallem lill-Musulmani kollha li l-ostilità minn xi nazzjon partikolari m'għandhiex toħnoqhom milli jaġixxu b'mod ġust. F'Surah Al Mai'dah, Alla l-Għoli jgħallimna:

"U tħallux il-mibegħda ta' xi nazzjon, li ma jħallikomx tersqu lejn il-Moskea Sagra, iġġagħalkom tidinbu. Għinu lil xulxin bl-onestà u bil-moġħdrija; iżda tgħinux lil xulxin fid-dnub u fiż-żina. U ibżgħu minn Alla; bla dubju, Alla huwa aħrax fil-kastig tiegħu." (Kap.5; V.3)

Terġa', fl-istess kapitlu tal-Koran Imqaddes insibu l-kmandament li ġej indirizzat lill-Musulmani kollha:

"Intom li temmnu! Ibqgħu sodi fil-kawża ta' Alla, kunu konxji tas-sens ta' ġustizzja; u tħallux l-ostilità ta' xi nazzjon iġġagħalkom taġixxu b'xi mod li huwa kuntrarju għal dak li hu ġust. Kunu dejjem ġusti, għax hekk tqarrbu lejn l-onestà. U ibżgħu minn Alla. Bla dubju ta' xejn, Alla jaf eżattament dak kollu li tagħmlu." (Kap.5:V.9)

Għaldaqstant, m'għandkomx għaliex teħduha kontra pajjiżi oħra; warrbu l-ostilità u l-mibegħda. Nammetti li l-Iżrael taqbeż il-limiti tagħha, u għandha għajnejha mitfugħin fuq l-Iran. Ovvjament, jekk xi pajjiż se

jwettaq xi għemil ħażin kontra pajjiżek, ċertament li għandkom id-dritt li tiddefendu lilkom infuskom. Madanakollu, kemm jista' jkun possibbli, il-konflitti għandhom jiġu riżolti permezz tad-diplomazija u tan-negozjati. Din hija t-talba umli tiegħi, li minflok tintuża l-forza, għandu jintuża d-djalogu biex tippruvaw issolvu l-problemi. Ir-raġuni għala jien qed nagħmel din it-talba hija għaliex jien dixxiplu tal-Persuna Magħżula minn Alla li ġiet f'din l-epoka bħala l-Qaddej Fidil tal-Qaddis Profeta Muħammad[sa], u li jsostni li hu l-Messija Mwiegħda u l-Imam Maħdi[as]. Il-missjoni tiegħu kienet li jqarreb lill-bnedmin lejn Alla u li jistabbilixxi d-drittijiet tan-nies bl-istess manjiera kif għamel is-Sid u l-Gwida tagħna, ir-Raħmatullil Aalameen – il-Ħniena għall-Umanità Kollha – il-Qaddis Profeta[sa]. Jalla Alla l-Għoli jwassal lill-Ummah Musulmana biex tifhem dan it-tagħlim sabiħ.

Wassalam,

Dejjem Tiegħek,

MIRŻA MASROOR AĦMAD
Kalifatul Masiħ V
Kap tal-Komunità Dinjija
Aħmadija Musulmana

ITTRA LILL-PRESIDENT TAL-ISTATI UNITI TAL-AMERIKA

16 Gressenhall Road
Southfields, London
SW18 5QL, UK

Il-President Barack Obama
President tal-Istati Uniti tal-Amerika
The White House
1600 Pennyslvania Avenue NW
Washington D.C.

8 ta' Marzu 2012

Għażiż Sur President,

Fid-dawl tal-istat inkwetanti li tinsab fih id-dinja, ħassejt li kien importanti ħafna għalija li niktiblek, il-għaliex inti l-President tal-Istati Uniti tal-Amerika, pajjiż li huwa superpotenza dinjija, u għaldaqstant inti għandek l-awtorità li tieħu deċiżjonijiet li jistgħu jaffettwaw il-ġejjieni kemm ta' pajjiżek kif ukoll tad-dinja inġenerali.

Bħalissa hawn inkwiet u taqlib kbir fid-dinja. Għandna gwerer fuq skala żgħira f'ċerti żoni tad-dinja. Sfortunatament is-superpotenzi, kuntrarjament għal dak li kien mistenni, ma rnexxilhomx bl-isforzi kollha tagħhom jistabbilixxu l-paċi f'dawn ir-reġjuni milqutin bil-konflitti. Globalment insibu li kull pajjiż huwa involut f'attivitajiet li jew qed jgħinu jew inkella qed ifixklu lil pajjiżi oħra, iżda l-implimentazzjoni tal-ġustizzja mhix qiegħda ssir. B'dispjaċir kbir ngħid li jekk nosservaw iċ-ċirkostanzi attwali tad-dinja, insibu li diġà tqiegħed il-pedament għal gwerra oħra dinjija. Minħabba li ħafna pajjiżi, kemm kbar kif ukoll żgħar, iħaddnu l-armamenti nukleari, il-mibegħda u l-aggressjoni qegħdin jiżdiedu. F'sitwazzjoni prekarja bħal din, ma neħodhiex bi kbira li tfeġġ quddiemna t-Tielet Gwerra Dinjija. Gwerra bħal din tkun missielta żgur bl-armamenti nukleari; u għalhekk qed inħossu li d-dinja qed tersaq aktar

lejn distruzzjoni terribbli. Kieku segwejna t-triq ta' ekwità u ġustizzja wara t-Tieni Gwerra Dinjija, kieku ma konniex insibu ruħna fl-istat prekarju li tinsab fih id-dinja llum fejn reġgħet inħakmet mill-ġdid mill-fjammi tal-gwerra.

Bħalma lkoll nafu, il-kawżi ewlenin li wasslu għat-tfaqqigħ tat-Tieni Gwerra Dinjija kienu l-falliment tal-Lega tan-Nazzjonijiet u l-kriżi ekonomika, li bdiet fl-1932. Illum l-aqwa ekonomisti jsostnu li hemm ħafna tixbih bejn il-kriżi ekonomika attwali u dik tal-1932. Aħna qed nosservaw li l-problemi politiċi u ekonomiċi għal darba oħra qed iwasslu biex nazzjonijiet żgħar jispiċċaw fi gwerra bejniethom, u li l-iskuntentizza u l-ġlied intern qed jiżdiedu b'rata mgħaġġla f'dawn il-pajjiżi. Dan fl-aħħar mill-aħħar iwassal biex ċerti organizzazzjonijiet jiksbu t-tmun tat-tmexxija, u mbagħad dawn iressquna lejn gwerra dinjija. Jekk, fil-pajjiżi ż-żgħar, il-konflitti mhumiex se jiġu riżolti bis-saħħa tal-politika jew id-diplomazija, allura dan se jwassal biex jiġu ffurmati blokok u għaqdiet ġodda fid-dinja. Dan ikun is-sinjal għall-bidu tat-tfaqqigħ tat-Tielet Gwerra Dinjija. Għaldaqstant, jiena nemmen li issa, aktar milli niffukaw fuq il-progress fid-dinja, huwa aktar importanti, anzi essenzjali, li nkattru malajr kemm jista' jkun l-isforzi tagħna biex insalvaw id-dinja minn din il-qirda. Tinħass il-ħtieġa urġenti għall-umanità li tagħraf lil Alla l-Waħdieni, li Huwa l-Ħallieq tagħna, għax din hija l-unika garanzija għas-sopravivenza tal-umanità; inkella, id-dinja tkompli tersaq aktar viċin lejn id-distruzzjoni tagħha nnifisha.

It-talba tiegħi lilek, u ċertament lill-mexxejja kollha tad-dinja, hija li minflok tintuża l-forza biex jitrażżnu ċerti nazzjonijiet, aħjar li jiġu mħaddma d-diplomazija, id-djalogu, u d-dehen. Il-qawwiet il-kbar tad-dinja, fosthom l-Istati Uniti, għandhom jagħtu sehemhom biex jistabbilixxu l-paċi. M'għandhomx jużaw il-manuvri ta' pajjiżi iżgħar bħala skuża biex iħarbtu l-armonija fid-dinja. Bħalissa mhux l-Istati Uniti u qawwiet kbar oħra biss jippossjedu l-armamenti nukleari; x'aktarx li anki pajjiżi ferm iżgħar issa għandhom dawn l-armamenti tal-qirda tal-massa, fejn dawk li kisbu l-poter huma mexxejja li ħafna drabi huma lesti li jattakkaw mingħajr ħsieb jew raġunament ta' xejn. Għaldaqstant, qed nitolbok b'umiltà biex tistinka kemm tiflaħ ħalli trażżan il-qawwiet

kemm kbar kif ukoll żgħar milli jfaqqgħu t-Tielet Gwerra Dinjija. M'għandu jkun hemm l-ebda dubju f'moħħna li jekk infallu f'din il-biċċa xogħol, mela l-effetti u l-konsegwenzi ta' gwerra bħal din ma jinħassux biss fil-pajjiżi fqar tal-Ażja, tal-Ewropa, u tal-Amerki; x'aktarx li l-ġenerazzjonijiet futuri se jkollhom iġorru l-konsegwenzi orribbli tal-azzjonijiet tagħna u t-tfal fid-dinja kollha se jitwieldu b'ħafna diżabilitajiet u sfigurazzjonijiet oħra. Dawn qatt mhuma se jaħfru lil missirijiethom talli wasslu lid-dinja għal katastrofi globali. Minflok ma nintilfu biss fl-interessi personali tagħna, għandna naħsbu fil-ġenerazzjonijiet li ġejjin u nħabirku biex noħolqu ġejjieni sabiħ għalihom. Jalla Alla l-Għoli jgħin lilek, u lill-mexxejja kollha tad-dinja, biex jifhmu dan il-messaġġ.

Dejjem Tiegħek,

MIRŻA MASROOR AĦMAD
Kalifatul Masiħ V
Kap tal-Komunità Dinjija
Aħmadija Musulmana

ITTRA
LILL-PRIM MINISTRU
TAL-KANADA

بسم الله الرحمن الرحيم
نحمده و نصلي على رسوله الكريم
وعلى عبده المسيح الموعود
خدا کے فضل اور رحم کے ساتھ
هوالناصر

16 Gressenhall Road
Southfields, London
SW18 5QL, UK

Is-Sur Stephen Harper
Prim Ministru tal-Kanada
Ottawa, Ontario

8 ta' Marzu 2012

Għażiż Prim Ministru,

Fid-dawl tas-sitwazzjoni inkwetanti li qed tiżviluppa fid-dinja, ħassejt li kelli niktiblek bħala l-Prim Ministru tal-Kanada, int li żżomm is-setgħa li tieħu deċiżjonijiet li mhux biss jaffettwaw il-futur tan-nazzjon tiegħek, iżda wkoll id-destin tad-dinja inġenerali. Fil-mument hawn ħafna ċaqliq u aġitazzjoni fid-dinja. Gwerer fuq skala żgħira nibtu madwar id-dinja. Sfortunatament, is-superpotenzi ma kellhomx is-suċċess kif antiċipat fl-isforzi tagħhom biex jistabbilixxu l-paċi f'dawk ir-reġjuni maħkuma mill-kunflitti. Globalment, insibu li kważi kull pajjiż huwa impenjat f'attivitajiet favur jew kontra pajjiżi oħrajn; madankollu, ir-rekwiżiti tal-ġustizzja mhumiex jintlaħqu. B'diqa, jekk inħarsu lejn iċ-ċirkostanzi attwali tad-dinja, insibu li l-pedamenti ta' gwerra oħra dinjija diġà tqiegħdu. Billi ħafna pajjiżi, kbar u żgħar, għandhom l-armi nukleari, id-differenzi u n-nuqqas ta' qbil bejn in-nazzjonijiet qed jiżdiedu. F'dan ix-xenarju, il-possibilità tat-Tielet Gwerra Dinjija qed tidher kważi b'ċertezza quddiemna. Gwerra bħal din żgur se ssir permezz tal-armi nukleari; u għalhekk, qed nassistu għal mixja lejn il-qerda totali. Li kieku, wara t-Tieni Gwerra Dinjija, imxejna fid-direzzjoni tal-ġustizzja u l-ekwità, ma konniex inkunu qed nassistu għall-istat attwali li tinsab fih id-dinja li mill-ġdid tinsab maħnuqa fil-fjammi tal-gwerra.

Kif jaf kulħadd, ir-raġunijiet prinċipali għat-Tieni Gwerra Dinjija,

kienu l-falliment tal-Lega tan-Nazzjonijiet kif ukoll il-kriżi ekonomika li bdiet fl-1932. Illum, ekonomisti ewlenin jgħidulna li jeżistu diversi similaritajiet bejn il-kriżi ekonomika attwali u dik tal-1932. Nosservaw li, għal darba oħra, problemi ekonomiċi u politiċi reġgħu wasslu għall-gwerer bejn in-nazzjonijiet żgħar, u biex id-disgwid u l-iskuntentizza interna jerġgħu jieħdu s-sopravvent f'dawn il-pajjiżi. Fl-aħħar dan se jwassal biex ċerti qawwiet jieħdu l-poter f'idejhom u jkunu l-kaġun ta' gwerra dinjija. Jekk ma jinstabux soluzzjonijiet politiċi u diplomatiċi għall-kunflitti fil-pajjiżi ż-żgħar, dan iwassal għall-ħolqien ta' blokki u alleanzi ġodda fid-dinja. Dan ikun il-prekursur tat-Tielet Gwerra Dinjija. Għalhekk, iktar milli niffokaw fuq il-progress tad-dinja, nemmen li hu importanti, anzi essenzjali, li nżidu l-isforzi tagħna biex insalvaw id-dinja minn din id-distruzzjoni. Hemm il-ħtieġa urġenti li l-bniedem jagħraf lil Alla l-Waħdieni, li Hu l-Kreatur tagħna, għax dan biss jista' jiggarantixxi s-sopravivenza tal-umanità; jekk dan ma jsirx, id-dinja tibqa' miexja b'rata mgħaġġla lejn il-qerda tagħha nnfisha.

Il-Kanada titqies minn kulħadd bħala wieħed mill-pajjiżi l-iktar ġusti fid-dinja. Il-pajjiż tiegħek normalment ma jintervjenix fil-problemi interni ta' pajjiżi oħra. Aħna wkoll, il-Komunità Aħmadija Musulmana, għandna rabtiet speċjali ta' ħbiberija mal-poplu Kanadiż. Għalhekk, nitolbok tħabrek biex nevitaw li l-qawwiet minuri jew maġġuri jwassluna għad-devastazzjoni tat-Tielet Gwerra Dinjija.

It-talba tiegħi lilek, tabilħaqq lill-mexxejja kollha tad-dinja, hi li minflok l-użu tal-forza fit-trażżin ta' pajjiżi oħra, għandhom jintużaw id-diplomazija, id-djalogu u l-għaqal. Il-qawwiet il-kbar tad-dinja, bħall-Kanada, għandhom jagħmlu l-parti tagħhom lejn il-ħolqien tal-paċi. Huma m'għandhomx jużaw l-azzjonijiet tal-pajjiżi ż-żgħar bħala skuża biex ifixklu l-armonija fid-dinja. Fil-mument, l-armi nukleari jinsabu mhux biss f'idejn il-qawwiet il-kbar, iżda wkoll f'idejn il-pajjiżi ż-żgħar; f'idejn mexxejja li ma jaħsbuhiex darbtejn biex jużawhom mal-inqas provokazzjoni. Għalhekk, nitolbok bl-ikbar umiltà, biex tuża l-enerġija u l-isforzi tiegħek kollha biex twaqqaf milli sseħħ it-Tielet Gwerra Dinjija. M'għandu jkun hemm l-ebda dubju f'moħħna li, jekk infallu f'biċċa xogħol bħal din, l-effetti u d-distruzzjoni ta' gwerra bħal

din jinfirxu mhux biss mal-pajjiżi l-foqra Ażjatiċi, Ewropej u Amerikani; il-ġenerazzjonijiet futuri jkollhom jiffaċċjaw il-konsegwenzi terribbli u t-tfal kullimkien fid-dinja jitwieldu deformati jew diżabbli. Huma ma jaħfruha qatt lil missirijiethom li wasslu lid-dinja għall-qerda globali. Minflok nibqgħu interessati biss f'dak li jikkonċernana, għandna niftakru fil-ġenerazzjonijiet futuri u nħabirku għall-ħolqien għalihom ta' futur aħjar. Jalla Alla l-Eżaltat jippermetti lilek, u lill-mexxejja kollha tad-dinja, biex jifhmu dan il-messaġġ.

Dejjem Tiegħek,



MIRŻA MASROOR AĦMAD
Kalifatul Masiħ V
Kap tal-Komunità Dinjija
Aħmadija Musulmana

ITTRA LILL-KUSTODJU TAŻ-ŻEWĠ POSTIJIET QADDISA R-RE TAR-RENJU TAL-ARABJA SAWDITA

بسم الله الرحمن الرحيم
نحمده و نصلي على رسوله الكريم
وعلى عبده المسيح الموعود
خدا کے فضل اور رحم کے ساتھ
هو الناصر

16 Gressenhall Road
Southfields, London
SW18 5QL, UK

Kustodju taż-Żewġ Postijiet Qaddisa
Ir-Re tar-Renju tal-Arabja Sawdita,
Abdullah bin Abdul-Ażiż Al Saud
Riyadh, Arabja Sawdita

28 ta' Marzu 2012

Id-Dinjituż Re Abdullah,

Assalamo Alaikum, Wa Rahmatullahe Wa Barakatohu,

Illum, qed niktiblek bil-għan li nitkellem dwar kwistjoni importanti ħafna, għax bħala l-Kustodju taż-Żewġ Postijiet Qaddisa u r-Re tal-Arabja Sawdita, inti żżomm pożizzjoni importanti ħafna fl-Ummah Musulmana [Il-komunità Musulmana Dinjija]. Għax fil-pajjiż tiegħek wieħed isib l-iktar żewġ postijiet qaddisa fl-Iżlam – Makkah Al-Mukarramah u l-Medinah Al-Munawwarah [Il-Mekka u l-Medina] – illi li wieħed iħobb jikkostitwixxi sehem mill-fidi tal-Musulmani. Dawn is-siti huma wkoll ċentri għat-tiġdid spiritwali u huma meqjuma sew mill-Musulmani. F'dan id-dawl, il-gvernijiet Musulmani u l-Musulmani kollha jagħtuk status speċjali. Dan l-istatus jitlob li minn banda għandek toffri gwida tajba lill-Ummah Musulmana u mill-banda l-oħra għandek tħabrek biex toħloq klima ta' paċi u armonija fi ħdan il-pajjiżi Musulmani. Għandek ukoll tagħmel ħiltek biex tiżviluppa r-rispett u s-simpatija reċiproka bejn il-Musulmani u ddawwalhom dwar il-qofol ta':

رُحَمَاءُ بَيْنَهُمْ

Fl-aħħar mill-aħħar, għandek tagħmel ħiltek biex toħloq il-paċi fid-dinja kollha għall-benefiċċju tal-umanità kollha. Bħala l-Kap tal-Komunità Aħmadija Musulmana, il-Kalif tal-Messija Mwiegħed u l-Imam Maħdi[as], hija t-talba tiegħi, illi irrispettivament minn xi differenzi dottrinali li hemm bejn il-Komunità Aħmadija Musulmana u setet oħra tal-Iżlam, għandna xorta waħda ningħaqdu fi sforz biex nistabbilixxu l-paċi dinjija. Għandna nagħmlu dak kollu possibbli biex nedukaw lid-dinja dwar it-tagħlim veru tal-Iżlam, li huwa msejjes fuq l-imħabba u l-paċi. B'dan il-mod, inkunu nistgħu nneħħu l-ideat żbaljati li jħaddnu ħafna nies tal-Punent u fid-dinja dwar l-Iżlam. Ir-rivalità fil-konfront ta' gruppi jew nazzjonijiet oħra m'għandhiex tfixkilna milli nġibu ruħna b'mod ġust. Alla s-Setgħani, f'Vers 3 tas-Surah Al-Ma'idah tal-Koran Imqaddes, jgħid:

وَلَا يَجْرِمَنَّكُمْ شَنَآنُ قَوْمٍ أَن
صَدُّوكُمْ عَنِ الْمَسْجِدِ الْحَرَامِ أَن تَعْتَدُوا ۘ وَتَعَاوَنُوا عَلَى الْبِرِّ
وَالتَّقْوَىٰ ۖ وَلَا تَعَاوَنُوا عَلَى الْإِثْمِ وَالْعُدْوَانِ ۚ وَاتَّقُوا اللَّهَ ۖ إِنَّ اللَّهَ شَدِيدُ
الْعِقَابِ ﴿٣﴾

'U tħallux il-mibegħda ta' poplu, li fixkilkom milli tersqu lejn il-Moskea Sagra, tħeġġiġkom biex tiksru l-liġi. Għinu lil xulxin b'onestà u rispett; iżda tgħinux lil xulxin fid-dnub u fil-vjolazzjoni tal-moralità. U ibżgħu minn Alla; tabilħaqq, Alla huwa sever fil-kastigi tiegħu.' *(Il-Koran, 5:3)*

Dan huwa l-prinċipju ewlieni li għandna nżommu quddiem għajnejna biex b'hekk inkunu nistgħu nwettqu dmirna u nwasslu d-dehra sabiħa tal-Iżlam lid-dinja. B'sentiment ta' mħabba ġewwiena u kompassjoni profonda għall-Musulmani tad-dinja kollha li qed nitlob il-parti tiegħek f'dan ir-rigward.

Insibu li fid-dinja tal-lum xi politiċi u hekk imsejħa studjuži qed jiżirgħu ż-żerriegħa ta' mibegħda kontra l-Iżlam bl-iskop li jħammġu isem il-Qaddis Profeta (Muħammad[sa]). Biex jilħqu l-għanijiet tagħhom jippruvaw jippreżentaw interpretazzjonijiet kompletament żbaljati tat-tagħlim tal-Koran Imqaddes. Barra minn hekk, il-kunflitt bejn il-Palestinjani u l-Iżraeliti qed jiggrava minn ġurnata għall-oħra u l-ostilitajiet bejn l-Iżrael

u l-Iran waslu f'punt li r-relazzjoni ta' bejniethom spiċċat għalkollox. Dawn iċ-ċirkostanzi jitolbu li bħala mexxej daqshekk importanti tal-Ummah Musulmana, tagħmel kull sforz biex issolvi dawn il-kwistjonijiet b'ġustizzja u ugwaljanza. Il-Komunità Aħmadija Musulmana tagħmel dak kollu li tista' biex teqred għalkollox il-mibegħda lejn l-Iżlam, kull meta u kull fejn tinbet. Sakemm l-Ummah Musulmana tingħaqad kollha u taħdem bis-sħiħ għal dan, il-paċi ma tista' qatt tkun stabbilita.

B'dal-mod, nitolbok tagħmel ħiltek kollha għal dan. Jekk it-Tielet Gwerra Dinjija tabilħaqq iddestinata biex isseħħ, tal-inqas għandna nħabirku biex din ma toriġinax minn xi pajjiż Musulman. L-ebda pajjiż jew individwu Musulman, illum jew fil-ġejjieni, m'għandu jerfa' fuq spallejh ir-responsabiltà li jservi bħala x-xrara li twassal għal katastrofi globali bħal din. Liema katastrofi twassal biex ġenerazzjonijiet futuri jitwieldu b'difetti u mankamenti. Għax jekk tfaqqa' Gwerra Dinjija issa, ċertament din tkun missielta bl-armi nukleari. Diġà esperjenzajna dehra ħafifa tad-devastazzjoni totali kawża tal-gwerra atomika meta bombi nukleari ntefgħu fuq żewġt ibliet Ġappuniżi fit-Tieni Gwerra Dinjija.

Għaldaqstant, O Re tal-Arabja Sawdita! Itfa' l-enerġija tiegħek kollha biex issalva d-dinja mill-qerda totali! Jalla Alla s-Setgħani jkompli miegħek bl-Għajnuna u l-Assistenza, Ammen. B'talb għalik u għall-Ummah Musulmana kollha:

اِهْدِنَا الصِّرَاطَ الْمُسْتَقِيْمَ ۙ

Wassalam,

Dejjem Tiegħek,

MIRŻA MASROOR AĦMAD
Kalifatul Masiħ V
Kap tal-Komunità Dinjija
Aħmadija Musulmana

ITTRA LILL-PRIM MINISTRU TAL-KUNSILL TAL-ISTAT TAR-REPUBBLIKA TAL-POPLU TAĊ-ĊINA

16 Gressenhall Road
Southfields, London
SW18 5QL, UK

L-Eċċellenza Tiegħu,
Prim Ministru tal-Kunsill tal-Istat tar-Repubblika
tal-Poplu taċ-Ċina
Is-Sur Wen Jiabao
Zhongnanhai, iċ-Ċina

9 ta' April 2012

Għażiż Prim Ministru,

Qed nibgħatlek din l-ittra ma' wieħed mir-rappreżentanti tal-Komunità Aħmadija Musulmana. Dan hu l-President tal-Komunità tagħna f'Kababir, l-Iżrael u kien mistieden mill-Ministru tal-Minoritajiet fiċ-Ċina. Ir-rappreżentant tagħna tlaqqa' ma' uffiċjali Ċiniżi waqt żjara ta' delegazzjoni miċ-Ċina, li kienet tinkludi lid-Deputat Ministru għall-Minoritajiet, fid-Dar tal-Missjoni tagħna f'Kababir.

Il-Komunità Aħmadija Musulmana hi dik is-setta fl-Iżlam li temmen tassew li l-Messija u r-Riformatur, li kien iddestinat biex jidher f'din l-era bħala l-Maħdi għall-gwida tal-Musulmani, bħala l-Messija għall-gwida tal-Kristjani u bħala gwida għar-riformazzjoni tal-umanità kollha, wasal tabilħaqq skont il-profeziji tal-Qaddis Profeta Muħammad[sa] u b'dan il-mod aħna lqajnieh. L-isem tiegħu kien Ħażrat Mirża Gulam Aħmad[as] minn Kadjan, l-Indja. Skont l-amar ta' Alla s-Setgħani, huwa waqqaf il-Komunità Aħmadija Musulmana fl-1889. Sa mewtu fl-1908, mijiet ta' eluf ta' persuni laħqu ssieħbu fil-Komunità Aħmadija. Wara mewtu, twaqqfet l-istituzzjoni tal-Kalifat. Fil-mument, ninsabu fl-era tal-Ħames Kalifat, u jien il-Ħames Kalif tal-Messija Mwiegħed[as].

Aspett estremament importanti u fundamentali tat-tagħlim tagħna hu li f'din l-epoka l-gwerer reliġjuži għandhom jintemmu. Barra minn hekk, nemmnu li kull min jixtieq iwassal jew iferrex xi tagħlim għandu jagħmel dan fi spirtu ta' mħabba, kompassjoni u fraternanza biex b'hekk isir mezz ta' twaqqif ta' paċi, rikonċiljazzjoni u armonija. Dan l-aspett daqshekk importanti, li hu msejjes fuq it-tagħlim veru tal-Iżlam, qed jiġi mxandar u ppropagat mill-Komunità Aħmadija Musulmana mad-dinja kollha. Illum il-Komunità hi mifruxa madwar 200 pajjiż tad-dinja, u tikkonsisti f'miljuni ta' segwaċi.

Nixtieq inwasslilkom dan il-messaġġ: li d-dinja tinsab għaddejja minn perjodu mill-ikreh u mill-aktar perikoluži. Tabilħaqq, jidher li qed noqorbu dejjem iktar lejn gwerra dinjija. Int il-mexxej ta' potenza mill-aqwa. Barra minn hekk, proporzjon enormi tal-popolazzjoni dinjija tgħix taħt il-governanza tiegħek. Tippossedi wkoll id-dritt tal-veto meta mitlub fil-Ġnus Magħquda. Għalhekk, f'dan il-kuntest, hija t-talba tiegħi li int tagħmel il-parti tiegħek biex issalva d-dinja mid-distruzzjoni li tinsab quddiemna. Irrispettivament min-nazzjonalità, reliġjon, twemmin jew kredu, għandna nħabirku kemm nistgħu biex insalvaw l-umanità.

Fiċ-Ċina, wara li seħħet ir-rivoluzzjoni, kien hemm progress u bidla kbira. L-Onorabbli Mao Zedong, li kien mexxej kbir tan-nazzjon tiegħek, qiegħed il-pedament għall-valuri morali għolja, li jistgħu jiġu deskritti fi kliem ieħor bħala l-ogħla livell ta' eċċellenza fil-valuri umani. Għalkemm intom ma temmnux fl-eżistenza ta' Alla u l-prinċipji tagħkom jissejsu fuq il-moralità, nixtieq nagħmilha ċara li Alla tagħna, li hu Alla kif muri fil-Koran, irrevela l-Koran bħala gwida għall-umanità kollha. Il-Koran jinkorpora fih dawk il-morali li intom tħaddnu, flimkien ma' oħrajn. Jiġbor fih tagħlim mill-isbaħ li jesponi mezzi ta' sostenenza għall-umanità filwaqt li jistabbilixxi l-valuri umani. Jekk id-dinja – b'mod partikolari dik Musulmana – tadotta dan it-tagħlim Koraniku, il-problemi u l-kunflitti kollha jiġu riżolti u atmosfera ta' paċi u armonija ssaltan fuq kollox.

Illum, il-Komunità Aħmadija Musulmana tagħmel ħilitha biex ixxandar propju dan l-iskop u oġġettiv f'kull rokna tad-dinja. Bis-saħħa tal-konferenzi tagħna dwar il-paċi u l-laqgħat numeruż li nżomm ma' diversi kategoriji ta' nies u gruppi minn kull qasam tas-soċjetà, infakkar lid-dinja b'dan l-għan vitali. Hija t-talba tiegħi li l-mexxejja tad-dinja jagħixxu b'dehen u ma jħallux differenzi reċiproċi fuq skala żgħira bejn nazzjonijiet u popli jeskalaw f'kunflitt globali. Nitolbok ukoll, bħala superpotenza kbira fid-dinja, biex tagħmel il-parti tiegħek għall-paċi fid-dinja. Salva lid-dinja mill-effetti terribbli ta' gwerra dinjija, għax jekk tfaqqa' gwerra bħal din, din tintemm bl-użu tal-armamenti nukleari. Hemm il-probabiltà li bħala riżultat, partijiet ta' xi pajjiżi u tad-dinja jiġu mħassra kompletament minn fuq wiċċ l-art. L-effetti u l-ħerba ta' gwerra atomika ma jkunux limitati biss għad-devastazzjoni immedjata, iżda, l-effetti fuq medda twila ta' żmien jissarrfu f'ġenerazzjonijiet futuri mwielda diżabbli jew bil-mankamenti. B'dal-mod, uża l-enerġija, il-kapaċitajiet u r-riżorsi kollha tiegħek fi sforz biex issalva l-umanità minn konsegwenzi terribbli bħal dawn. Fl-aħħar mill-aħħar dan ikun ta' benefiċċju għal pajjiżek. Hija t-talba tiegħi li kull pajjiż fid-dinja, kbir jew żgħir, jifhem dan il-messaġġ.

Bl-isbaħ xewqat u talb,

Dejjem Tiegħek,

MIRŻA MASROOR AĦMAD
Kalifatul Masiħ V
Kap tal-Komunità Dinjija
Aħmadija Musulmana

ITTRA LILL-PRIM MINISTRU TAR-RENJU UNIT

16 Gressenhall Road
Southfields, London
SW18 5QL, UK

Il-Prim Ministru tar-Renju Unit
tal-Gran Britannja u l-Irlanda ta' Fuq
Rt. Onr. David Cameron
10 Downing Street, Londra
SWA1A 2AA
Ir-Renju Unit

15 ta' April 2012

Għażiż Prim Ministru,

Fid-dawl taċ-ċirkostanzi prekarji u perikolużi li għaddejja minnhom id-dinja bħalissa, ħassejt li hu neċessarju li niktiblek. Bħala l-Prim Ministru tar-Renju Unit, int għandek l-awtorità li tieħu deċiżjonijiet li jaffettwaw il-futur ta' pajjiżek u tad-dinja inġenerali. Illum, id-dinja teħtieġ il-paċi għax ix-xrar tal-gwerra qed jidhru kullimkien. Kunflitti fuq skala żgħira bejn il-pajjiżi qed jheddu li jeskalaw f'kunflitt globali. Nosservaw li s-sitwazzjoni tad-dinja llum tixbah is-sitwazzjoni tal-1932, kemm ekonomikament kif ukoll politikament. Hemm diversi similaritajiet u paralleli oħra, li meta wieħed jgħaqqadhom flimkien, jiffurmaw l-istess stampa li wieħed seta' jara qabel ma faqqgħet it-Tieni Gwerra Dinjija. F'każ li dan ix-xrar jitkebbes tabilħaqq, nassistu għax-xenarju terribbli tat-Tielet Gwerra Dinjija. B'ħafna pajjiżi, kbar u żgħar, jippossedu l-armi nukleari, gwerra bħal din indubjament tinvolvi l-użu tal-armi atomiċi. L-armi li wieħed isib għad-dispożizzjoni llum huma tant distruttivi li jistgħu jwasslu għal ġenerazzjoni wara ġenerazzjoni ta' tfal imwielda b'difetti ġenetiċi u fiżiċi severi. Il-Ġappun hu l-pajjiż waħdieni li esperjenza l-konsegwenzi ta' min jistkerrahhom tal-gwerra atomika meta safa attakkat bil-bombi nukleari fit-Tieni Gwerra Dinjija u żewġt ibliet

kienu meqruda totalment. Madankollu, il-bombi nukleari li ntużaw dak iż-żmien u li kkawżaw devastazzjoni ma' kullimkien, kienu ferm inqas b'saħħithom mill-bombi nukleari li jippossedu ċerti pajjiżi żgħar illum. Għaldaqstant, is-superpotenzi għandhom id-dmir li jsibu soluzzjoni flimkien biex isalvaw l-umanità minn xifer id-diżastru.

Li qed jikkawża biża' kbir hu l-għarfien li l-armi nukleari jistgħu jispiċċaw f'id persuni li mhux kapaċi jew ma jridux iqisu l-konsegwenzi tal-azzjonijiet tagħhom. Jekk is-superpotenzi ma jaġixxux b'ġustizzja, ma jeliminawx il-frustrazzjonijiet tan-nazzjonijiet iż-żgħar u ma jadottawx politika kbira u għaqlija, is-sitwazzjoni taħrab minn taħt idejna u d-distruzzjoni li ssegwi tmur lil hinn mill-komprensjoni u l-immaġinazzjoni tagħna. Saħansitra l-maġġoranza tan-nies fid-dinja li jixtiequ l-paċi jinbelgħu wkoll minn din id-distruzzjoni.

B'dal-mod, hija x-xewqa u t-talba ferventi tiegħi biex intom u l-mexxejja tifhmu din ir-realtà terribbli, u għalhekk minflok tadottaw politika aggressiva u tutilizzaw il-forza biex tilħqu l-għanijiet u l-objettivi tagħkom, għandkom tħabirku biex tadottaw politika li tippromwovi u tassigura l-ġustizzja.

Jekk inħarsu lejn il-passat riċenti, naraw li l-Ingilterra ħakmet fuq ħafna pajjiżi u ħalliet warajha livell għoli ta' ġustizzja u libertà reliġjuża, partikolarment fis-Subkontinent tal-Indja u l-Pakistan. Meta l-Fundatur tal-Komunità Aħmadija Musulmana feraħ lill-Maestà Tagħha, ir-Reġina Vittorja, fil-Ġublew tagħha tad-Djamanti u wasslilha l-messaġġ tal-Iżlam, hu talab lil Alla b'mod partikolari biex jippremja lill-Gvern Ingliż għall-mod ta' kif kien qed jiggverna b'mod ġust u ekwu. Huwa faħħar bis-sħiħ lill-Gvern Ingliż għall-politika ġusta tiegħu u għal-libertà reliġjuża li hu kien ta. Illum il-ġurnata, il-Gvern Ingliż m'għadux jaħkem fuq is-Subkontinent. Madankollu, il-prinċipju tal-libertà reliġjuża huwa magħġun sewwa fis-soċjetà Ingliża u l-liġijiet tagħha, tant li kull persuna għandha l-libertà reliġjuża u drittijiet ugwali. Dis-sena qed jiġi ċċelebrat il-Ġublew tad-Djamanti tal-Maestà Tagħha, ir-Reġina Eliżabbetta II, li joffri opportunità lill-Ingilterra biex turi l-livell għoli tagħha ta' ġustizzja u onestà lid-dinja. L-istorja tal-Komunità Aħmadija Musulmana turi li

aħna dejjem għarafna dil-ġustizzja kull meta murija mill-Ingilterra, u nittamaw li fil-futur il-ġustizzja tibqa' karatteristika li tagħżel lill-Gvern Ingliż mhux biss fi kwistjonijiet reliġjużi iżda f'kull aspett. B'dal-mod, ma tinsew qatt il-kwalitajiet tajba mill-passat tan-nazzjon tagħkom u fis-sitwazzjoni kurrenti tad-dinja, l-Ingilterra tagħmel il-parti tagħha fit-twaqqif tal-paċi dinjija.

Hija t-talba tiegħi li f'kull livell u direzzjoni għandna nagħmlu ħilitna kollha biex nitfu l-ħġejjeġ tal-mibegħda. F'każ biss ta' suċċess f'dan l-isforz inkunu nistgħu niggarantixxu futur aħjar għall-ġenerazzjonijiet futuri. Iżda, f'każ li nfallu f'dan l-isforz, m'għandux ikun hemm dubju f'moħħna li bħala konsegwenza tal-gwerra nukleari l-ġenerazzjonijiet futuri tagħna jkollhom isofru l-konsegwenzi terribbli tal-azzjonijiet tagħna u dawn ma jaħfrulna qatt talli nkunu wassalna d-dinja għall-katastrofi globali. Għal darba oħra nfakkrek li l-Ingilterra hi wieħed mill-pajjiżi li jista' u għandu l-kapaċità li jeżerċita influwenza fid-dinja żviluppata kif ukoll f'pajjiżi li qed jiżviluppaw. Tista' tiggwida lil din id-dinja, jekk għandek ir-rieda, billi tissodisfa l-bżonn għall-ekwità u l-ġustizzja. B'dal-mod, l-Ingilterra u potenzi kbar oħra għandhom jagħmlu l-parti tagħhom biex titwaqqaf il-paċi. Jalla Alla s-Setgħani jagħti lilek u lill-mexxejja oħra dinjin il-fakultà li tifhmu dan il-messaġġ.

Bl-isbaħ xewqat u talb,

Dejjem Tiegħek,

MIRŻA MASROOR AĦMAD
Kalifatul Masiħ V
Kap tal-Komunità Dinjija
Aħmadija Musulmana

ITTRA LILL-KANĊILLIER TAL-ĠERMANJA



16 Gressenhall Road
Southfields, London
SW18 5QL, UK

L-Eċċellenza Tagħha
Il-Kanċillier tal-Ġermanja
Angela Merkel
Bundeskanzleramt
Willy-Brandt-Str.1
10557 Berlin

15 ta' April 2012

Għażiża Kanċillier,

Fid-dawl tas-sitwazzjoni allarmanti u tassew inkwetanti li tinsab fiha d-dinja llum, ħassejt li kien neċessarju li niktiblek. Bħala l-Kanċillier tal-Ġermanja, pajjiż li għandu saħħa u influwenza kbira fid-dinja, għandek l-awtorità li tieħu deċiżjonijiet li jaffettwaw lil pajjiżek kif ukoll lid-dinja inġenerali. Illum li d-dinja qed tinqasam fi blokki, l-estremiżmu qed jeskala u s-sitwazzjoni politika u ekonomika sejra għall-agħar, hemm ħtieġa urġenti biex titneħħa kull tip ta' mibegħda u jitqiegħdu s-sisien għall-paċi. Din tista' ssir biss kemm-il darba jiġu rispettati s-sentimenti ta' kull persuna. Madankollu, billi dan mhux qed isir sew b'onestà u b'intenzjonijiet tajba, is-sitwazzjoni tad-dinja sejra lura b'rata allarmanti. Nosservaw li r-rekwiżiti tal-ġustizzja mhumiex qed jiġu mwettqa minn ħafna pajjiżi, u bħala riżultat, is-sisien ta' gwerra oħra dinjija tqiegħdu diġà. Ħafna huma l-pajjiżi, kbar u żgħar, li għandhom l-armi nukleari. B'dal-mod, jekk tfaqqa' Gwerra Dinjija issa, iċ-ċans hu li din ma tkunx miġġielda bl-armi konvenzjonali; imma tkun miġġielda bl-armi atomiċi. Id-distruzzjoni ta' gwerra nukleari tkun devastanti għall-aħħar. L-effetti tagħha ma jkunux limitati biss għall-effett inizjali; imma ġenerazzjonijiet futuri jbatu minn effetti ta' tul taż-żmien u jitwieldu b'difetti ġenetiċi u

mediċi serji.

B'dal-mod, jiena nemmen li biex wieħed jistabbilixxi l-paċi dinjija, jeħtieġ il-ġustizzja vera, u s-sentimenti u d-drawwiet reliġjużi ta' kull persuna jridu jkunu onorati. Napprezza li ħafna pajjiżi tal-Punent ippermettew b'ġenerożità lil nies minn pajjiżi foqra jew sottożviluppati biex jgħixu fil-pajjiżi rispettivi tagħhom. Fosthom hemm Musulmani wkoll. Bla dubju, hemm minorità tal-hekk imsejħa Musulmani li jġibu ruħhom b'mod kompletament inaċċettabbli u joħolqu sfiduċja fi qlub ħafna nies minn pajjiżi tal-Punent. Madankollu, għandu jkun ċar il-fatt li l-atti ta' dawn in-nies m'għandhom x'jaqsmu xejn mal-Iżlam. Estremisti bħal dawn ma jħobbux fis-sew lill-Qaddis Profeta Muħammad[sa], li ġab miegħu messaġġ ta' paċi, imħabba u maħfra lid-dinja. Tabilħaqq, l-azzjonijiet ta' numru ta' persuni żbaljati fl-ideat tagħhom li jingħaddu fuq id waħda m'għandhomx jintużaw bħala bażi biex jitqajmu oġġezzjonijiet fil-konfront tar-reliġjon tagħna u biex jiġu mweġġegħin is-sentimenti tal-maġġoranza ta' Musulmani innoċenti u onesti. Il-paċi fid-dinja titlob proċess miż-żewġ naħat u tista' sseħħ biss kemm-il darba l-partijiet kollha jaħdmu flimkien għar-rikonċiljazzjoni reċiproka. Minħabba fl-isfiduċja li hemm fi qlub in-nies tal-Punent, minflok titjib fir-relazzjonijiet bejn in-nazzjonijiet u n-nies, ir-reazzjoni ta' dawk li mhumiex Musulmani sejra lura minn ġurnata għall-oħra u qed toħloq firda kbira bejn id-dinja Musulmana u dik mhux Musulmana.

Nosservaw li minħabba l-atti inaċċettabbli ta' xi gruppi u nazzjonijiet Musulmani, l-interessi personali ta' xi wħud mill-qawwiet il-kbar qed jingħataw preferenza fuq l-onestà u l-ġustizzja. Xi wħud mill-pajjiżi l-iktar qawwija jixtiequ jżommu aċċess faċli għall-ġid u r-riżorsi ta' xi pajjiżi u jixtiequ jevitaw li pajjiżi kompetituri jkollhom aċċess totali għall-istess riżorsi. Għal din ir-raġuni ta' spiss jittieħdu deċiżjonijiet f'isem l-għajnuna lin-nies, jew it-twaqqif tal-paċi dinjija. Barra minn hekk, fattur ewlieni wara ċ-ċirkustanzi politiċi tad-dinja tal-lum hi l-kriżi politika li qed tmexxina lejn gwerra oħra dinjija. Li kieku dan kien att ta' verità kieku xi wħud minn dawn il-pajjiżi kienu jibbenefikaw b'mod ġust mir-rapport ta' bejniethom billi jiffurmaw rabtiet industrijali u ekonomiċi leġittimi msejsa fuq il-kummerċ ġust. Kieku ma kinux jippruvaw jieħdu

vantaġġ illeġittimu mir-riżorsi ta' xulxin, iżda kienu jaraw kif jagħmlu biex jersqu lejn u jassistu lil xulxin b'mod reċiproku. Fil-qosor, id-diżordni prevalenti fid-dinja tal-lum tiddependi fuq fattur ewlieni, in-nuqqas totali ta' ġustizzja li qed tikkawża ansjetà u nuqqas ta' sabar ma' kullimkien.

B'dal-mod, nitolbok tagħmel ħiltek biex tippreveni li tfaqqa' Gwerra Dinjija. Utilizza l-enerġija, ir-riżorsi u l-influwenza tiegħek kollha biex issalva d-dinja mid-distruzzjoni terribbli li qed tberraq quddiemna. Skont xi rapporti, il-Ġermanja se tkun qed tipprovdi tliet sottomarini lill-Iżrael li jistgħu jkunu armati bl-armi nukleari. Professur Ġermaniż qal li deċiżjoni bħal din isservi biss biex tkompli tkattar dejjem iżjed it-tensjonijiet li hemm bejn l-Iżrael u l-Iran. Irridu niftakru li l-armi nukleari ma jinsabux biss f'id il-qawwiet il-kbar tad-dinja; jinsabu wkoll f'id pajjiżi relattivament żgħar. Li huwa inkwetanti huwa li f'xi wħud minn dawn il-pajjiżi l-mexxejja jsibu sodisfazzjon fl-użu ta' armamenti, u ma jidhrux interessati fil-konsegwenzi marbuta mal-użu ta' dawn l-armi. Għalhekk, għal darba oħra, nitolbok b'umiltà biex tagħmel dak kollu li tista' biex tistabbilixxi l-paċi dinjija. Jekk infallu f'dan il-qasam m'għandux ikun hemm dubju f'moħħna li kunflitt nukleari jikkawża devastazzjoni li twassal għal ġenerazzjoni wara ġenerazzjoni ta' tfal imwielda bid-difetti. Dawn ma jaħfruha qatt lilna l-adulti talli nkunu wassalniehom għal din il-katastrofi globali. Jalla Alla s-Setgħani jagħti l-fakultà lilek u lill-mexxejja tad-dinja biex tifhmu dan il-messaġġ.

Dejjem Tiegħek,



MIRŻA MASROOR AĦMAD
Kalifatul Masiħ V
Kap tal-Komunità Dinjija
Aħmadija Musulmana

ITTRA LILL-PRESIDENT TAR-REPUBBLIKA FRANĊIŻA

16 Gressenhall Road
Southfields, London
SW18 5QL, UK

President tar-Repubblika Franċiża
L-Eċċellenza Tiegħu Francois Hollande
Palais de l'Eysee
55, Rue du Faubourg Saint-Honore
75008 Paris
Franza

16 ta' Mejju 2012

Għażiż Sur President,

Irrid qabel xejn nieħu din l-opportunità sabiex nifraħlek għall-ħatra tiegħek bħala l-President il-ġdid ta' Franza. Din, bla dubju hija responsabiltà kbira mogħtija lilek, u għalhekk nittama u nitlob li l-poplu Franċiż u d-dinja kollha jibbenifikaw mit-tmexxija tiegħek. Fid-dawl tal-bidliet mgħaġġla mhux mistennija li qed iseħħu fid-dinja, jiena riċentament ktibt ittra lill-predeċessur tiegħek, il-President Nicolas Sarkozy. F'din l-ittra ġbidt l-attenzjoni tiegħu dwar ir-responsabiltajiet li kellu bħala wieħed mill-mexxejja tad-dinja, biex jeżerċita l-ġustizzja waqt li juża l-poter u l-influwenzi tiegħu sabiex jippreveni lid-dinja minn gwerra dinjija. Bħala President ġdid ta' Franza, ħassejt li kien neċessarju niktiblek, għax, int issa għandek l-awtorità li tieħu deċiżjonijiet li bihom taffettwa lil pajjiżek kif ukoll lid-dinja inġenerali.

Nemmen li l-gvernijiet tad-dinja għandhom għaliex ikunu ppreokkupati bl-istat attwali tad-dinja. L-inġustizzji u l-ostilitajiet qed jheddu li jeskalaw f'kunflitt globali. Fl-aħħar seklu seħħew żewġ Gwerer Dinjija. Wara l-Ewwel Gwerra Dinjija l-Lega tan-Nazzjonijiet ġiet stabbilita. Madankollu, ir-rekwiżiti għall-ġustizzja ma ntlaħqux bir-riżultat ikun it-

Tieni Gwerra Dinjija li laħqet il-qofol tagħha fl-użu tal-bombi atomiċi. Sussegwentement, in-Nazzjonijiet Uniti ġiet imwaqqfa biex tħares id-drittijiet umani u biex iżżomm il-paċi dinjija. B'dal-mod, għalkemm tqiesu l-mezzi biex ikunu evitati l-gwerer illum nosservaw li s-sisien tat-Tielet Gwerra Dinjija tqiegħdu diġà. Għadd kbir ta' pajjiżi, kbar u żgħar, għandhom fil-pussess tagħhom il-bombi atomiċi. Li hu inkwetanti huwa l-fatt li xi whud mill-qawwiet nukleari ż-żgħar huma irresponsabbli u nieqsa mill-għarfien tal-effetti devastanti ta' armi bħal dawn. Wieħed jista' faċilment jagħraf li f'każ li jintużaw l-armi nukleari, l-effett terribbli ta' wara jimmanifesta ruħu immedjatament u dik il-ġurnata tkun tixbah l-aħħar tad-dinja. L-armi li jinsabu għad-dispożizzjoni llum huma tant qerrieda li jistgħu jwasslu għal ġenerazzjoni fuq ġenerazzjoni ta' tfal imwielda b'difetti fiżiċi u ġenetiċi gravi. Jintqal li fil-Ġappun, il-pajjiż waħdieni li għadda mill-esperjenza devastanti tad-distruzzjoni tal-gwerra atomika, anke jekk għaddew seba' ġenerazzjonijiet, l-effetti tal-bombi atomiċi għadhom jidhru fit-tfal imwielda.

B'dal-mod, nitolbok b'umiltà biex tistinka kemm tiflaħ biex telimina kompletament in-nuqqas ta' fiduċja bejn il-Musulmani u dawk li mhumiex. Xi pajjiżi Ewropej għandhom riservi kbar għat-tagħlim u t-tradizzjonijiet tal-Iżlam u imponew xi restrizzjonijiet kontrihom. Oħrajn qed jaraw kif jistgħu jagħmlu l-istess. L-animożità li estremisti, hekk imsejħa Musulmani, għandhom lejn il-Punent tista' twassalhom biex jirreaġixxu b'mod mhux aċċettabbli, li jwassal għal iktar intolleranza reliġjuża u dissens. L-Iżlam, madankollu, hu reliġjon li jħobb il-paċi, li ma jgħallimx l-użu tal-ħażin biex jitwaqqaf il-ħażen. Aħna, il-Komunità Aħmadija Musulmana, insegwu dan il-prinċipju u nemmnu f'soluzzjonijiet paċifiċi għal kull kwistjoni.

Sfortunatament, insibu li minoranza żgħira ta' Musulmani jippreżentaw stampa kompletament żbaljata tal-Iżlam u jaġixxu fuq l-ideat żbaljati tagħhom. Ngħid bi mħabba lejn il-Qaddis Profeta Muħammad[sa], li kien 'Il-Ħniena għall-Umanità kollha', li m'għandikx temmen li dan hu l-Iżlam veru u b'hekk tagħmel użu minn atti daqshekk żbaljati biex tweġġa' s-sentimenti tal-maġġoranza paċifika ta' Musulmani. Dan l-aħħar, persuna bla qalb u ħniena qatlet bla raġuni xi suldati Franċiżi fin-

naħa ta' isfel ta' Franza, u xi ġranet wara, daħlet fi skola u qatlet tlett itfal Lhud u waħda mill-għalliema tagħhom. Naraw krudeltajiet bħal dawn iseħħu wkoll f'pajjiżi Musulmani oħra u għalhekk dawn l-atti kollha qed jagħtu lil dawk li jopponu l-Iżlam opportunità biex jisfogaw il-mibegħda tagħhom u bażi fuqiex iwettqu l-għanijiet tagħhom fuq skala wiesgħa. Bħala Musulman, nagħmilha ċara li l-Iżlam ma jippermettix il-moħqrija u l-oppressjoni taħt l-ebda forma, sura jew manjiera. Il-Koran Imqaddes iqis il-qtil bla raġuni ta' persuna waħda bħala ekwivalenti għall-qtil tal-umanità kollha. Din hi ordni assoluta u bla eċċezzjoni. Il-Koran ikompli jgħid li jekk pajjiż jew poplu jkollu xi mibegħda lejk dan m'għandux iwaqqfek milli ġġib ruħek b'mod kompletament ġust u xieraq. Il-mibegħda jew ir-rivalitajiet m'għandhomx iwassluk għall-vendetta, jew għall-imġiba sproporzjonata. Jekk tixtieq li l-kunflitti jissolvew bl-aħjar mod, għamel ħiltek biex issib soluzzjonijiet paċifiċi. Napprezza li ħafna pajjiżi Ewropej taw iċ-ċans lil nies minn pajjiżi foqra jew sottożviluppati biex jissetiljaw f'pajjiżhom. Fost dawn hemm Musulmani wkoll. Tabilħaqq, ħafna huma l-Musulmani li jgħixu f'pajjiżek u b'hekk huma ċittadini tiegħek ukoll. Il-maġġoranza jirrispettaw il-liġijiet u huma sinċieri. Barra minn hekk, l-Iżlam jgħid bla tlaqliq li l-imħabba għal pajjiżek hija parti mill-fidi. Il-Komunità Aħmadija Musulmana taġixxi u tippromovi dan il-messaġġ madwar id-dinja. Dan huwa wkoll il-messaġġ tiegħi lejk, illi jekk dan il-messaġġ veru tal-Iżlam jixxandar ma' kullimkien, ir-rekwiżiti tal-imħabba lejn in-nazzjon u lejn il-paċi jibqgħu stabbiliti kemm fil-pajjiż kif ukoll bejn il-pajjiżi tad-dinja.

B'umiltà nitolbok, u tabilħaqq lill-mexxejja kollha tad-dinja, biex minflok tuża l-forza biex tissottometti nazzjonijiet oħra tuża d-diplomazija, id-djalogu u l-għaqal. Il-qawwiet prinċipali tad-dinja, bħal Franza, għandhom jagħmlu l-parti tagħhom biex titwaqqaf il-paċi. Huma m'għandhomx jużaw l-atti tal-pajjiżi ż-żgħar bħala bażi biex inaqqsu mill-armonija tad-dinja. B'dal-mod, infakkrek mill-ġdid biex tħabrek kemm tista' biex tevita li l-qawwiet minuri u maġġuri jiżbruffaw fit-Tielet Gwerra Dinjija. M'għandux ikun hemm dubju f'moħħna li jekk infallu f'dan, l-effetti u l-konsegwenzi ta' wara gwerra bħal din ma jkunux limitati biss għall-pajjiżi l-foqra tal-Ażja, l-Ewropa u l-Amerika; imma, il-ġenerazzjonijiet futuri tagħna jkollhom iġorru l-konsegwenzi

tal-azzjonijiet tagħna u t-tfal madwar id-dinja jitwieldu bid-difetti. Nitlob li l-mexxejja tad-dinja jaġixxu bl-għaqal u ma jħallux mibegħda reċiproka fuq skala żgħira bejn il-pajjiżi u n-nies tiżbroffa f'kunflitt globali. Jalla Alla l-Eżaltat jippermetti lilek u lill-mexxejja kollha tad-dinja biex tifhmu dan il-messaġġ.

Bl-isbaħ xewqat u talb,

Dejjem Tiegħek,



MIRŻA MASROOR AĦMAD
Kalifatul Masiħ V
Kap tal-Komunità Dinjija
Aħmadija Musulmana

ITTRA LILL-MAESTÀ TAGĦHA R-REĠINA TAR- RENJU UNIT U L-PAJJIŻI TAL-COMMONWEALTH

16 Gressenhall Road
Southfields, London
SW18 5QL, UK

Il-Maestà Tagħha, ir-Reġina Eliżabbetta II
Reġina tar-Renju Unit u l-Pajjiżi tal-Commonwealth
Il-Palazz ta' Buckingham
Londra, SW1A 1AA
Ir-Renju Unit

19 ta' April 2012

Il-Maestà tiegħek,

Bħala l-Kap tal-Komunità Aħmadija Musulmana, u f'isem il-miljuni ta' membri tal-Komunità Aħmadija Musulmana madwar id-dinja, nesprimi l-awgurju sinċier tiegħi lill-Maestà tagħha, ir-Reġina, fl-okkażjoni ta' ferħ tal-Ġublew tad-Djamanti. Aħna eċċezzjonalment grati lejn Alla s-Setgħani taċ-ċans li tagħna li nkunu parti minn din iċ-ċelebrazzjoni glorjuża. B'mod speċjali, il-Musulmani Aħmadin kollha li huma ċittadini tar-Renju Unit jieħdu pjaċir u sodisfazzjon kbir fl-okkażjoni tal-Ġublew tad-Djamanti. Għalhekk, f'isimhom, inwassal l-awgurju sinċier u mill-qalb tiegħi lejn il-Maestà Tagħha. Jalla Alla l-Eżaltat iżomm ir-Reġina ġeneruża tagħna perpetwalment kuntenta u ferħana.

Nimplora lil Alla l-iktar Nobbli li ħalaq is-sema u l-art u mliehom b'barkiet mingħajr għadd għas-sosteniment tagħna, biex jagħti lir-reġina tagħna, li l-ħakma ġeneruża tagħha tiġbor fiha ħafna stati sovrani u nazzjonijiet tal-Commonwealth, il-paċi, it-trankwillità u s-sigurtà. Hekk kif il-Maestà tagħha hi maħbuba u rispettata mis-suġġetti kollha tagħha, kbar u żgħar, nitolbu li l-Maestà tagħha tkun maħbuba mill-Anġli ta' Alla wkoll. Jalla Alla l-iktar b'Saħħtu u Qawwi, hekk kif taha b'abbundanza f'din id-dinja, iroxx b'ġenerożità fuq il-Maestà Tagħha t-tjubijiet u

l-barkiet spiritwali Tiegħu. Jalla li ċ-ċittadini ta' dan in-nazzjon kbir, permezz ta' dawn il-barkiet, ikunu jistgħu jagħrfu lil dan is-Sid Suprem u jibdew jgħixu bi mħabba u affezzjoni reċiproka. Bla distinzjoni ta' kulur, twemmin, nazzjonalità jew reliġjon jalla li ċ-ċittadini kollha tar-Renju Unit juru rispett u unur lejn xulxin, sal-punt, li l-impatt u l-influwenza pożittiva ta' din l-attitudni testendi 'l barra minn dawn ix-xtajtiet u tinfirex ukoll għand in-nies ta' pajjiżi oħra fid-dinja. Jalla d-dinja, li ħafna minnha tinsab imdaħħla fi gwerer, diżordni u mibegħda minflok issir santwarju ta' paċi, imħabba, fraternanza u ħbiberija. Jiena nemmen tabilħaqq li l-viżjoni u l-isforzi tal-Maestà tagħha jistgħu jilagħbu parti importanti fil-mixja lejn it-twettiq ta' dan l-objettiv kritiku u komprensiv.

Fl-aħħar seklu ġew miġġielda żewġ Gwerer Dinjija u fihom tilfu ħajjithom miljuni ta' nies. Illum, jekk id-differenzi bejn in-nazzjonijiet ikomplu jiżdiedu, dan fl-aħħar se jwassal biex tfaqqa' gwerra oħra dinjija. Il-probabiltà tal-użu tal-armi nukleari tkun tfisser li d-dinja jkollha tassisti għal distruzzjoni terribbli u mhux mistennija. Jalla Alla jevita katastrofu bħal dan milli jseħħ u jalla n-nies tad-dinja jkunu għaqlin u jħaddmu moħħhom. Nitlob b'umiltà lill-Maestà Tagħha biex tuża ċ-ċelebrazzjoni mimlija ferħ tal-Ġublew tad-Djamanti bħala favur lill-umanità, u tfakkar lin-nies li n-nazzjonijiet kollha, sija kbar kif ukoll żgħar, għandhom jgħixu fl-imħabba, il-paċi u l-armonija reċiproka.

F'dan il-kuntest, fl-okkażjoni ta' risq tal-Ġublew tad-Djamanti, nitlob b'umiltà lill-Maestà Tagħha biex tagħti messaġġ lid-dinja li s-segwaċi kollha ta' kull reliġjon kif ukoll dawk li ma jemmnux f'Alla għandhom dejjem jirrispettaw is-sentimenti ta' dawk li jħaddnu xi reliġjon. Illum, l-ideat żbaljati dwar l-Iżlam jiddominaw id-dinja. Dan fuq naħa jferi s-sentimenti ta' Musulmani li jħobbu l-paċi, fuq in-naħa l-oħra jiżviluppa l-istmerrija u l-isfiduċja fl-Iżlam f'qalb dawk li mhumiex Musulmani. B'dal-mod, dan ikun att kbir ta' tjieba u pjaċir lis-segwaċi ta' kull reliġjon, tabilħaqq lid-dinja kollha, jekk il-Maestà tagħha tiggwida lil kull bniedem biex juri rispett lejn kull reliġjon u s-segwaċi tagħha. Jalla s-Sid l-iktar Nobbli jipprovdi l-għajnuna u s-sokkors tiegħu lir-Reġina tagħna fil-qadi ta' dan l-objettiv.

Kif semmejt fil-bidu ta' din l-ittra, jien il-Kap tal-Komunità Dinjija Aħmadija Musulmana. F'dar-rigward, nixtieq nagħti ħarsa ħafifa lejn il-Komunità tagħna. Il-Komunità Aħmadija Musulmana temmen bis-sħiħ li l-Messija Mwiegħed[as] u Riformatur li, skont il-profeziji tal-Qaddis Profeta Muħammad[sa] u l-profeti tal-imgħoddi kien iddestinat li jiġi f'din l-era, mhuwa ħadd ħlief Ħażrat Mirża Gulam Aħmad[as] ta' Kadjan. Fl-1889, huwa waqqaf komunità ta' nies sewwa u safja – il-Komunità Aħmadija Musulmana. L-għan wara l-formazzjoni ta' din il-komunità kien it-twaqqif ta' relazzjoni bejn il-bniedem u Alla u l-inklinar tal-bnedmin lejn it-twettiq tad-drittijiet lejn xulxin biex b'hekk ikunu jistgħu jgħixu fir-rispett reċiproku u fir-rieda tajba. Meta Ħażrat Mirża Gulam Aħmad[as] ħalla din il-ħajja fl-1908, kellu madwar 400,000 dixxiplu. Wara li ġie nieqes, is-sistema tal-Kalifat kienet stabbilita skont ir-Rieda Divina u bħalissa, dan il-qaddej umli ta' Alla huwa l-Ħames Kalif tal-Messija Mwiegħed[as]. B'dal-mod, il-Komunità Aħmadija Musulmana tagħmel ħilitha biex tkompli l-missjoni tal-Fundatur tagħha madwar id-dinja. Il-messaġġ tagħna hu wieħed ta' mħabba, rikonċiljazzjoni u fraternanza u l-motto tagħna hu **'Imħabba għal Kulħadd, Mibegħda għal Ħadd'**. Fis-sewwa, din fis-sustanza tiġbor fiha t-tagħlim sabiħ tal-Iżlam.

Ikun pertinenti li nsemmu hawnhekk li b'koinċidenza sabiħa fl-era tal-Fundatur tal-Komunità Aħmadija Musulmana, ġie ċċelebrat il-Ġublew tad-Djamanti tal-Maestà tagħha r-Reġina Vittorja. Dakinhar, il-Fundatur tal-Komunità Aħmadija kiteb ktieb, bl-isem ta' *A gift for the Queen*, li fih kiteb messaġġ ta' awgurju lir-Reġina Vittorja. Fil-messaġġ tiegħu, Ħażrat Mirża Gulam Aħmad[as] radd ħajr lir-Reġina fl-okkażjoni tal-Ġublew tad-Djamanti tagħha u għall-mod ta' kif dawk suġġetti għat-tmexxija tagħha, inkluż il-poplu fis-Subkontinent tal-Indja, ingħataw il-ġustizzja u l-libertà reliġjuża u għexu fil-paċi. Huwa ppreżenta t-tagħlim sabiħ tal-Iżlam u wera biċ-ċar l-iskop tal-miġja u t-talba tiegħu. Għalkemm in-nies tas-Subkontinent issa ngħataw l-indipendenza mill-Gvern Ingliż, il-fatt li fl-Ingilterra l-gvern ħalla persuni ta' kulturi u reliġjonijiet differenti jgħixu hemm, u tahom drittijiet indaqs, il-libertà reliġjuża u l-libertà tal-espressjoni u t-tifrix ħieles tat-twemmin reliġjuż, hi prova biżżejjed tal-livell għoli ta' tollerenza tal-Ingilterra.

Illum, fir-Renju Unit hemm eluf ta' Musulmani Aħmadin. Ħafna minn dawn ħarbu hawn bħala refuġju għall-persekuzzjoni li kienu qed iħabbtu wiċċhom magħha f'pajjiżhom. Taħt it-tmexxija ġeneruża tal-Maestà Tagħha, jgħixu fil-paċi u barra l-ġustizzja għandhom ukoll il-libertà reliġjuża. Għal dil-ġenerożità, nixtieq mill-ġdid minn qalbi nesprimi l-gratitudni tiegħi lir-Reġina Nobbli tagħna.

Nagħlaq l-ittra tiegħi b'dit-talba lill-Maestà Tagħha, talba li hi virtwalment ugwali għal dik magħmula mill-Fundatur tal-Komunità Aħmadija Musulmana lill-Maestà Tagħha, ir-Reġina Vittorja:

> "O Alla Qawwi u Nobbli! Bil-Grazzja u l-Barkiet Tiegħek żomm lir-Reġina onorata tagħna dejjem ferħana, hekk kif aħna qed ngħixu ferħanin taħt il-ħakma benevolenti u twajba tagħha. Alla Omnipotenti! Kun twajjeb magħha u mimli mħabba, hekk kif aħna qed ngħixu fil-paċi u l-prosperità tal-ħakma ġeneruża u twajba tagħha."

Nitlob ukoll biex Alla l-Eżaltat imexxi r-Reġina onorata tagħna kif jogħġbu. Jalla Alla l-iktar Qawwi jmexxi wkoll lil wild il-Maestà tagħha biex dan jagħraf il-verità u jkollu l-ħila jmexxi lill-oħrajn lejha. Jalla l-attributi tal-ġustizzja u l-libertà jibqgħu prinċipji fundamentali tal-Monarkija Ingliża. Mill-ġdid ngħaddi l-awgurju mill-qalb tiegħi lill-Maestà Tagħha f'din l-okkażjoni ta' ferħ kbir. Nippreżenta l-awguri sinċiera u mill-qalb tiegħi lir-Reġina nobbli tagħna.

Bl-isbaħ xewqat u talb,

Dejjem Tiegħek,

MIRŻA MASROOR AĦMAD
Kalifatul Masiħ V
Kap tal-Komunità Dinjija
Aħmadija Musulmana

ITTRA LILL-KAP
SUPREM TAR-REPUBBLIKA
IŻLAMIKA TAL-IRAN

بسم الله الرحمن الرحيم
نحمده و نصلي على رسوله الكريم
وعلى عبده المسيح الموعود
خدا کے فضل اور رحم کے ساتھ
هوالناصر

16 Gressenhall Road
Southfields, London
SW18 5QL, UK

Kap Suprem tar-Repubblika Iżlamika tal-Iran
Ayatollah Syed Ali Hosseini Khamenei
Tehran, Iran

14 ta' Mejju 2012

Wisq Rispettat Ayatollah,

Assalamo Alaikum Wa Rehmatullahe Wa Barakatohu,

Alla l-iktar Qawwi tak il-possibiltà li taqdi 'l-Iżlam fl-Iran u fil-preżent, il-Gvern tal-Iran jiffunzjona wkoll taħt l-awspizju tiegħek. Dan jitlob minna li nħabirku kemm nifilħu biex inwasslu t-tagħlim Iżlamiku korrett lid-dinja. Bħala Musulmani, irridu nagħmlu l-almu tagħna biex ngħallmu lid-dinja tgħix fil-paċi, l-imħabba u l-armonija. B'mod partikolari, il-mexxejja Musulmani jridu jagħtu kas immedjatament ta' dan. Għal dir-raġuni, nitolbok tiġbed l-attenzjoni tal-Gvern tiegħek lejn ir-responsabiltajiet li għandu għat-twaqqif tal-paċi fid-dinja. L-Iran għandu dritt jiddefendi lilu nnifsu f'każ li jisfa attakkat, madankollu m'għandux jinstiga l-aggressjoni u jieħu l-ewwel passi f'każ ta' kunflitt. Minflok, għandu jsir sforz biex jitħallew fil-ġenb id-differenzi reliġjużi u wieħed għandu jipprova jsib l-għaqda fil-valuri li jgħaqqduna. Huwa propju dan il-mod li kien adottat fl-istorja tal-Iżlam.

Qed niktiblek din l-ittra għar-raġuni li għandi t-twemmin, u jien is-Suċċessur u l-Kalif tal-Messija Mwiegħed u l-Imam Maħdi[as], li l-miġja tiegħu f'din l-epoka kienet profetizzata mill-Qaddis Profeta Muħammad[sa]. Il-Komunità li hu waqqaf hi magħrufa bħala l-Komunità Aħmadija

Musulmana. Bil-grazzja ta' Alla, il-Komunità issa nfirxet f'200 pajjiż madwar id-dinja u għandha miljuni ta' segwaċi devoti mad-dinja kollha. Hija x-xewqa tagħna li niggwidaw id-dinja lejn għajxien fl-imħabba u l-paċi reċiproka. Għal dan il-għan niġbed kontinwament l-attenzjoni ta' nies mill-oqsma kollha tal-ħajja. Għalhekk, dan l-aħħar ktibt lill-Prim Ministru ta' Iżrael, lill-President tal-Istati Uniti, kif ukoll lill-mexxejja oħra tad-dinja. Dwar dan ktibt ukoll lill-Papa Benedittu XVI.

Bħala l-mexxej spiritwali ta' nazzjon Iżlamiku kbir, nittama li taqbel ukoll li jekk l-Ummah Musulmana tingħaqad kollha u taħdem flimkien, tkun tista' titwaqqaf il-paċi fid-dinja. M'għandniex bla raġuni nkebbsu x-xrar tal-mibegħda u tan-nuqqas ta' simpatiji; minflok, għandna nfittxu l-opportunitajiet għall-paċi u t-trankwillità. Barra minn hekk, saħansitra l-mibegħda jew l-oppożizzjoni m'għandhomx ikunu nieqsa mill-ġustizzja. Dan hu dak li ġejna mgħallma fil-Koran Imqaddes:

'O intom li temmnu! Kunu stinati fil-kawża ta' Alla, u agħtu xhieda ta' ġustizzja; u tħallux il-mibegħda tinċitakom biex ma taġixxux b'ġustizzja. Kunu dejjem ġusti, jiġifieri eqreb lejn is-sewwa. U ibżgħu minn Alla. Bla dubju, Alla jaf dak kollu li qed tagħmlu.' (*Surah Al-Ma'idah*, Vers 9).

Jalla Alla jippermetti lill-Ummah Musulmana u 'l-gvernijiet Musulmani biex jifhmu l-messaġġ tiegħi ħalli jippreparaw lilhom infushom biex jagħmlu l-parti tagħhom fi sforz biex titwaqqaf il-paċi fid-dinja.

Kienet l-imħabba tiegħi lejn l-umanità - prodott tal-imħabba li għandi lejn l-Ummah Musulmana kollha, kif ukoll għax jien innifsi membru tal-Ummah tal-'Ħniena għall-Umanità', li wasslitni biex nikteb din l-ittra. Jalla Alla jippermetti 'l-mexxejja tad-dinja biex jifhmu l-kliem tiegħi u jalla jkollhom sehem attiv fit-twaqqif tal-paċi fid-dinja. Inkella, jekk it-traskuraġni u l-għaġla ta' xi pajjiż twassal għall-gwerra sħiħa bejn żewġ pajjiżi; il-ħġejjeġ tal-gwerra jispiċċaw biex jibilgħu d-dinja kollha. B'dal-mod, it-tfaqqigħ ta' Gwerra Dinjija huwa kompletament plawsibbli, liema gwerra ma tkunx missielta b'armi konvenzjonali iżda b'armi atomiċi.

Gwerra nukleari twassal għal konsegwenzi terribbli u devastanti tant li l-effetti tagħha jipprovdu r-rigal terribbli lill-ġenerazzjonijiet futuri li jispiċċaw imwielda b'diżabbiltajiet u difetti. Għal dir-raġuni, l-ebda pajjiż m'għandu jħossu sigur minn din id-distruzzjoni imminenti.

Għalhekk, għal darba oħra, f'isem Alla u l-Messaġġier Tiegħu u bi mħabba u kompassjoni lejn l-umanità, nitolbok tilgħab il-parti tiegħek biex tistabbilixxi l-paċi fid-dinja.

Bl-isbaħ xewqat u talb,

Wassalam,

Dejjem Tiegħek,



MIRŻA MASROOR AĦMAD
Kalifatul Masiħ V
Kap tal-Komunità Dinjija
Aħmadija Musulmana

Nota tal-Pubblikatur

Innota li, f'din it-traduzzjoni, kliem mogħti f'parentesi () huwa kliem tal-Messija Mwiegħed[as]. Jekk xi kliem jew frażijiet huma miżjuda sabiex jispjegaw il-kontenut, dawn ikunu mogħtija f'parentesi kwadri [ ]. Notamenti fin-naħa ta' isfel (Footnotes), mogħtija mill-pubblikatur huma mmarkati '[Pubblikatur]'. Ir-referenzi kollha huma mit-traduzzjoni Ingliża tal-Koran Imqaddes minn Ħażrat Maulavi Sher Alira.

Dawn l-abbrevjazzjonijiet ġew użati. Il-qarrejja huma mħeġġa li jlissnu t-tislimiet sħaħ meta jaqraw il-ktieb:

sa *sallallahu 'alaihi wa sallam,* li tfisser 'Jalla s-sliem u l-barkiet ta' Alla jkunu fuqu', tinkiteb wara l-isem tal-Qaddis Profeta Muħammad[sa].

as *alaihis-salam,* li tfisser 'jalla l-paċi tkun fuqu', hija miktuba wara l-isem tal-Profeti barra dak tal-Qaddis Profeta Muħammad[sa].

ra *radiyallahu 'anhu/'anha/'anhum,* li tfisser 'Jalla Alla jkun kuntent bih/biha/bihom', tinkiteb wara l-ismijiet tad-Dixxipli tal-Qaddis Profeta Muħammad[sa] jew tal-Messija Mwiegħed[as].

aba *ayyadahullahu Ta'ala binasrihil-'Aziz,* li tfisser 'Jalla Alla l-Omnipotenti jagħtih l-għajnuna sħiħa tiegħu', tinkiteb wara l-isem tal-Mexxej attwali tal-Komunità Musulmana Aħmadija, Ħażrat Mirża Masroor Aħmad, Kalifatul Masiħ V[aba].

GLOSSARJU

Ahmadiyya Muslim Jamaat – Il-Komunità ta' Musulmani li aċċettaw l-istqarrija ta' Ħażrat Mirża Gulam Aħmad[as] ta' Kadjan (Qadian) bħala l-Messija Mwiegħed u Maħdi. Il-Komunità twaqqfet minn Ħażrat Mirża Gulam Aħmad[as] fl-1889, u issa tinsab taħt it-tmexxija tal-Ħames Kalif tagħha – Ħażrat Mirża Masroor Aħmad[aba]. Il-Komunità hi magħrufa wkoll bħala Jamaat-e-Ahmadiyya. Membru tal-Komunità hu magħruf bħala Musulman Aħmadi jew sempliċement Aħmadi.

Al-Imam al-Maħdi – It-titlu mogħti lill-Imwiegħed Riformatur mill-Qaddis Profeta Muħammad[sa]; tfisser il-mexxej iggwidat.

Amin – Terminu li jintqal wara talba li jfisser, 'jalla Alla jagħmel hekk'.

Assalamu 'alaikum wa raħmatullahe wa barakatohu – Merħba Iżlamika tradizzjonali, li tfisser, jalla l-paċi, il-grazzja u l-ħniena ta' Alla tkun dejjem miegħek.

Ħażrat – Titlu ta' rispett użat għall-persuna ta' tjieba u qdusija liema bħalha; lit. 'Il-Qdusija Tiegħu/Tagħha'.

Qaddis Profeta[sa] – Titlu użat esklussivament għall-Fundatur tal-Iżlam, Ħażrat Muħammad[sa], il-paċi u l-barkiet ta' Alla fuqu.

Koran Imqaddes – Il-Ktieb mibgħut minn Alla għall-gwida tal-umanità. Kien rivelat kelma b'kelma lill-Qaddis Profeta Muħammad[sa] fuq medda ta' tlieta u tletin sena.

Kalif – Suċċessur. Kalif ta' Alla huwa terminu użat għall-profeta. Kalif ta' Profeta jirreferi għas-Suċċessur li jkompli l-missjoni tiegħu.

Kalifatul-Masiħ – Terminu użat mill-Komunità Aħmadija Musulmana biex tirreferi għas-Suċċessuri tal-Messija Mwiegħed[as].

Kalifat – It-tifsira litterali tat-terminu hi suċċessjoni.

Maħdi – It-tifsira litterali ta' dil-kelma hi 'l-imdawwal'. Dan hu t-titlu mogħti mill-Qaddis Profeta Muħammad[sa] għar-Riformatur mistenni tal-aħħar żminijiet.

Il-Messija Mwiegħed – It-terminu jirreferi għall-Fundatur tal-Komunità Aħmadija Musulmana, Ħażrat Mirża Gulam Aħmad[as] ta' Kadjan. Huwa insista li ntbagħat minn Alla fuq il-profeziji tal-Qaddis Profeta Muħammad[sa] skont il-miġja ta' al-Imam al-Mahdi (il-Mexxej Imdawwal) u Messija.

IL-KRIŻI DINJIJA
U T-TRIQ
GĦALL-PAĊI

Id-dinja għaddejja minn żminijiet verament diffiċli. Il-kriżi ekonomika globali tissokta tikxfilna perikli ġodda u aktar serji kważi kull ġimgħa. Ix-xebh maċ-ċirkostanzi li kienu jeżistu fil-perjodu ta' qabel it-Tieni Gwerra Dinjija huwa indikattiv ħafna u huwa evidenti li l-ġrajjiet li qed iseħħu llum qed iressqu lid-dinja b'pass mgħaġġel lejn it-Tielet Gwerra Dinjija, li tista' tkun devastanti.

F'dan il-ktieb, il-Qdusija Tiegħu, Mirża Masroor Aħmad[aba], Kap tal-Komunità Dinjija Aħmadija Musulmana, iwiddeb lid-dinja mill-perikli li resqin b'għaġla fuqha u jissuġġerixxi kif din tista' tevita diżastru u tfassal triq għall-paċi.

ISBN 978-1-84480-671-3